

32006D0860

7.12.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-UNJONI EWROPEA

L 342/1

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Novembru 2006

li tikkonċerna speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' kontroll u l-kmand u sinjalazzjoni tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja u li temenda l-Anness A tad-Deċiżjoni 2006/679/KE li tikkonċerna l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' kontroll u l-kmand u sinjalazzjoni tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea konvenzjonali

(notifikata bid-dokument numru C(2006) 5211)

(Test b'rilevanza taż-ŻEE)

(2006/860/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/447/KE aġġornat it-TSI annessa fl-anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/731/KE;

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE tat-23 ta' Lulju 1996 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

- (4) Huwa meħtieġ li dik l-ewwel TSI tkun riveduta fid-dawl tal-progress u l-esperjenza teknika miksuba mill-implimentazzjoni tagħha.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

- (5) Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 96/48/KE u 2001/16/KE, l-AEIF, bħala korp rappreżentattiv konġunt, kien mogħti mandat biex jipprepara r-reviżjoni u l-immodernizzar ta' dik l-ewwel TSI.

Billi:

- (6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/679/KE stabbilixxiet l-ewwel speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' kmand u kontroll u sinjalazzjoni tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea konvenzjonali;

- (1) Skont l-Artikolu 2(c) u l-Anness II tad-Direttiva 96/48/KE, is-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja hija suddiviża f'subsistemi strutturali jew funzjonali, inkluż subsistema ta' Kontroll u Kmand u ta' sinjalazzjoni.

- (7) L-Anness A tat-TSI anness mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/679/KE ⁽⁴⁾ kien fih referenzi żbaljati u għandu għalhekk ikun sostitwit bl-Anness A tat-TSI anness ma' din id-Deċiżjoni;

- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/731/KE ⁽³⁾ stabbilixxiet l-ewwel speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà (technical specification for interoperability, TSI) relatata mas-subsistema ta' kmand-kontroll u sinjalazzjoni tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' Veloċità Għolja;

- (8) It-Taqsima 7.4.2.3 tat-TSI annessa mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/679/KE għandha tkun aġġornata sabiex tqis aħjar is-sitwazzjoni speċifika ta' lokomotivi u ferroviji b'distanza bejn il-linji ferrovjarji ta' 1520 mm kif muri fit-Taqsima 7.5.2.3 tat-TSI annessa ma' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 235, 17.9.1996, p. 6.

⁽²⁾ ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1. Id-Direttiva kif emendata mid-Direttiva 2004/50/KE (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 114).

⁽³⁾ ĠU L 245, 12.9.2002, p. 37. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/447/KE, ĠU L 193, 1.6.2004, p. 53.

⁽⁴⁾ ĠU L 284, 16.10.2006, p. 1.

- (9) L-abbozz rivedut tat-TSI kien eżaminat mill-Kumitat stabbilit mid-Direttiva 96/48/KE.
- (10) Din it-TSI għandha tapplika għal infrastruttura ġdida jew aġġornata u rinnovata, skont ċerti kundizzjonijiet.
- (11) L-ewwel TSI li tikkonċerna s-subsistema tal-“Kontroll u Kmand” daħlet fis-seħħ fl-2002. Minħabba l-impenji kuntrattwali eżistenti, is-subsistemi ta' Kontroll u Kmand jew Sinjalazzjoni jew kostitwenti tal-interoperabbiltà ġodda, jew it-tiġdid jew aġġornament tagħhom għandu jkun suġġett għall-evalwazzjoni tal-konformità skont id-dispożizzjonijiet ta' din l-ewwel TSI. Barra minn hekk, l-ewwel TSI għandha tibqa' applikabbli għall-iskopijiet tal-manutenzjoni, sostituzzjonijiet relatati mal-manutenzjoni għal komponenti tal-kostitwenti tas-subsistema u l-interoperabbiltà awtorizzati taħt l-ewwel TSI. Għalhekk, l-effetti tad-Deċiżjoni 2002/731/KE għandhom jinżammu fis-seħħ fir-rigward tal-manutenzjoni ta' proġetti awtorizzati skont it-TSI annessa ma' dik id-Deċiżjoni u ma' proġetti għal linja ġdida u għat-tiġdid jew aġġornament ta' linja eżistenti li huma fi stadju avvanzat tal-iżvilupp jew is-suġġett ta' kuntratt li qed iseħħ fid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.
- (12) Sabiex tkun stabbilita d-differenza taħt il-qafas tal-applikazzjoni tal-ewwel TSI, mill-ewwel TSI li hija fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw, mhux iktar tard minn sitt xhur wara d-data li fiha din id-Deċiżjoni ssir applikabbli, lista eżawrjenti tas-subsistemi u kostitwenti tal-interoperabbiltà li għadha tapplika għalihom l-ewwel TSI.
- (13) Din it-TSI ma timponix l-użu ta' teknoloġiji speċifiċi jew soluzzjonijiet tekniċi minbarra meta dan ikun strettament meħtieġ għall-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja.
- (14) Din it-TSI tippermetti, għal perġodu limitat taż-żmien, li kostitwenti tal-interoperabbiltà jkunu inkorporati f'subsistemi mingħajr ċertifikazzjoni jekk jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet.
- (15) Fil-verżjoni kurrenti tagħha din l-STI ma tittrattax kompletament il-ħtiġijiet essenzjali kollha. Skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 96/48/KE aspetti tekniċi li mhumiex koperti huma identifikati bħala “Punti Miftuħa” fl-Anness G ta' din it-TSI. Skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 96/48/KE, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni lista tar-regoli tekniċi nazzjonali tagħhom relatati mal-“Punti Miftuħa” u l-proċeduri li jintużaw għall-evalwazzjoni tal-konformità tagħhom.
- (16) Fir-rigward tal-każijiet speċifiċi deskritti fil-Kapitolu 7 ta' din it-TSI, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar il-proċeduri tal-evalwazzjoni tal-konformità li għandhom ikunu użati.
- (17) It-TSI għandha tindika l-istadji li għandhom jitwettqu sabiex issir tranżizzjoni gradwali mis-sitwazzjoni eżistenti għas-sitwazzjoni finali li fiha l-konformità tat-TSIs għandha tkun in-norma;
- (18) Din tal-aħħar teħtieġ li kull Stat Membru jistabbilixxi pjan ta' implimentazzjoni nazzjonali tat-TSI;
- (19) Il-migrazzjoni lejn is-sistema mmirata tal-Klassi A kif definit fit-TSI jeħtieġ li jittieħdu miżuri adatti fuq livell nazzjonali sabiex tkun iffaċilitata din il-migrazzjoni u għandha tingħata rilevanza partikolari lil Moduli ta' Trażmissjoni Speċifiċi esterni għas-sistemi ta' kmand-u-kontroll tal-legati nazzjonali tal-Klassi B.
- (20) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 21 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Speċifikazzjoni Teknika għall-Interoperabbiltà (Technical Specification for Interoperability, “TSI”) relatata mas-subsistema tal-“Kontroll u Kmand u sinjalazzjoni” tal-linja ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja, hija hawnhekk adottata mill-Kummissjoni. It-TSI għandha tkun kif stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din it-TSI għandha tkun applikabbli għall-vetturi jew linji ferrovjarji kollha ġodda, aġġornati jew rinnovati tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja kif definit fl-Anness I tad-Direttiva 96/48/KE.

Artikolu 3

1. Fir-rigward tas-sistemi msemija fl-Anness B tat-TSI u ta' daww il-kwistjonijiet kklassifikati bħala “Punti Miftuħa” fl-Anness G tat-TSI, il-kundizzjonijiet li għandhom jintlaħqu għall-verifika tal-interoperabbiltà skont it-tifsira tal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 96/48/KE għandhom ikunu daww ir-regoli tekniċi applikabbli li jintużaw fl-Istat Membru li jawtorizza t-tqegħid fis-servizz tas-subsistemi koperti minn din id-Deċiżjoni.

2. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur min-notifika ta' din id-Deċiżjoni:

- (a) il-lista tar-regoli tekniċi applikabbli msemija fil-paragrafu 1;
- (b) il-proċeduri ta' evalwazzjoni tal-konformità u ta' verifika li għandhom ikunu applikati rigward l-applikazzjoni tar-regoli tekniċi applikabbli msemija fil-paragrafu 1;
- (c) l-entitajiet li jaħtar biex itwettqu daww il-proċeduri ta' evalwazzjoni tal-konformità u ta' verifika.

Artikolu 4

Fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet kklassifikati bħala "Każijiet Speċifiċi" stabbiliti fil-Kapitolu 7 tat-TSI l-proċeduri tal-evalwazzjoni tal-konformità għandhom ikunu dawk applikabbli fl-Istati Membri. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur min-notifika ta' din id-Deċiżjoni:

- (a) il-proċeduri ta' evalwazzjoni tal-konformità u ta' verifika li għandhom ikunu applikati rigward l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli;
- (b) l-entitajiet li jaħtar biex itwettqu dawk il-proċeduri ta' evalwazzjoni tal-konformità u ta' verifika.

Artikolu 5

It-TSI tippermetti perjodu ta' tranżizzjoni li fih tista' titwettaq l-evalwazzjoni tal-konformità u ċ-ċertifikazzjoni ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà bħala parti mis-subsistema. Matul dan il-perjodu l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar liema kostitwenti tal-interoperabbiltà kienu evalwati b'dan il-mod sabiex is-suq tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà jkun issorveljat mill-qrib u l-passi meħuda biex jiffaċilitaw dan.

Artikolu 6

Id-Deċiżjoni 2002/731/KE hija hawnhekk imħassra. Id-dispożizzjonijiet tagħha għandhom madankollu jkomplu japplikaw fir-rigward tal-manutenzjoni ta' proġetti awtorizzati skont it-TSI annessa ma' dik id-Deċiżjoni u ma' proġetti għal linja ġdida u għat-tiġdid jew aġġornament ta' linja eżistenti li huma fi stadju avvanzat tal-iżvilupp jew is-suġġett ta' kuntratt li qed iseħħ fid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lista eżawrjenti tas-subsistemi u l-kostitwenti tal-interoperabbiltà li d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2002/731/KE jibqgħu japplikaw għalihom lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn sitt xhur wara d-data li fiha din id-Deċiżjoni ssir applikabbli.

Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjan ta' implimentazzjoni nazzjonali tat-TSI skont il-kriterji speċifikati fil-Kapitolu 7 tal-Anness.

Dawn għandhom jibagħtu dan il-pjan ta' implimentazzjoni lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn sitt xhur wara d-data li fiha din id-Deċiżjoni ssir applikabbli.

Fuq il-bażi ta' dawn il-pjanijiet nazzjonali, il-Kummissjoni għandha tfassal abbozz ta' Pjan ta' Direzzjoni tal-UE skont il-prinċipji stabbiliti fil-Kapitolu 7 tal-Anness.

Artikolu 8

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-funzjonalità tas-sistemi tal-legati tal-Klassi B imsemmija fl-Anness B tat-TSI kif ukoll l-interfejs tagħhom jinżammu kif huwa speċifikat preżentement bl-esklużjoni ta' dawk il-modifiki li jistgħu jkunu kkunsidrati meħtieġa sabiex jimmitigaw difetti relatati mas-sigurtà f'dawn is-sistemi.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli dik l-informazzjoni li tirrigwarda s-sistemi tal-legati tagħhom kif hu meħtieġ għal skopijiet tal-iżvilupp u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà ta' apparat li jippermetti l-interoperabbiltà ta' tagħmir tal-Klassi A kif definit fl-Anness A tat-TSI bil-faċilitajiet tal-legat tal-Klassi B tagħhom.

Artikolu 9

L-Anness A tat-TSI anness mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/679/KE tat-28 ta' Marzu 2006 relatat mas-subsistema tal-Kontroll u Kmand u s-subsistema ta' sinjalazzjoni tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea konvenzjonali, huwa sostitwit mill-Anness A tat-TSI anness ma' din id-Deċiżjoni. It-Taqsima 7.4.2.3 tat-TSI annessa mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/679/KE tat-28 ta' Marzu 2006, hija mħassra permezz tat-Taqsima 7.5.2.3 tat-TSI annessa ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 10

Din id-Deċiżjoni għandha ssir applikabbli fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 11

Din id-Deċiżjoni tindirizza lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, fis-7 ta' Novembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Viċi-President

ANNEX

1. INTRODUZZJONI

1.1. **Ambitu tekniku**

Din it-TSI tikkonċerna s-subsistema tal-Kontroll u Kmand u Sinjalazzjoni u parti mis-subsistema tal-manutenzjoni tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja. Dawn huma inklużi fil-lista tal-Anness II(1) tad-Direttiva 96/48/KE.

Iktar informazzjoni dwar is-Subsistema tal-Kontroll u Kmand hija pprovduta fil-Kapitolu 2 (Definizzjoni u Ambitu tas-Subsistema).

1.2. **Ambitu ġeografiku**

L-ambitu ġeografiku ta' din it-TSI hija s-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja kif deskritta fl-Anness I tad-Direttiva 96/48/KE.

1.3. **Kontenut ta' din it-TSI**

Skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 96/48/KE, din it-TSI:

- (a) tindika l-ambitu maħsub tagħha (parti min-network jew vetturi ferrovjarji msemmija fl-Anness I tad-Direttiva; subsistema jew parti mis-subsistema msemmija fl-Anness II tad-Direttiva) — Kapitolu 2 (Definizzjoni u Ambitu tas-Subsistema);
- (b) tistabbilixxi l-ħtiġijiet essenzjali għas-Subsistema ta' Kontroll u Kmand ikkonċernata u l-interfejsis tagħha meta mqabbla ma' subsistemi oħra — Kapitolu 3 (Il-Ħtiġijiet Essenzjali tas-Subsistema ta' Kontroll u Kmand);
- (c) tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi li għandhom jitwettqu mis-subsistema u l-interfejsis tagħha meta mqabbla ma' subsistemi oħra. Jekk ikun meħtieġ, daww l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jvarjaw skont l-użu tas-subsistema, pereżempju skont il-kategoriji tal-linji, hubs u/jew vetturi ferrovjarji provduti fl-Anness I tad-Direttiva — Kapitolu 4 (Karatterizzazzjoni tas-Subsistema);
- (d) tiddetermina l-kostitwenti tal-interoperabbiltà u l-interfejsis koperti minn speċifikazzjonijiet Ewropej, inkluż standards Ewropej, li huma meħtieġa biex jiksibu interoperabbiltà fis-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja — Kapitolu 5 (Kostitwenti tal-Interoperabbiltà);
- (e) tiddikjara, f'kull każ ikkunsidrat, il-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità jew l-adegwatezza għall-użu. Dan jinkludi b'mod partikolari l-moduli definiti fid-Deċiżjoni 93/465/KEE jew, fejn adatt, il-proċeduri speċifiċi li għandhom jintużaw għall-evalwazzjoni tal-konformità jew tal-adegwatezza għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà u verifika tas-subsistemi tal-"KE" — Kapitolu 6 (Evalwazzjoni tal-Konformità u/jew Adegwatezza għall-Użu tal-Kostitwenti u l-Verifika tas-Subsistema);
- (f) tindika l-istrateġija għall-implimentazzjoni tat-TSI. B'mod partikolari, huwa meħtieġ li jkunu speċifikati l-istadji li għandhom jitwettqu sabiex issir tranżizzjoni gradwali mis-sitwazzjoni eżistenti għas-sitwazzjoni finali li fiha l-konformità tat-TSIs għandha tkun in-norma — Kapitolu 7 (Implimentazzjoni tal-Kontroll u Kmand tat-TSI);
- (g) tindika, għall-persunal ikkonċernat, il-kwalifiki professjonali u l-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol meħtieġa għat-tħaddim u l-manutenzjoni tas-subsistema kkonċernata, kif ukoll għall-implimentazzjoni tat-TSI — Kapitolu 4 (Karatterizzazzjoni tas-Subsistema).

Barra minn hekk, tista' ssir dispożizzjoni għall-każijiet speċifiċi għal kull TSI; dawn huma indikati fil-Kapitolu 7 (Implimentazzjoni tal-Kontroll u Kmand tat-TSI).

Fl-aħħar nett, din it-TSI tinkludi wkoll, fil-Kapitolu 4 (Karatterizzazzjoni tas-Subsistema), ir-regoli tal-operazzjoni u l-manutenzjoni speċifiċi għall-ambitu indikat fit-Taqsimiet 1.1 (Ambitu tekniku) u t-Taqsima 1.2 (Ambitu ġeografiku).

2. DEFINIZZJONI U AMBITU TAS-SUBSISTEMA

2.1. Ġenerali

Is-Subsistema tal-Kontroll u Kmand hija definita bħala dak is-sett ta' funzjonijiet u l-implimentazzjoni tagħhom, li jippermetti l-moviment sigur tal-ferroviji.

It-TSI tal-Kontroll u Kmand tiddefinixxi l-ħtiġijiet essenzjali għal daww il-partijiet tas-Subsistema tal-Kontroll u Kmand li għandhom rilevanza għall-interoperabbiltà, u għalhekk huma suġġetti għad-dikjarazzjoni ta' verifika tal-KE.

Il-karatteristiċi tas-Subsistema tal-Kontroll u Kmand li huma relatati mal-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea b'veloċità għolja huma determinati minn:

1. Il-FUNZJONIJET li huma essenzjali għall-kontroll sigur tat-traffiku ferrovjarju, u li huma essenzjali għat-tħaddim, inklużi daww meħtieġa taħt moduli degradati ⁽¹⁾.
2. L-INTERFEJSIS.
3. Il-livell tal-PRESTAZZJONI meħtieġa biex jitlaħqu l-ħtiġijiet essenzjali.

L-ispeċifikazzjoni ta' dawn il-funzjonijiet, interfejsis u ħtiġijiet ta' prestazzjoni huma pprovduti fil-Kapitolu 4 (Karatterizzazzjoni tas-Subsistema) fejn hemm referenza għal standards ta' sostenn.

2.2. Ħarsa ġenerali

L-interoperabbiltà tan-netwerk ferrovjarju trans-Ewropew ta' veloċità għolja tiddependi parzjalment fuq il-ħila tat-tagħmir tal-Kontroll u Kmand li jintuża abbord li jaħdem ma' tagħmir differenti maġenb il-binarij.

Minħabba l-mobbiltà tal-parti abbord, is-Subsistema tal-Kontroll u Kmand hija maqsuma f'żewġ partijiet: Armar Abbord u Armar Maġenb il-Binarij (ara l-Anness D).

2.2.1. Interoperabbiltà

Din it-TSI tiddefinixxi l-funzjonijiet, l-interfejsis u l-ħtiġijiet tal-prestazzjoni biex jiżguraw il-kisba tal-interoperabbiltà teknika. L-interoperabbiltà teknika hija pre-rekwiżit għall-interoperabbiltà operattiva, li fiha is-sewqan huwa bbażat fuq informazzjoni konsistenti murija fil-kabini u tikkonforma mal-ħtiġijiet operattivi unifikati definiti għan-netwerk trans-Ewropew ta' veloċità għolja. Din it-TSI tinkludi wkoll funzjonijiet li huma meħtieġa biex tinkiseb l-interoperabbiltà operattiva (ara t-Taqsim 4.3.1 Interfejs għas-Subsistema tal-Operazzjoni u l-Maniġment tat-Traffiku).

2.2.2. Klassijiet tas-Sistemi tal-Kontroll u Kmand

Fis-Subsistema tal-Kontroll u Kmand żewġ klassijiet ta' sistemi ta' protezzjoni tal-ferroviji, komunikazzjoni bir-radju, HABD u s-sistemi ta' lokalizzazzjoni tal-ferroviji huma definiti:

Klassi A: Is-sistema unifikata tal-Kontroll u Kmand.

Klassi B: Sistemi u applikazzjonijiet tal-Kontroll u Kmand eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 96/48/KE, limitati għal daww deskritti fl-Anness B.

Sabiex tinkiseb l-Interoperabbiltà, l-Armar Abbord tal-Kontroll u Kmand tal-ferroviji għandha tipprovi:

- l-interfejsis tal-komunikazzjoni bir-radju u tal-informazzjoni tal-Klassi A lill-infrastruttura, f'każ ta' operazzjoni ma' infrastruttura tal-Klassi A,
- l-interfejsis tal-komunikazzjoni bir-radju u tal-informazzjoni tal-Klassi B lill-infrastruttura, f'każ ta' operazzjoni ma' infrastruttura tal-Klassi B. Għall-informazzjoni ta' sinjalazzjoni, dan jista' jinkiseb permezz tal-użu ta' Modulu Speċifiku ta' Trażmissjoni (Specific Transmission Module, STM) li jippermetti li Sistema abbord il-Klassi A topera fuq il-linji mġhamra b'sistema Maġenb tal-Binarij tal-Klassi B li tuża informazzjoni tal-Klassi B. L-interfejs bejn is-sistema Abbord il-Klassi A u dik tal-STM hija definita f'din it-TSI.

L-Istati Membri huma responsabbli biex jiżguraw li s-sistemi tal-Klassi B jkunu amministrati matul il-perjodu tal-utilità tagħhom; b'mod partikolari kwalunkwe tibdil f'dawn l-ispeċifikazzjonijiet ma għandux jaffettwa l-interoperabbiltà.

⁽¹⁾ Modulu degradat: mod ta' operazzjoni fil-preżenza ta' hsrat, li kien antiċipat fid-disinn tas-subsistema tal-Kontroll u Kmand.

2.2.3. Livelli ta' Applikazzjoni (ERTMS/ETCS)

L-interfejsis speċifikati minn din it-TSI jiddefinixxu l-mezzi tat-trażmissjoni tal-informazzjoni lejn, u xi kultant minn, il-ferroviji. L-ispeċifikazzjonijiet tal-Klassi A msemmija mit-TSI jipprovdu l-alternattivi li minnhom proġett jista' jagħżel il-mezzi tat-trażmissjoni li jissodisfaw il-ħtiġijiet tiegħu. Tliet livelli ta' applikazzjoni huma definiti:

Livell 1: It-trażmissjoni tad-dejta tinkiseb permezz ta' spot transmission (Eurobalise) u f'xi każijiet permezz ta' trażmissjoni semi-kontinwa (Euroloop jew radio infill). Il-lokalizzazzjoni tal-ferroviji tinkiseb permezz ta' tagħmir ibbażat fuq il-binarij, ġeneralment ċirkwiti tal-binarij jew kalkolaturi tad-dawrien tal-fusien. L-informazzjoni tas-sinjallazzjoni hija kkomunikata lix-xufier permezz ta' tagħmir fil-kabina tas-sewqan u, alternattivament, sinjali maġenb il-binarij.

Livell 2: It-trażmissjoni tad-dejta tinkiseb permezz ta' trażmissjoni kontinwa bir-radju (GSM-R). Għal xi funzjonijiet, it-trażmissjoni bir-radju teħtieġ li tkun kumplementata minn spot transmission (Eurobalise). Il-lokalizzazzjoni tal-ferroviji tinkiseb permezz ta' tagħmir ibbażat fuq il-binarij, ġeneralment ċirkwiti tal-binarij jew kalkolaturi tad-dawrien tal-fusien. L-informazzjoni tas-sinjallazzjoni hija kkomunikata lix-xufier permezz ta' tagħmir fil-kabina tas-sewqan u, alternattivament, sinjali maġenb il-binarij.

Livell 3: It-trażmissjoni tad-dejta tinkiseb permezz ta' trażmissjoni kontinwa bir-radju (GSM-R). Għal xi funzjonijiet, it-trażmissjoni bir-radju teħtieġ li tkun kumplementata minn spot transmission (Eurobalise). Il-lokalizzazzjoni tal-ferroviji tinkiseb permezz ta' tagħmir abbord, li jirrapporta lill-Armar Maġenb il-Binarij tal-Kontroll u Kmand. L-informazzjoni tas-sinjallazzjoni hija kkomunikata lix-xufier permezz ta' tagħmir fil-kabina tas-sewqan.

Il-ħtiġijiet ta' din it-TSI japplikaw għal-livelli kollha ta' applikazzjoni. L-implimentazzjoni hija indirizzata fil-Kapitolu 7 (Implimentazzjoni tat-TSI tal-Kontroll u Kmand). Fervija mġhamma b'sistema Abbord il-Klassi A għal livell partikolari ta' applikazzjoni għandha tkun tista' topera fuq dak il-livell u kwalunkwe livell iktar baxx minnu.

2.2.4. Il-Konfini tan-Netzwerk tal-Infrastruttura

L-interfejsis tekniċi lokali bejn l-Armar Maġenb il-Binarij tal-Kontroll u Kmand tal-infrastrutturi fil-viċinat ma għandhomx jostakolaw it-tranżitu mingħajr interruzzjoni tal-ferroviji meta jaqsmu l-konfini bejniethom.

Kwalunkwe ferrovija ta' veloċità għolja jew konvenzjonali mġhamma b'sistema Abbord il-Klassi A skont it-TSI korrispondenti ma għandhiex, għal raġunijiet li jikkonċernaw waħda miż-żewġ TSIs, tkun limitata biex topera fuq kwalunkwe rotta trans-Ewropea ta' veloċità għolja jew konvenzjonali bl-infrastruttura mġhamma b'sistema Maġenb il-Binarij tal-Klassi A skont it-TSI korrispondenti, immedjatament meta r-reġistru tal-Vetturi Ferrovjarji ta' dik il-ferrovija u r-reġistru tal-Infrastruttura ta' dik ir-rotta kienu verifikati għall-interoperabbiltà.

3. IL-ĦTIĠIJET ESSENZJALI TAS-SUBSISTEMA TAL-KONTROLL U KMAND

3.1. Ġenerali

Id-Direttiva tal-Interoperabbiltà 96/48/KE l-Artikolu 4(1) teħtieġ li s-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja, Subsistemi u l-Kostitwenti tal-Interoperabbiltà inklużi l-interfejsis jissodisfaw il-ħtiġijiet Essenzjali stabbiliti fit-termini ġenerali tal-Anness III tad-Direttiva. Il-ħtiġijiet Essenzjali huma:

- Is-Sigurtà.
- Il-Kredibbiltà u d-Disponibbiltà.
- Is-Saħħa.
- Il-Protezzjoni Ambjentali.
- Il-Kompatibbiltà Teknika.

Id-Direttiva tippermetti li l-ħtiġijiet Essenzjali jistgħu jkunu applikati lis-sistema ferrovjarja kollha trans-Ewropea ta' veloċità għolja jew ikunu speċifiċi għal kull Subsistema u l-kostitwenti tal-interoperabbiltà tagħha.

Il-ħtiġijiet Essenzjali huma kkunsidrati wieħed wieħed, hawn taħt. Il-ħtiġijiet fuq sistemi tal-Klassi B jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru rilevanti.

3.2. **Aspetti Speċifiċi għas-Subsistema tal-Kontroll u Kmand**

3.2.1. **Sigurtà**

Kull proġett li tapplika għalih din l-ispeċifikazzjoni għandu jkiegħed fis-seħħ il-miżuri meħtieġa biex juri li l-livell tar-riskju li jseħħ inċident li huwa fl-ambitu tas-Subsistema tal-Kontroll u Kmand, mhuwiex akbar mill-mira għas-servizz. Sabiex ikun żgurat li s-soluzzjonijiet għall-kisba tas-sigurtà ma jipperikolawx l-interoperabbiltà, il-ħtiġijiet tal-parametru bażiku definiti fit-Taqsima 4.2.1 (Karatteristiċi ta' sigurtà tal-Kontroll u Kmand rilevanti għall-interoperabbiltà) għandhom ikunu rispettati.

Għas-sistema tal-Klassi A (ERTMS/ETCS), il-mira tas-sigurtà globali għas-Subsistema hija maqsuma bejn l-Armar Abbord u Maġenb il-Binarji. Il-ħtiġijiet dettaljati huma speċifikati fil-parametru bażiku definit fit-Taqsima 4.2.1 (Karatteristiċi tas-sigurtà ta' Kontroll u Kmand rilevanti għall-interoperabbiltà). Din il-ħtieġa tas-sigurtà għandha tintlaħaq flimkien mal-ħtiġijiet ta' disponibbiltà kif definiti fit-Taqsima 3.2.2 (Kredibbiltà u Disponibbiltà).

Għal sistemi tal-Klassi B użati għal tħaddim ferrovjarju trans-Ewropew ta' veloċità għolja, huwa taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru rilevanti (definit fl-Anness B) li:

- jiżguraw li d-disinn tas-sistema tal-Klassi B jilħaq il-Miri tas-sigurtà nazzjonali,
- jiżguraw li l-applikazzjoni tas-sistema tal-Klassi B tilħaq il-Miri tas-sigurtà nazzjonali,
- jiddefinixxu l-parametri ta' operazzjoni sigura u kundizzjonijiet għall-użu tas-sistema tal-Klassi B (inkluż, iżda mhux limitat għal, manutenzjoni u moduli degradati).

3.2.2. **Kredibbiltà u Disponibbiltà**

- (a) Għal sistema tal-Klassi A, il-miri tal-kredibbiltà u d-disponibbiltà globali għas-Subsistema huma maqsuma bejn l-Armar Abbord u dawk Maġenb il-Binarji. Il-ħtiġijiet dettaljati huma speċifikati fil-Parametru Bażiku definit fit-Taqsima 4.2.1 (Karatteristiċi tas-sigurtà ta' Kontroll u Kmand rilevanti għall-interoperabbiltà).
- (b) Il-kwalità tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni għas-sistemi kollha li jinkludu s-Subsistema tal-Kontroll u Kmand għandha tiżgura li l-livell tar-riskju rigward l-età u l-użu tal-kostitwenti jiġi kkontrollat. Il-kwalità tal-manutenzjoni għandha tiżgura li s-sigurtà ma tkunx preġudikata minħabba dawn l-attivitàjiet. Ara t-Taqsima 4.5 (Regoli tal-manutenzjoni).

3.2.3. **Saħħa**

Skont ir-regolamenti Ewropej u r-regolamenti nazzjonali li huma kompatibbli mal-leġislazzjoni Ewropea, għandhom jittieħdu prekawzjonijiet biex ikun żgurat li l-materjali użati fi u d-disinn tas-Subsistemi tal-Kontroll u Kmand ma jikkostitwixxux periklu għas-saħħa tal-persuni li għandhom aċċess għalihom.

3.2.4. **Protezzjoni Ambjentali**

Skont ir-regolamenti Ewropej u r-regolamenti nazzjonali li huma kompatibbli mal-leġislazzjoni Ewropea:

- It-tagħmir tal-Kontroll u Kmand, jekk ikun suġġett għal sħana eċċessiva jew nirien, ma għandux jaqbeż il-limiti tal-emissjoni ta' dħaħen jew gassijiet li jikkawżaw dannu lill-ambjent.
- It-tagħmir tal-Kontroll u Kmand ma għandux jinkludi sustanzi li matul l-użu normali tagħhom jistgħu jikkontaminaw lill-ambjent b'mod mhux normali.
- It-tagħmir tal-Kontroll u Kmand għandu jkun suġġett għal-leġislazzjoni Ewropea fis-seħħ li tikkontrolla l-limiti tal-emissjoni ta' u s-suxxettibbiltà għal interferenza elettromanjetika fuq il-fruntieri tal-proprjetà ferrovjarja.
- It-tagħmir tal-Kontroll u Kmand għandu jikkonforma mar-regolamenti eżistenti dwar it-tniġġiż bl-istorbju.
- It-tagħmir tal-Kontroll u Kmand ma għandu jwassal għal ebda livell mhux ammissibbli ta' vibrazzjoni li jista' jipperikola l-integrità tal-infrastruttura (meta l-infrastruttura tkun fi stat korrett ta' manutenzjoni).

3.2.5. **Kompatibbiltà Teknika**

Il-kompatibbiltà teknika tinkludi l-funzjonijiet, interfejsis u prestazzjonijiet meħtieġa biex tinkiseb l-interoperabbiltà.

Il-ħtiġijiet tal-kompatibbiltà teknika huma suddiviżi fit-tliet kategoriji li ġejjin:

- L-ewwel kategorija tistabbilixxi l-ħtiġijiet ġenerali tal-inġinerija għall-interoperabbiltà, jiġifieri l-kundizzjonijiet ambjentali, il-kompatibbiltà elettromanjetika interna (electromagnetic compatibility, EMC) fil-konfini ferrovjarji, u l-installazzjoni. Dawn il-ħtiġijiet tal-kompatibbiltà huma definiti f'dan il-Kapitolu.
- It-tieni kategorija tiddekrivi kif is-Subsistema tal-Kontroll u Kmand għandha tkun applikata u liema funzjonijiet għandha twettaq sabiex tikseb l-interoperabbiltà. Din il-kategorija hija definita fil-Kapitolu 4.
- It-tielet kategorija tiddekrivi kif is-Subsistema tal-Kontroll u Kmand għandha tkun imħaddma sabiex tinkiseb l-interoperabbiltà. Din il-kategorija hija definita fil-Kapitolu 4.

3.2.5.1. *Kompatibbiltà tal-Inġinerija*

3.2.5.1.1 Kundizzjonijiet Ambjentali Fiżiċi

Is-sistemi li jikkonformaw mal-ħtiġijiet tas-sistema tal-Klassi A għandhom ikunu jistgħu joperaw taħt il-kundizzjonijiet klimatiċi u fiżiċi li jeżistu fil-parti rilevanti tan-network trans-Ewropea ta' veloċità għolja. Għall-interfejsis tal-vetturi ferrovjarji ara t-Taqsim 4.3.2.5 (Kundizzjonijiet ambjentali fiżiċi).

Is-sistemi li jikkonformaw mal-ħtiġijiet tas-sistema tal-Klassi B għandhom jikkonformaw mill-inqas mal-ispeċifikazzjonijiet ambjentali fiżiċi li japplikaw għas-sistema korrispondenti tal-Klassi B, sabiex ikunu jistgħu joperaw taħt il-kundizzjonijiet klimatiċi u fiżiċi li jeżistu fil-linji trans-Ewropej ta' veloċità għolja kkonċernati.

3.2.5.1.2 Kompatibbiltà Elettromanjetika Interna Ferrovjarja

Il-Parametru Bażiku huwa deskritt fit-Taqsim 4.2.12 (Kompatibbiltà Elettromanjetika). Għall-interfejsis tal-vetturi ferrovjarji ara t-Taqsim 4.3.2.6 (Kompatibbiltà Elettromanjetika) u għall-interfejsis tal-Enerġija ara t-Taqsim 4.3.4.1 (Kompatibbiltà Elettromanjetika).

3.2.5.2. *Kompatibbiltà tal-Kontroll u Kmand.*

Il-Kapitolu 4, appoġġjat mill-Annessi A u B, jiddefinixxi l-ħtiġijiet għall-interoperabbiltà tas-Sistema tal-Kontroll u Kmand.

Barra minn hekk, din it-TSI flimkien mat-TSI tal-Kontroll u Kmand għas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea konvenzjonali tiżgura, sa fejn tkun ikkonċernata s-Subsistema tal-Kontroll u Kmand, l-interoperabbiltà teknika bejn is-sistemi ferrovjarji trans-Ewropej ta' veloċità għolja u dawk konvenzjonali meta t-tnejn li huma jkunu mgħammra b'sistema tal-Klassi A.

4. KARATTERIZZAZZJONI TAS-SUBSISTEMA

4.1. **Introduzzjoni**

Is-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja, li tapplika għaliha d-Direttiva 96/48/KE u li hija parti minnha s-Subsistema tal-Kontroll u Kmand, hija sistema integrata li l-konsistenza tagħha għandha tkun ivverifikata. Din il-konsistenza għandha tkun ivverifikata b'mod partikolari rigward l-ispeċifikazzjonijiet tas-subsistema, l-interfejsis tagħha meta mqabbla mas-sistema li hija integrata fiha, kif ukoll ir-regoli ta' operazzjoni u manutenzjoni.

Wara kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet Essenzjali rilevanti kollha, is-Subsistema tal-Kontroll u Kmand hija kkaratterizzata mill-Parametri Bażiċi li ġejjin:

- Il-karatteristiċi tas-sigurtà tal-Kontroll u Kmand rilevanti għall-interoperabbiltà (it-Taqsim 4.2.1)
- Funzjonalità tal-ETCS abbord (it-Taqsim 4.2.2)
- Funzjonalità tal-ETCS maġenb il-binarij (it-Taqsim 4.2.3)
- Funzjonijiet tal-EIRENE (it-Taqsim 4.2.4)

- Interfejsis għall-ispazju tal-ajra tal-ETCS u EIRENE (it-Taqsima 4.2.5)
- Interfejsis Interni Abbord għall-Kontroll Kmand (it-Taqsima 4.2.6)
- Interfejsis Interni Maġenb il-Binarji għall-Kontroll Kmand (it-Taqsima 4.2.7)
- Maniġment taċ-Ċwieviet Kriptografiċi (it-Taqsima 4.2.8)
- Maniġment tal-ETCS-ID (it-Taqsima 4.2.9)
- HABD (Hot Axle Box Detector, lokalizzatur tat-tisħin fil-kaxxa tal-fusien) (it-Taqsima 4.2.10)
- Kompatibbiltà mas-Sistemi tal-Lokalizzazzjoni tal-Ferroviji maġenb il-binarji (it-Taqsima 4.2.11)
- Kompatibbiltà Elettromanjetika (it-Taqsima 4.2.12)
- ETCS DMI (driver machine interface, interfejs tal-magna tax-xufier) (it-Taqsima 4.2.13)
- EIRENE DMI (interfejs tal-magna tax-xufier) (it-Taqsima 4.2.14)
- Interfejs għar-reġistrazzjoni tad-dejta għal skopijiet regolatorji (it-Taqsima 4.2.15)
- Viżibbiltà ta' oġġetti ta' Kontroll u Kmand mal-ġenb tal-binarji (it-Taqsima 4.2.16)

Il-ħtiġijiet tat-taqsimiet

- 4.2.10 (HABD (Lokalizzatur tat-tisħin fil-kaxxa tal-fusien)),
- 4.2.11 (Kompatibbiltà mas-Sistemi tal-Lokalizzazzjoni tal-Ferroviji Maġenb il-Binarji),
- 4.2.12 (Kompatibbiltà Elettromanjetika),
- 4.2.16 (Viżibbiltà ta' oġġetti tal-Kontroll u Kmand maġenb il-binarji)

għandhom ikunu applikati dejjem, indipendentement mill-klassi tas-sistema.

Il-ħtiġijiet l-oħra kollha fit-Taqsima 4.2 (Speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tas-Subsistema) għandhom dejjem ikunu applikati lis-sistema tal-Klassi A biss. Il-ħtiġijiet tas-sistemi tal-Klassi B jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru adattat. L-Anness B jitratta l-karatteristiċi tas-sistema tal-Klassi B u jiddefinixxi l-Istati Membri responsabbli.

L-STM, li jippermettu li s-sistema Abbord il-Klassi A taħdem fuq infrastruttura tal-Klassi B, huma suġġetti għal ħtiġijiet tal-Klassi B.

Sabiex tinkiseb l-interoperabbiltà mhuwiex meħtieġ li jkunu standardizzati l-funzjonijiet kollha fis-Subsistema kollha tal-Kontroll u Kmand. Il-funzjonalità għall-protezzjoni ferrovjarja awtomatika u l-kontroll ferrovjarju awtomatiku kkunsidrati fil-Kapitolu 4 hija:

- funzjonijiet standard abbord, li jiżguraw li kull ferrovija għandha tirreaġixxi għal informazzjoni riċevuta minn maġenb il-binarji b'mod prevedibbli.
- funzjonijiet standard maġenb il-binarji, li jistgħu jipproċessaw informazzjoni mis-sistemi nazzjonali tal-interlokjar u sinjalazzjoni u li jibdlu din l-informazzjoni f'messaġġi standard għall-ferroviji,
- interfejs standard għal komunikazzjoni mill-binarju għall-ferrovija u mill-ferrovija għall-binarju,

Il-funzjonijiet tal-Kontroll u Kmand huma kklassifikati f'kategoriji li jindikaw, pereżempju, jekk humiex fakultattivi jew obbligatorji. Il-kategoriji huma definiti fl-Anness A, l-indiċi 1 u l-Anness A, l-indiċi 32 u l-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet huma indikati fit-test tagħhom.

L-Anness A, l-indiċi 3 jipprovdi l-Glossarju tat-termini u d-definizzjonijiet tal-ETCS, li huma użati fl-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Anness A.

Fid-dawl tal-ħtiġijiet essenzjali fil-Kapitolu 3, l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tas-Subsistema tal-Kontroll u Kmand huma kif ġej:

4.2. **Speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tas-Subsistema**

4.2.1. **Il-karatteristiċi tas-sigurtà tal-Kontroll u Kmand rilevanti għall-interoperabbiltà**

Dan il-Parametru Bażiku jiddeskrivi l-ħtiġijiet tas-sigurtà għal ERTMS/ETCS fuq armar Abbord u l-ħtiġijiet tas-sigurtà fuq Armar maġenb il-binarij.

B'referenza għall-Ħtieġa Essenzjali "sigurtà" (ara t-Taqsima 3.2.1, Is-sigurtà), dan il-Parametru Bażiku jistabbilixxi l-ħtiġijiet obligatorji għall-interoperabbiltà:

- Biex ikun żgurat li s-soluzzjonijiet għall-kisba tas-sigurtà ma jipperikolawx l-interoperabbiltà, il-ħtiġijiet tal-Anness A, l-indiċi 47 għandhom ikunu rispettati.
- Għall-parti relatata mas-sigurtà ta' Armar Abbord kif ukoll għal Armar Maġenb il-binarij, il-ħtieġa tas-sigurtà għal-livell 1 jew il-livell 2 tal-ETCS ⁽¹⁾ huwa: rata ta' periklu tollerabbli (tolerable hazard rate, THR) ta' 10⁻⁹/siegħa (għal fallimenti każwali) li jikkorrispondi għal-Livell 4 tal-Integrità tas-Sigurtà. Il-ħtiġijiet dettaljati għal tagħmir tal-Klassi A huma speċifikati fl-Anness A, l-indiċi 27. Ħtiġijiet tas-sigurtà inqas restrittivi dwar il-valuri tat-THR għal tagħmir mal-ġenb tal-binarij jistgħu jkunu adottati, sakemm tintlaħaq il-mira tas-sigurtà għas-servizz.
- Il-ħtiġijiet tal-kredibbiltà u tad-disponibbiltà tal-Anness A, l-indiċi 28 għandhom ikunu rispettati.

4.2.2. **Funzjonalità tal-ETCS abbord**

Dan il-Parametru Bażiku jiddeskrivi l-funzjonalità tal-ETCS abbord. Dan jinkudi l-funzjonijiet kollha biex ferrovija tivvjaġġa b'mod sikur. It-tweġġ tal-funzjonijiet għandu jikkonforma mal-Anness A, l-indiċi 14 u 49. Dawn il-funzjonijiet għandhom ikunu implimentati skont l-Anness A, l-indiċi 1, 2, 4, 13, 15, 23, 53 u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi indikati hawn taħt:

- Komunikazzjoni mal-Armar Maġenb il-Binarij tal-Kontroll u Kmand. Il-funzjoni tat-trażmissjoni tal-mili tad-dejta f'applikazzjonijiet tal-Livell 1 tal-ETCS hija obligatorja biss abbord bil-kundizzjonijiet definiti fil-Kapitolu 7. Il-funzjonalità tal-informazzjoni bir-radju għall-ETCS hija obligatorja biss għal applikazzjonijiet tal-Livell 2 jew il-Livell 3 tal-ETCS.
 - Riċezzjoni tal-Eurobalise. Ara l-Anness A, l-indiċi 9, 36, 43.
 - Riċezzjoni tal-Euroloop. Ara l-Anness A, l-indiċi 16, 50.
 - Amministrazzjoni tal-protokoll tat-trażmissjoni bir-radju u messaġġi bir-radju. Ara l-Anness A, l-indiċi 10, 11, 12, 18, 19, 22, 39, 40.
- Komunikazzjoni max-xufier
 - Appoġġ tas-sewqan. Ara l-Anness A, l-indiċi 51.
 - Il-provvista ta' informazzjoni tal-odometrija. Ara l-Anness A, l-indiċi 51.
- Komunikazzjoni mal-STMs. Ara l-Anness A, l-indiċi 8, 25, 26, 29, 36, 49, 52. Din il-funzjoni tinkludi:
 - L-amministrazzjoni tal-produzzjoni tal-STM.
 - Il-provvista tad-dejta li għandha tintuża mill-STM.
 - L-amministrazzjoni ta' tranżizzjonijiet tal-STM.
- Il-provvista tal-funzjoni tal-protezzjoni awtomatika tal-ferroviji u senjalazzazzjoni fil-kabina. Ara l-Anness A, l-indiċi 6, 7, 31, 37. Din il-funzjoni tinkludi:
 - Il-lokalizzazzjoni tal-ferrovija f'sistema ta' koordinazzjoni Eurobalise, li hija l-bażi għas-sorveljanza tal-profil tal-veloċità dinamika.

⁽¹⁾ Il-ħtiġijiet tas-sigurtà għal ERTMS/ETCS livell 3 għad għandhom ikunu stabbiliti.

- Il-kalkolu tal-profil tal-veloċità dinamika għall-missjoni tagħha.
- Is-superviżjoni tal-profil tal-veloċità dinamika matul il-missjoni tagħha.
- L-għażla tal-mod tas-superviżjoni tal-veloċità.
- Is-superviżjoni tal-ferrovija skont il-valuri nazzjonali.
- Id-definizzjoni u l-provvista tal-funzjoni tal-intervent.
- L-istabbiliment tal-karatteristiċi tal-ferrovija.
- Il-wiri tal-kompletezza tal-ferrovija (integrità ferrovjarja) — obbligatorju għal-livell 3, mhux meħtieġ għal-livell 1 jew 2.
- Monitoraġġ tas-saħħa tat-tagħmir u appoġġ tal-modulu degradat. Din il-funzjoni tinkludi:
 - L-inizjazzjoni tal-funzjonalità tal-ETCS Abbord.
 - Il-provvista ta' appoġġ tal-modulu degradat.
 - L-iżolament tal-funzjonalità tal-ETCS Abbord.
- L-appoġġ tar-reġistrazzjoni tad-dejta għal skopijiet regolatorji. Ara l-Anness A, l-indiċi 5, 41, 55.
- Li tintbagħat informazzjoni/ordnijiet lid-DMI u, fejn meħtieġ, lill-unità tal-interfejs ferrovjarja, eż. informazzjoni dwar fejn għandhom jingħalqu/jinfetħu l-luvri tal-arja, fejn għandu jkun imniżżel/mgħolli l-pantografu, fejn għandu jinfetaħ/jingħalaq l-iswiċ ewlieni tad-dawl, fejn għandha sseħħ il-bidla mis-sistema tat-trażzjoni A għas-sistema tat-trażzjoni B. Ara l-Anness A, l-indiċi 7.

4.2.3. Funzjonalità tal-ETCS maġenb il-binarji

Dan il-Parametru Bażiku jiddeskrivi l-funzjonalità tal-ETCS maġenb il-binarji. Dan jinkludi l-funzjonalità kollha tal-ETCS biex jipprovdi tranżitu sigur lil ferrovija speċifika. Il-prestazzjoni tal-funzjonijiet għandha tikkonforma mal-Anness A, l-indiċi 14. Dawn il-funzjonijiet għandhom ikunu implimentati skont l-Anness A, l-indiċi 1, 2, 4, 13, 15, 23, 31, 37, 53 u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi indikati hawn taħt:

- Komunikazzjoni b'tagħmir ta' sinjalazzjoni maġenb il-binarji (interlokkjar, sinjal).
- Il-lokalizzazzjoni ta' ferrovija speċifika f'sistema ta' koordinazzjoni Eurobalise (il-livelli 2 u 3).
- It-traduzzjoni tal-informazzjoni minn tagħmir ta' sinjalazzjoni maġenb il-binarji f'format standard għall-Armar Abbord tal-Kontroll u Kmand.
- Il-ġenerazzjoni ta' awtoritajiet tal-moviment inkluż deskrizzjoni tal-binarju u ordnijiet assenjati lil ferrovija speċifika.
- Komunikazzjoni mal-Armar Abbord tal-Kontroll u Kmand. Dan jinkludi:
 - Trażmissjoni Eurobalise. Ara l-Anness A, l-indiċi 9, 43.
 - Radio infill. Ara l-Anness A, l-indiċi 18, 19, 21. Radio infill hija rilevanti biss fil-livell 1 fejn huwa fakultattiv (ara wkoll it-Taqsima 7.2.6).
 - Euroloop. Ara l-Anness A, l-indiċi 16, 50, 1. Euroloop huwa rilevanti biss fil-livell 1 fejn huwa fakultattiv (ara wkoll it-Taqsima 7.2.6).
 - Komunikazzjoni bir-radju RBC. Ara l-Anness A, l-indiċi 10, 11, 12, 39, 40. Il-komunikazzjoni bir-radju RBC hija rilevanti biss għal-livell 2 u l-livell 3.
- Il-provvista ta' informazzjoni dwar l-approvazzjoni fuq il-binarji għall-interlokkjar. Din il-funzjoni hija meħtieġa biss għal-livell 3.

- Li tintbagħat informazzjoni/ordnijiet lid-DMI u, fejn meħtieġ, lill-unità tal-interfejs ferrovjarja, eż. informazzjoni dwar fejn għandhom jingħalqu/jinfetħu l-luvri tal-arja, fejn għandu jkun imniżżel/mgħolli l-pantografu, fejn għandu jinfetħ/jingħalaq l-iswiċċ ewlieni tad-dawl, fejn għandha sseħħ il-bidla mis-sistema tat-trażżjoni A għas-sistema tat-trażżjoni B.

4.2.4. **Funzjonijiet tal-EIRENE**

Dan il-Parametru Bażiku jiddeskrivi l-vuċi tal-EIRENE u l-funzjonijiet tal-komunikazzjoni tad-dejta:

- Funzjonijiet relatati ma' sejħiet tax-xufier
- Funzjonijiet operattivi tar-radju
 - Eż. funzjoni tal-viġilanza tal-allarm (Ara l-Anness A, l-indiċi 32, il-klawżola 5.7 u l-Anness A, l-indiċi 33. Meta l-funzjoni tal-viġilanza tixgħel l-allarm, u din il-funzjoni fakultattiva tiġi implimentata, jintbagħat messaġġ awtomatiku mis-sistema tal-viġilanza mir-radju tal-kabina lill-binjarju).
- Komunikazzjoni tad-dejta

Dawn il-funzjonijiet għandhom ikunu implimentati skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi indikati fl-Anness A, l-indiċi 32, 33 u 48 u l-prestazzjoni tagħhom għandha tikkonforma mal-Anness A, l-indiċi 22.

4.2.5. **Interfejsis għall-ispazju tal-arja tal-ETCS u l-EIRENE**

L-ispeċifikazzjoni kompluta ta' dawn l-interfejsis tikkonsisti f'żewġ partijiet:

- speċifikazzjoni tal-protokoll għat-trasport ta' informazzjoni minn/lejn funzjonijiet tal-ERTMS u għall-assigurazzjoni tas-sigurtà fil-komunikazzjoni.
- speċifikazzjoni tal-interfejs bejn partijiet mit-tagħmir. L-interfejs bejn it-tagħmir huwa deskritt fi:
 - It-Taqsima 4.2.6 (Interfejsis Interni Abbord għall-Kontroll Kmand) għall-abbord
 - It-Taqsima 4.2.7 (Interfejsis Interni għall-Kontroll Kmand) għal maġenb il-binjarji

Dan il-Parametru Bażiku jiddeskrivi l-ispazju tal-arja bejn l-Armar tal-Kontroll u Kmand maġenb il-binjarji u abbord. Huwa jinkludi:

- il-valuri fiżiċi, elettriki u elettromanjetiċi li għandhom ikunu rrispettati biex jippermettu funzjonament sigur
- il-protokoll tal-komunikazzjoni li għandu jintuża
- id-disponibbiltà tal-kanal tal-komunikazzjoni

L-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin japplikaw:

- Komunikazzjonijiet bir-radju mal-ferrovija: L-interfejs ta' komunikazzjoni bir-radju tal-Klassi A għandhom joperaw fil-Frekwenza R-GSM. Ara l-Anness A, l-indiċi 35. Il-protokoll għandhom jikkonformaw mal-Anness A l-indiċi 10, 18, 19, 39, 40.
- Komunikazzjoni bil-Eurobalise u Euroloop mal-ferrovija: L-interfejs tal-komunikazzjoni bil-Eurobalise għandhom jikkonformaw mal-Anness A, l-indiċi 9, 43. L-interfejs tal-komunikazzjoni bil-Euroloop għandhom jikkonformaw mal-Anness A, l-indiċi 16, 50.

4.2.6. **Interfejsis Abbord Interni tal-Kontroll u Kmand**

Dan il-Parametru Bażiku jikkonsisti fi tliet partijiet.

4.2.6.1. *Interfejs bejn l-ETCS u l-STM*

Il-Modulu Speċifiku ta' Trażmissjoni (Specific Transmission Module, STM) jippermetti li l-ETCS abbord taħdem fuq linji ferrovjarji mgħammra b'sistemi tal-Klassi B ATP/ATC.

L-interfejs bejn il-funzjonalità tal-ECTS Abbord u l-STMs għal sistemi ATP/ATC tal-Klassi B huwa definit fl-Anness A, l-indiċi 4, 8, 15, 25, 26, 49. L-Anness A, l-indiċi 45 jispeċifika l-interfejs K u l-indiċi 46 l-interfejs G. L-implimentazzjoni tal-Interfejs "K" hija fakultattiva, iżda jekk isseħħ għandha tkun skont l-Anness A, l-indiċi 45. Barra minn hekk, jekk l-Interfejs "K" jiġi implimentat, il-funzjonalità tal-kanal tat-trażmissjoni abbord għandha tkun tista' tittratta l-proprietajiet tal-Anness A, l-indiċi 46.

4.2.6.2. GSM-R/ETCS

L-interfejs bejn ir-radju tal-Klassi A u l-funzjonalità tal-ECTS Abbord. Dawn il-ħtiġijiet huma speċifikati fl-Anness A, l-indiċi 4, 7, 15, 20, 22, 34.

4.2.6.3. Odometrija

L-interfejs bejn il-funzjoni tal-odometrija u l-ERTMS/ETCS abbord għandu jilħaq il-ħtiġijiet tal-Anness A, l-indiċi 44. Dan l-interfejs jikkontribwixxi biss għal dan il-Parametru Bażiku meta t-tagħmir tal-odometrija jiġi provdut bħala kostitwent tal-interoperabbiltà separat (ara t-Taqsima 5.2.2, Raggruppar tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà).

4.2.7. Interfejsis Maġenb il-Binarji Interni tal-Kontroll u Kmand

Dan il-Parametru Bażiku jikkonsisti f'sitt partijiet.

4.2.7.1. Interfejs funzjonali bejn l-RBCs

Dan l-interfejs hija użat biex jiddefinixxi d-dejta li għandha tkun skambjata bejn il-blokok tar-radju ċentrali (radio block centres, RBC) fil-viċinat sabiex ferrovija tkun tista' tivvjaġġa b'mod sigur minn żona waħda tal-RBC għall-oħra. Dan jiddeskrivi:

— Informazzjoni mill-RBC "Li Tibgħat" għall-RBC "Li Taċċetta"

— Informazzjoni mill-RBC "Li Taċċetta" għall-RBC "Li Tibgħat"

Dawn il-ħtiġijiet huma speċifikati fl-Anness A, l-indiċi 12.

4.2.7.2. Interfejs tekniku bejn l-RBCs

Dan huwa l-interfejs tekniku bejn żewġ RBCs. Dawn il-ħtiġijiet huma speċifikati fl-Anness A, l-indiċi 58, 62, 63.

4.2.7.3. GSM-R/RBC

Dan huwa l-interfejs bejn is-sistema tar-radju tal-Klassi A u l-funzjonalità tal-ECTS Maġenb il-Binarji. Dawn il-ħtiġijiet huma speċifikati fl-Anness A, l-indiċi 4, 15, 20, 22, 34.

4.2.7.4. Eurobalise/LEU

Dan huwa l-interfejs bejn Eurobalise u l-unità elettronika maġenb il-binarji (lateral electronic unit, LEU). Dawn il-ħtiġijiet huma speċifikati fl-Anness A, l-indiċi 9. Dan l-interfejs jikkontribwixxi biss għal dan il-Parametru Bażiku meta Eurobalise u LEUs jiġu provduti bħala kostitwenti tal-interoperabbiltà separati (ara t-Taqsima 5.2.2, Raggruppar tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà).

4.2.7.5. Euroloop/LEU

Dan huwa l-interfejs bejn Euroloop u l-LEU. Dawn il-ħtiġijiet huma speċifikati fl-Anness A, l-indiċi 16. Dan l-interfejs jikkontribwixxi biss għal dan il-Parametru Bażiku meta Euroloop u LEUs jiġu provduti bħala kostitwenti tal-interoperabbiltà separati (ara t-Taqsima 5.2.2, Raggruppar tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà).

4.2.7.6. Ħtiġijiet dwar l-armar minn qabel tat-tagħmir ERTMS maġenb il-binarji

Dan huwa l-interfejs bejn it-tagħmir maġenb il-binarji tal-Klassi A u l-infrastruttura tal-Kontroll Kmand maġenb il-binarji. Dawn il-ħtiġijiet huma speċifikati fl-Anness A, l-indiċi 59. Dan l-indiċi jiddeskrivi mezzi għall-armar minn qabel ta' tagħmir tal-Klassi A maġenb il-binarji.

4.2.8. **Maniġment taċ-Ċwieviet Kriptografiċi**

Dan il-Parametru Bażiku jikkonċerna d-dejta relatata mas-sigurtà trażmessa permezz tar-radju li huwa protett minn mekkaniżmi li jeħtieġu ċwieviet kriptografiċi. L-amministraturi tal-infrastruttura u l-impriżi ferrovjarji għandhom jipprovdu sistema ta' maniġment li tikkontrolla u tamministra ċ-čwieviet kriptografiċi. Interfejs tal-maniġment taċ-čwieviet hija meħtieġa:

- bejn is-sistemi tal-maniġment taċ-čwieviet ta' amministraturi tal-infrastruttura differenti,
- bejn is-sistemi tal-maniġment taċ-čwieviet ta' impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-infrastruttura,
- bejn is-sistema tal-maniġment taċ-čwieviet u t-tagħmir tal-ECTS abbord u maġenb il-binarij.

Il-ħtiġijiet għall-maniġment taċ-čwieviet bejn sistemi tal-maniġment taċ-čwieviet ta' reġjuni interoperabbli huma speċifikati fl-Anness A, l-indiċi 11 u l-indiċi 56.

4.2.9. **Maniġment tal-ETCS-ID**

Dan il-Parametru Bażiku jikkonċerna l-identitajiet uniċi tal-ETCS għal tagħmir f'armar maġenb il-binarij u abbord. Il-ħtiġijiet huma speċifikati fl-Anness A, l-indiċi 23. L-allokazzjoni tal-varjabbli hija definita fl-Anness A, l-indiċi 53.

Il-fornituri tat-tagħmir tal-Kontroll u Kmand abbord huma responsabbli mill-maniġment ta' identitajiet uniċi fil-medda allokata kif definit fl-Anness A, l-indiċi 53. Dawk li jieħdu ħsieb il-Vetturi Ferrovjarji għandhom jipprovdu sistema ta' maniġment li tikkontrolla u tamministra l-identitajiet matul il-perjodu tal-utilità tal-armar.

Fl-Anness A, l-indiċi 53 l-Istati Membri huma meded ta' identitajiet allokati. L-Istati Membri huma responsabbli għall-maniġment tal-allokazzjoni ta' dawn il-meded lill-entitajiet kontraenti fl-Istat tagħhom.

L-entitajiet kontraenti ta' armar maġenb il-binarij huma responsabbli għall-maniġment tal-identitajiet uniċi fil-medda allokata tagħhom. L-amministratur tal-infrastruttura għandu jipprovdi sistema ta' maniġment li tikkontrolla u tamministra l-identitajiet matul il-perjodu tal-utilità tal-armar.

4.2.10 **(HABD (Lokalizzatur tat-tisħin fil-kaxxa tal-fusien),**

Dan il-Parametru Bażiku jispeċifika l-ħtiġijiet għat-tagħmir maġenb il-binarij, użat biex jivverifika jekk it-temperatura tal-berings tal-fusien tal-vetturi ferrovjarji li jgħaddu jaqbżux ċertu valur u biex jittirażmetti din l-informazzjoni lil ċentru ta' kontroll. Il-ħtiġijiet huma definiti fl-Anness A, l-Appendiċi 2.

It-trattament tal-vetturi ferrovjarji mġhammra b'lokalizzaturi abbord huwa deskritt ukoll fit-TSI RS HS it-Taqsima 4.2.11.

4.2.11 **Kompatibbiltà mas-Sistemi tal-Lokalizzazzjoni tal-Ferroviji Maġenb il-Binarij**

Dan il-Parametru Bażiku jiddeskrivi l-karatteristiċi ta' sistemi ta' lokalizzazzjoni tal-ferroviji maġenb il-binarij li huma meħtieġa biex ikunu kompatibbli mal-Vettura Ferrovjarja li tikkonforma mat-TSI(s) tal-Vetturi Ferrovjarji rilevanti.

Il-vetturi ferrovjarji għandu jkollhom il-karatteristiċi meħtieġa għat-tħaddim ta' sistemi ta' lokalizzaturi tal-ferroviji maġenb il-binarij. Fl-Anness A, l-Appendiċi 1 il-ħtiġijiet relatati mal-karatteristiċi ta' vettura huma speċifikati.

Dawn il-karatteristiċi għandhom ikunu inklużi fit-TSI(s) tal-Vetturi Ferrovjarji

4.2.12. **Kompatibbiltà Elettromanjetika**

Dan il-Parametru Bażiku huma maqsum f'żewġ partijiet.

4.2.12.1. *Kompatibbiltà Elettromanjetika Interna tal-Kontroll u Kmand*

It-tagħmir tal-Kontroll u Kmand ma għandux jinterferixxi ma' tagħmir ieħor ta' Kontroll u Kmand.

4.2.12.2. *Kompatibbiltà Elettromanjetika bejn il-Vetturi Ferrovarji u t-tagħmir ta' Kontroll u Kmand Maġenb il-Binarji*

Dan jinkludi medda ta' emissjonijiet ta' kompatibbiltà elettromanjetika (electromagnetic compatibility, EMC) (kurrent tat-trazzjoni kondott u kkaġunat u kurrenti oħra li joriġinaw mill-ferroviji, karatteristiċi tal-kamp elettromanjetiku kif ukoll kampi statiċi) li għandhom ikunu rispettati mill-vetturi ferrovjarji sabiex ikun żgurat il-funzjonament korrett tat-tagħmir tal-Kontroll u Kmand maġenb il-binarji. Dan jinkludi d-deskrizzjoni għall-kejl tal-valuri.

Il-karatteristiċi tat-tagħmir tal-Kontroll u Kmand maġenb il-binarji huma speċifikati minn

- L-Anness A, l-Indiċi A7 (karatteristiċi ġenerali tal-immunità tat-tagħmir)
- L-Anness A, l-Indiċi 9 (ħtiġijiet speċifiċi għall-komunikazzjoni tal-Eurobalise)
- L-Anness A, l-Indiċi 16 (ħtiġijiet speċifiċi għall-komunikazzjoni tal-Euroloop)

Addizzjonalment, ħtiġijiet speċifiċi għal sistemi ta' lokalizzazzjoni tal-ferroviji huma speċifikati fil-Kapitolu 4.2.11 u l-ħtiġijiet speċifiċi għal HABD huma speċifikati fl-Anness A, l-Appendiċi 2.

4.2.13. **ETCS DMI (Interfejs tal-Magna tax-Xufier)**

Dan il-Parametru Bażiku jiddeskrivi l-informazzjoni provduta mis-sistema tal-ETCS Abbord lix-xufier u mdaħħla fil-ERTMS/ETCS Abbord mix-xufier. Ara l-Anness A, l-Indiċi 51.

Dan jinkludi:

- Ergonomija (inkluża l-viżibbiltà)
- Funzjonijiet tal-ETCS li għandhom jintwerew
- Funzjonijiet tal-ETCS mibdija mid-dħul tax-xufier

4.2.14. **EIRENE DMI (Interfejs tal-Magna tax-Xufier)**

Dan il-Parametru Bażiku jiddeskrivi l-informazzjoni pprovduta mis-sistema tal-EIRENE abbord lix-xufier u mdaħħla fis-sistema tal-EIRENE abbord mix-xufier. Ara l-Anness A, l-indiċi 32, 33, 51.

Dan jinkludi:

- Ergonomija (inkluża l-viżibbiltà)
- Funzjonijiet tal-EIRENE li għandhom jintwerew
- Informazzjoni 'l barra relatata ma' sejħiet
- Informazzjoni 'l ġewwa relatata ma' sejħiet

4.2.15. **Interfejs għar-Reġistrazzjoni tad-Dejta għal Skopijiet Regolatorji**

Dan il-Parametru Bażiku jiddeskrivi:

- Skambju ta' dejta bejn ir-Reġistratur Ġuridiku u l-istrument tat-tniżżil
- Protokolli tal-komunikazzjoni
- Interfejs fiżika
- Ħtiġijiet funzjonali għal, u l-użu ta', reġistrazzjoni tad-dejta

Għandu jkun possibbli li l-awtoritajiet investigatorji f'kull Stat Membru jkollhom aċċess għad-dejta reġistrata li tissodisfa l-ħtiġijiet obligatorji tar-reġistrazzjoni tad-dejta għal skopijiet uffiċjali u investigattivi.

Ara l-Anness A, l-indiċi 4, 5, 15, 41, 55.

4.2.16 **Viżibbiltà ta' oġġetti tal-Kontroll u Kmand maġenb tal-binari**

Dan il-Parametru Bażiku jiddeskrivi:

- Il-karatteristiċi ta' sinjali li jirriflettu fuq wara biex tkun żgurata viżibbiltà korretta. Għandu jkun żgurat li, fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tad-dwal ta' quddiem tal-vetturi (ara t-TSI RS HS), il-ħtiġijiet tal-OPE jkunu sodisfatti.
- Il-karatteristika ta' bords indikaturi interoperabbli, ara l-Anness A, l-indiċi 38

4.3. **Speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tal-interfejsis għal Subsistemi oħra**

4.3.1. **Interfejs għas-Subsistema tal-Operazzjoni u l-Maniġment tat-Traffiku**

4.3.1.1. *Regoli operattivi tal-ERTMS/ETCS u GSM-R*

In-netwerk trans-Ewropew għandu jkun suġġett għal xi ħtiġijiet operattivi unifikati, li għandhom ikunu deskritti fit-TSI "Operazzjoni u maniġment tat-traffiku" (ara wkoll it-Taqsima 4.4 Regoli operattivi tat-TSI CCS).

TSI OPE CR: L-Anness A

TSI OPE HS: L-Anness A

4.3.1.2. *Interfejs tal-Magna tax-Xufier tal-ETCS*

Dan l-interfejs jiddeskrivi l-informazzjoni provduta mill-ERTMS ETCS Abbord lix-xufier u mdaħħla fl-ERTMS ETCS Abbord mix-xufier. Il-parametru bażiku tal-Kontroll u Kmand huwa deskritt fit-Taqsima 4.2.13 (ETCS DMI (Interfejs tal-Magna tax-Xufier)).

Dan l-interfejs huwa rilevanti għas-sistema tal-Klassi A. Il-ħtiġijiet għas-sistemi ATP/ATC tal-Klassi B huma definiti mill-Istat Membru adatt (ara l-Anness B).

TSI OPE CR: L-Anness A1

TSI OPE HS: L-Anness A1

4.3.1.3. *Interfejs tal-Magna tax-Xufier tal-EIRENE*

Dan l-interfejs jiddeskrivi l-informazzjoni provduta mis-sistema tal-EIRENE abbord lix-xufier u mdaħħla fis-sistema tal-EIRENE abbord mix-xufier. Il-Parametru Bażiku tal-Kontroll u Kmand huwa deskritt fit-Taqsima 4.2.14 (EIRENE DMI (Interfejs tal-Magna tax-Xufier)).

Dan l-interfejs huwa rilevanti għas-sistema tal-Klassi A. Il-ħtiġijiet ekwivalenti għas-sistemi tar-radju tal-Klassi B huma definiti mill-Istat Membru adatt (ara l-Anness B).

TSI OPE CR: L-Anness A2

TSI OPE HS: L-Anness A2

4.3.1.4. *Interfejs għar-reġistrazzjoni tad-dejta għal skopijiet regolatorji*

Dan l-interfejs jirreferi għall-ħtiġijiet funzjonali għal, u l-użu ta', ir-reġistrazzjoni tal-informazzjoni Il-Parametru Bażiku tal-Kontroll u Kmand huwa deskritt fit-Taqsima 4.2.15 (Interfejs għar-Reġistrazzjoni tal-Informazzjoni għal Skopijiet Regolatorji).

Dan l-interfejs huwa rilevanti għas-sistemi tal-Klassi A. Il-ħtiġijiet ekwivalenti għas-sistemi ATP/ATC u tar-radju tal-Klassi B huma definiti mill-Istat Membru adatt (ara l-Anness B).

TSI OPE CR: it-Taqsima 4.2.3.5

TSI OPE HS: it-Taqsima 4.2.3.5

4.3.1.5. *Prestazzjoni garantita u karatteristiċi tal-ibbrejkar tal-ferrovija*

Is-Subsistema tal-Kontroll u Kmand teħtieġ provvista tal-prestazzjoni garantita tal-ibbrejkar tal-ferrovija. It-TSI tal-Operazzjoni u l-Maniġment tat-Traffiku għandha tiddefinixxi r-regoli sabiex tkun determinata l-prestazzjoni tal-ibbrejkar garantita ta' ferrovija. It-TSIs tal-Vetturi Ferrovjarji għandhom jiddefinixxu l-metodu tal-istabbiliment tal-prestazzjoni tal-ibbrejkar tal-vetturi.

Dan l-interfejs huwa rilevanti għas-sistema tal-Klassi A. Il-ħtiġijiet ekwivalenti għas-sistemi ATP/ATC tal-Klassi B huma definiti mill-Istat Membru adatt (ara l-Anness B).

TSI OPE CR: it-Taqsima 4.2.2.6.2

TSI OPE HS: it-Taqsima 4.2.2.6.2

4.3.1.6. *L-iżolament tal-funzjonalità tal-ETCS Abbord.*

Dan l-interfejs jirreferi għall-ħtiġijiet operattivi għall-iżolament tal-funzjonalità tal-ETCS Abbord f'każ ta' falliment. Il-ħtiġijiet tal-Kontroll u Kmand huma fit-Taqsima 4.2.2 (Funzjonalità abbord tal-ETCS).

Dan l-interfejs huwa rilevanti għas-sistema tal-Klassi A. Il-ħtiġijiet ekwivalenti għas-sistemi ATP/ATC tal-Klassi B huma definiti mill-Istat Membru adatt (ara l-Anness B).

TSI OPE CR: L-Anness A1

TSI OPE HS: L-Anness A1

4.3.1.7. *Imħassar intenzjonalment*

4.3.1.8. *Lokalizzaturi tat-Tisħin fil-Kaxxa tal-Fusien*

Dan l-interfejs jirreferi għall-ħtiġijiet operattivi għall-lokalizzaturi tat-tisħin fil-kaxxa tal-fusien. Il-Parametru Bażiku tal-Kontroll u Kmand huwa deskritt fit-Taqsima 4.2.10 (HABD (Lokalizzatur għat-tisħin fil-kaxxa tal-fusien)).

TSI OPE CR: L-Anness B it-Taqsima C

TSI OPE HS: L-Anness B it-Taqsima C

4.3.1.9. *Vigilanza tax-Xufier*

Dan l-interfejs jirreferi għall-ħtiġijiet operattivi għall-viġilanza tax-xufier.

Il-funzjonalità, għat-trażmissjoni tal-messaġġ kif meħtieġ mit-TSI OPE hija koperta minn funzjonalità tal-Eirene fakultattiva kif deskritt fit-Taqsima 4.2.4 (Funzjonijiet tal-Eirene).

TSI OPE CR: It-Taqsima 4.3.2.2

TSI OPE HS: It-Taqsima 4.3.2.2

4.3.1.10. *L-użu tat-Trammil*

Dan l-interfejs jirreferi għall-ħtiġijiet operattivi għall-xufieri sabiex ir-ramel ma jaffettwax b'mod negattiv il-prestazzjoni tat-tagħmir ta' lokalizzazzjoni tal-ferroviji maġenb il-binarij. Il-Parametru Bażiku tal-Kontroll u Kmand huwa deskritt fit-Taqsima 4.2.11.

TSI OPE CR: L-Anness H

TSI OPE HS: L-Anness B

4.3.1.11. *Il-Firxa Viżiva Esterna tax-Xufier*

Din l-interfejs tirreferi għall-firxa viżiva tax-xufier minn ġol-windskrin tal-kabina. Il-ħtiġijiet tal-Kontroll u Kmand huma deskritti fit-Taqsima 4.2.16 (Viżibbiltà ta' oġġetti tal-Kontroll u Kmand maġenb il-binarij).

TSI OPE CR: it-Taqsima 4.3.2.4

TSI OPE HS: it-Taqsima 4.3.2.4

4.3.2. Interfejs għall-Vetturi Ferrovarji tas-Subsistema

Ir-referenzi kollha għall-interfejs mal-Unitajiet u kowċijiet tat-Trazzjoni tal-Vetturi Ferrovarji CR TSI jibqgħu jkunu punti miftuħa. Unitajiet tat-trazzjoni f'isser lokomotivi, Unitajiet Multipli tal-Elettriku u Unitajiet Multipli tad-Diżil.

4.3.2.1 Kompatibbiltà mas-Sistemi tal-Lokalizzazzjoni tal-Ferroviji Maġenb il-Binarji

Is-sistemi ta' lokalizzazzjoni tal-ferroviji maġenb il-binarji għandu jkollhom il-karatteristiċi biex ikunu kompatibbli mal-Vetturi Ferrovarji li jikkonforma mat-TSIs tal-Vetturi Ferrovarji rilevanti. Il-Parametru Bażiku tal-Kontroll u Kmand huwa deskritt fit-Taqsima 4.2.1.1 (Kompatibbiltà tas-Sistemi ta' Lokalizzazzjoni tal-Ferroviji maġenb il-Binarji). Ir-referenzi dettaljati fit-TSIs ikkonċernat huma mniżżla fit-tabella ta' hawn taħt.

Parametru	L-Anness A L-Appendiċi 1 TSI tal-Kontroll u Kmand	TSI tal-Vetturi Ferrovarji HS	TSI tal-Vaguni tal- Merkanzija tal-Vetturi Ferrovarji	TSI tal-Unitajiet tat-Trazzjoni tal-Vetturi Ferrovarji – lokomotivi, EMUs, DMUs - u kowċijiet (għandha tkun aġġornata meta tibda teżisti t-TSI)
Distanzi tal-fusien	2.1 inkl. l-Figura 6	4.2.7.10.2	4.3.2.1	
Ġeometrija tar-rota	2.2 inkl. l-Figura 7	4.2.7.10.3	5.4.2.3	
Massa tal-Vettura (Piż minimu tal-fus)	3.1	4.2.3.2	4.2.3.2	
Spazju mingħajr metall madwar ir-roti	3.2 (punt miftuħ)	Għadu mhux spe- ċifikat	Għadu mhux spe- ċifikat	
Massa tal-metall tal-vettura	3.3 (punt miftuħ)	Għadu mhux spe- ċifikat	Għadu mhux spe- ċifikat	
Materjal tar-roti	3.4	4.2.7.10.3	5.4.2.3	
Impedanza bejn ir-roti	3.5	4.2.3.3.1	4.2.3.3.1	
Impedanza tal- vetturi	3.6	4.2.8.3.8	Xejn	
Użu ta' tagħmir tat- trammil	4.1	4.2.3.10	Xejn	
Użu ta' blokko tal- brejkijiet komposti	4.2	L-Anness L	Punt miftuħ	
Armoniċi fil-kurrent tar-ritorn tat- trazzjoni	5.1	4.2.8.3.4.1	Mhux	
Użu ta' brejkijiet tal- elettriku/manjetiċi	5.2	TBD	Mhux	
Kampi tal-elettriku, manjetiċi, elettromanjetiċi	5.3	4.3.4.1.2	Mhux	

4.3.2.2 Kompatibbiltà Elettromanjetika bejn il-Vetturi Ferrovarji u t-tagħmir ta' Kontroll u Kmand Maġenb il-Binarji

Dan l-interfejs huwa l-medda ta' emissjonijiet ta' kompatibbiltà elettromanjetika (EMC) (kurrent tat-trazzjoni kondott u kkaġunat u kurrenti oħra li joriġinaw mill-ferroviji, karatteristiċi tal-kamp elettromanjetiku kif ukoll kampi statiċi) li għandhom ikunu rispettati mill-vetturi ferrovjarji sabiex ikun żgurat il-funzjonament korrett tat-tagħmir tal-Kontroll u Kmand maġenb il-binarji. Il-Parametru Bażiku tal-Kontroll u Kmand huwa deskritt fit-Taqsima 4.2.12.2 (Kompatibbiltà Elettromanjetika bejn il-Vetturi Ferrovarji u tagħmir ta' Kontroll u Kmand maġenb il-Binarji).

TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovarji: Mhux ikkonċernata.

TSI tal-Vetturi Ferrovarji HS: It-Taqsima 4.2.6.6

4.3.2.3. *Prestazzjoni u karatteristiċi garantiti tal-ibbrejkar tal-ferrovija*

Is-Subsistema tal-Kontroll u Kmand teħtieġ provvista tal-prestazzjoni garantita tal-ibbrejkar tal-ferrovija. It-TSIs tal-Vetturi Ferrovarji għandhom jiddefinixxu l-metodu tal-istabbiliment tal-prestazzjoni tal-ibbrejkar tal-vetturi. It-TSI tal-Operazzjoni u l-Maniġment tat-Traffiku għandha tiddefinixxi r-regoli sabiex tkun determinata l-prestazzjoni tal-ibbrejkar garantita ta' ferrovija.

Dan l-interfejs huwa rilevanti għas-sistema tal-Klassi A. Il-ħtiġijiet ekwivalenti għas-sistemi ATP/ATC tal-Klassi B huma definiti mill-Istat Membru adatt (ara l-Anness B).

Għal settijiet ta' ferroviji fissi l-prestazzjoni garantita tal-ibbrejkar tingħata mill-manifatturi u indikata fir-reġistru tal-RS.

Għall-ferroviji ta' kompożizzjoni varjabbli jew vetturi singoli, għandha tapplika t-TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovarji.

TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovarji: It-Taqsima 4.2.4.1.2

TSI tal-Vetturi Ferrovarji HS: It-Taqsimiet 4.2.4.1, 4.2.4.4, 4.2.4.7

4.3.2.4. *Pożizzjoni ta' Antenni Abbord ta' Kontroll u Kmand*

Il-pożizzjoni tal-antenni tal-Eurobalise u Euroloop fuq il-vetturi ferrovarji għandha tkun tali li tkun żgurata komunikazzjoni kredibbli tal-informazzjoni fit-truf tal-ġeometrija tal-binarju li jista' jkun maqsum mill-vetturi ferrovarji. Il-moviment u l-aġir tal-vetturi ferrovarji għandhom ikunu kkunsidrati. Il-Parametru Bażiku tal-Kontroll u Kmand huwa deskritt fit-Taqsima 4.2.2. (Funzjonalità tal-ETCS Abbord).

Dan l-interfejs huwa rilevanti għas-sistema tal-Klassi A. Il-ħtiġijiet għas-sistemi ATP/ATC tal-Klassi B huma definiti mill-Istat Membru adatt (ara l-Anness B).

Il-pożizzjoni tal-antenna tal-GSM R fuq is-saqaf tal-vetturi tiddependi ġeneralment fuq kejl li għandu jitwettaq għal kwalunkwe tip ta' vettura b'kunsiderazzjoni wkoll tal-pożizzjoni ta' antenni oħra (ġodda jew eżistenti). Taħt kundizzjonijiet tal-itestjar il-produzzjoni tal-antenna għandu jikkonforma mal-ħtiġijiet deskritti fit-Taqsima 4.2.5 (interfejs tal-ispazji għall-arja tal-ETCS u EIRENE). Il-kundizzjonijiet tal-itestjar huma deskritti wkoll fit-Taqsima 4.2.5 (interfejs tal-ispazji għall-arja tal-ETCS u EIRENE).

TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovarji mhix ikkonċernata.

TSI tal-Vetturi Ferrovarji HS: It-Taqsima 4.3.4.8

4.3.2.5. *Kundizzjonijiet ambjentali fiżiċi*

Il-kundizzjonijiet ambjentali klimatiċi u fiżiċi tat-tagħmir tal-Kontroll Kmand mistennija fuq il-ferrovija għandhom ikunu definiti permezz ta' referenza għar-Reġistri tal-Infrastruttura tal-linji fejn il-ferrovija hija maħsuba biex topera u b'referenza għall-Anness A, l-indiċi A4 u l-indiċi A5.

4.3.2.6. *Il-Kompatibbiltà Elettromanjetika bejn il-Vetturi Ferrovarji u t-tagħmir ta' Kontroll u Kmand Maġenb il-Binarji*

Sabiex ikun faċilitat l-użu universali tat-tagħmir għall-Armar Abbord tal-Kontroll u Kmand fuq vetturi ferrovarji ġodda għal tħaddim fin-netwerk trans-Ewropew, il-kundizzjonijiet elettromanjetiċi mistennija fuq il-ferrovija għandhom ikunu definiti skont l-Anness A, l-indiċi A6. Għas-sistema tal-komunikazzjoni tal-Eurobalise u Euroloop, japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi fl-Anness A, l-indiċi 9 u rispettivament l-Indiċi 16.

Il-ħtiġijiet għas-sistemi abbord il-Klassi B huma definiti mill-Istat Membru adatt (ara l-Anness B).

TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovarji mhix ikkonċernata.

TSI tal-Vetturi Ferrovarji HS: It-Taqsima 4.2.6.6

4.3.2.7 *L-iżolament tal-funzjonalità tal-ETCS Abbord.*

Dan l-interfejs jirreferi għall-iżolament tal-funzjonalità tal-ETCS Abbord. Għandu jkun possibbli l-ferrovija tkun tista' tiċċaqtaq, wara l-iżolament tal-ETCS, mingħajr l-intervent tal-ETCS. Il-ħtiġijiet tal-Kontroll u Kmand huma fit-Taqsima 4.2.2 (Funzjonalità abbord tal-ETCS).

Dan l-interfejs huwa rilevanti għas-sistema tal-Klassi A. Il-ħtiġijiet ekwivalenti għas-sistemi ATP/ATC tal-Klassi B huma definiti mill-Istat Membru responsabbli (ara l-Anness B).

TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovjarji mhix ikkonċernata.

TDI tal-Vetturi Ferrovjarji HS: It-Taqsima 4.2.7.10.1

4.3.2.8. *Interfejs tal-Infommazzjoni*

L-interfejs tal-infommazzjoni bejn il-ferrovija u l-Armar Abbord tal-Kontroll u Kmand huwa definit mill-Anness A, l-Indiċi 7.

Dan l-interfejs huwa rilevanti għas-sistema tal-Klassi A. Il-ħtiġijiet ekwivalenti għas-sistemi ATP/ATC tal-Klassi B huma definiti mill-Istat Membru adatt (ara l-Anness B).

TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovjarji mhumex ikkonċernati għal-livell 1 u 2 tal-ECTS.

TSI tal-Vetturi Ferrovjarji HS: 4.2.7.12, 4.2.8.3.6.9

Il-ħtiġijiet tal-interfejs bejn il-komunikazzjonijiet bir-radju u s-Subsistema tal-Vetturi Ferrovjarji huma speċifikati fl-Anness A, l-indiċi 33.

Dan l-interfejs huwa rilevanti għas-sistema tal-Klassi A. Il-ħtiġijiet ekwivalenti għas-sistemi tar-radju tal-Klassi B huma definiti mill-Istat Membru adatt (ara l-Anness B).

L-ispeċifikazzjoni korrispondenti rispettiva hija stabbilita fi

TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovjarji: mhix ikkonċernata.

TSI tal-Vetturi Ferrovjarji HS: It-Taqsima 4.2.7.9

4.3.2.9. *Lokalizzaturi tat-Tisħin fil-Kaxxa tal-Fusien*

Dan l-interfejs jirreferi għall-ħtiġijiet tekniċi għal-lokalizzaturi tat-tisħin fil-kaxxa tal-fusien. Il-Parametru Bażiku tal-Kontroll u Kmand huwa deskritt fit-Taqsima 4.2.10 (HABD (Lokalizzatur għat-tisħin fil-kaxxa tal-fusien)).

Dan l-interfejs huwa rilevanti għas-sistema HABD tal-Klassi A. Il-ħtiġijiet ekwivalenti għas-sistemi HABD tal-Klassi B huma definiti fir-reġistru tal-infrastruttura adatt (ara l-Anness C).

L-ispeċifikazzjoni korrispondenti rispettiva hija stabbilita fi

TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovjarji: It-Taqsima 4.2.3.3.2

TSI tal-Vetturi Ferrovjarji HS: It-Taqsima 4.2.3.3.2

4.3.2.10. *Id-Dwal ta' Quddiem tal-Vettura*

Dan l-interfejs jirreferi għall-ħtiġijiet tekniċi għall-kromatiċità u l-luminożità tad-dwal ta' quddiem tal-vetturi biex tkun żgurata l-viżibbiltà korretta tas-sinjali li jirriflettu maġenb il-binarij u l-ħwejjeġ li jirriflettu. Il-ħtiġijiet tal-Kontroll u Kmand huma deskritti fit-Taqsima 4.2.16 (Viżibbiltà ta' oġġetti tal-Kontroll u Kmand maġenb il-binarij) u fit-Taqsima 4.7.

TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovjarji mhix ikkonċernata.

TSI tal-Vetturi Ferrovjarji HS: It-Taqsima: 4.2.7.4.1.1

4.3.2.11. *Vigilanza tax-Xufier*

Il-funzjonalità meħtieġa mit-TSI OPE hija koperta minn funzjonalità tal-Eirene fakultattiva kif deskritt fit-Taqsima 4.2.4 (Funzjonijiet tal-Eirene). Dan l-interfejs huwa validu, f'każ li l-funzjonalità fakultattiva tiġi implimentata minn IM.

L-ispeċifikazzjoni dettaljata tal-interfejs bejn apparat ta' vigitanza tal-Vetturi Ferrovjarji u l-armar abbord tal-GSM-R tibqa' punt miftuħ.

TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovjarji mhix ikkonċernata.

TSI tal-Vetturi Ferrovjarji HS: Attwalment ebda hteġa ma hija speċifikata fit-Taqsima 4.2.7.9

4.3.2.12. *Odometrija*

Dan huwa l-interfejs bejn l-apparat tal-odometrija u l-funzjonalità tal-odometrija meħteġa għal funzjonijiet abbord tal-ECTS.

Dan l-interfejs għat-TSIs tal-Vetturi Ferrovjarji huwa rilevanti biss għall-Parametru Bażiku deskritt fit-Taqsima 4.2.6.3 (Odometrija) meta t-tagħmir tal-odometrija jiġi provdut bħala kostitwent tal-interoperabbiltà separat (ara t-Taqsima 5.2.2 Raggruppar tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà).

Dan l-interfejs huwa rilevanti għas-sistema tal-Klassi A. Il-ħtiġijiet ekwivalenti għas-sistemi ATP/ATC tal-Klassi B huma definiti mill-Istat Membru adatt (ara l-Anness B).

TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovjarji mhix ikkonċernata.

4.3.2.13. *Interfejs għar-reġistrazzjoni tad-dejta għal skopijiet regolatorji*

Din l-interfejs tirreferi għall-ħtiġijiet tekniċi għar-reġistrazzjoni tad-dejta. Il-Parametru Bażiku tal-Kontroll u Kmand huwa deskritt fit-Taqsima 4.2.15 (Interfejs għar-Reġistrazzjoni tad-Dejta għal Skopijiet Regolatorji).

Dan l-interfejs huwa rilevanti għas-sistema tal-Klassi A. Il-ħtiġijiet għas-sistemi abbord il-Klassi B huma definiti mill-Istat Membru adatt (ara l-Anness B).

TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovjarji mhix ikkonċernata.

TSI tal-Vetturi Ferrovjarji HS: It-Taqsima 4.2.7.11

4.3.2.14. *Armar abbord minn qabel*

Dan l-interfejs jirreferi għall-estensjoni tal-armar minn qabel fuq vettura ferrovjarja b'tagħmir tal-Klassi A kif deskritt fl-Anness A, l-indiċi 57.

Dan l-interfejs huwa rilevanti għas-sistemi tal-Klassi A.

TSI tal-Vetturi Ferrovjarji HS: It-Taqsima 4.2.7.10.1 (Kontroll u Kmand u Sinjalazzjoni: ġenerali)

TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovjarji mhix ikkonċernata.

4.3.2.15. *Il-Firxa Viżiva Esterna tax-Xufier*

Dan l-interfejs tirreferi għall-firxa viżiva tax-xufier minn ġol-windskrin tal-kabina. Il-ħtiġijiet tal-Kontroll u Kmand huma deskritti fit-Taqsima 4.2.16 (Viżibbiltà ta' oġġetti tal-Kontroll u Kmand maġenb il-binarij).

TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovjarji mhix ikkonċernata.

TSI tal-Vetturi Ferrovjarji HS: It-Taqsima 4.2.2.6, 4.2.2.7

4.3.2.16. *Il-kontroll awtomatiku tal-enerġija u ħtiġijiet tal-RS partikolari għal mini twal*

Dan l-interfejs jiddeskrivi l-funzjonalità tas-Subsistema tal-Kontroll u Kmand:

- biex tikkmanda l-għeluq jew ftuħ tal-luvri tal-arja kif meħteġ minn RS.
- biex tikkmanda li l-pantografu jkun imniżżel jew mgħolli kif meħteġ minn ENE
- biex tikkmanda li l-iswiċċ ewlieni tal-enerġija jkun miftuħ jew magħluq kif meħteġ mill-ENE

Din hija funzjonalità bażika tal-ETCS deskritta fit-Taqsimiet 4.2.2 u 4.2.3.

TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija tal-Vetturi Ferrovjarji mhix ikkonċernata.

TSI tal-Vetturi Ferrovjarji HS: it-Taqsimit 4.2.7.12, 4.2.8.3.6.7

4.3.3. **Interfejsis għall-Infrastruttura tas-Subsistema**

4.3.3.1. *Sistemi tal-Lokalizzazzjoni tal-Ferroviji*

L-installazzjoni tal-infrastruttura għandha tiżgura li s-sistema tal-lokalizzazzjoni tal-ferrovija tirrispetta l-ħtiġijiet imsemmija fit-Taqsima 4.2.11 (Kompatibbiltà ma' Sistemi ta' Lokalizzazzjoni tal-Ferroviji Maġenb il-Binarji) u l-Anness A, l-Appendiċi 1 (il-Punt 3.5 impedenza bejn ir-roti).

TSI tal-Infrastruttura HS: it-Taqsima 4.2.18

TSI tal-Infrastruttura CR: Referenza għat-TSI CCS għandha tkun inkluża fit-TSI CR sabiex dawk il-ħtiġijiet ta' CCS ikunu rispettati mill-Infrastruttura.

4.3.3.2. *Tagħmir Maġenb il-Binarji ta' Kontroll u Kmand*

It-tagħmir ta' trażmissjoni tas-subsistemi maġenb il-binarji (GSM-R, Euroloop, Eurobalise) għandu jkun ippożizzjonat sabiex tkun żgurata komunikazzjoni ta' dejta kredibbli fit-truf tal-ġeometrija tal-binarju li jista' jkun maqsum mill-vettura ferrovjarja. Il-moviment u l-aġir tal-vetturi ferrovjarji għandhom ikunu kkunsidrati. Ara t-Taqsima 4.2.5 (interfejsis għall-ispazju tal-ajra tal-ETCS u EIRENE)

Il-pożizzjonar tal-Bords Indikaturi (ara t-Taqsima 4.2.16) u tagħmir ieħor ta' kontroll kmand maġenb il-binarji (eż. antenni tal-GSM-R, Euroloops, Eurobalises, HABD, sinjali bid-dawl, magni li jiddeterminaw il-punti, ...) għandu jilħaq il-ħtiġijiet (qisien minimi tal-binarji tal-infrastruttura) definiti fl-Infrastruttura tat-TSI.

Dan l-interfejs huwa rilevanti, fir-rigward ta' komunikazzjoni tad-dejta, għal sistema tal-Klassi A. Il-ħtiġijiet ekwivalenti għas-sistemi tal-Klassi B huma definiti mill-Istat Membru xieraq (ara l-Anness B).

TSI tal-Infrastruttura HS: It-Taqsima 4.2.3

4.3.3.3. *Il-Kwalità tar-ramel użat minn RS*

Rigward il-funzjoni korretta tas-sistemi tal-lokalizzazzjoni tal-ferroviji, ramel ta' ċerta kwalità għandu jkun provdut sabiex jintuża mill-RS. Il-ħtiġijiet ta' CCS huma deskritti fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-klawżola 4.1.4.

TSI tal-Infrastruttura HS: It-Taqsima 4.2.25.4

4.3.3.4. *Użu ta' brejkijiet tal-elettriku/manjetiċi*

Sabiex tkun żgurata l-funzjoni korretta tat-tagħmir tal-Kontroll Kmand maġenb il-binarji, l-użu ta' brejkijiet manjetiċi u brejkijiet tal-eddy current għandhom ikunu indikati fir-Reġistru tal-Infrastruttura, b'referenza għall-Anness A, l-Appendiċi 1, il-klawżola 5.2.

4.3.4. **Interfejsis għall-Enerġija tas-Subsistema**

4.3.4.1. *Kompatibbiltà Elettromanjetika*

Il-kundizzjonijiet elettromanjetiċi mistennija minn installazzjonijiet fissi għandhom ikunu definiti b'referenza għall-Anness A, l-Indiċi A7.

Għas-sistema ta' komunikazzjoni Eurobalise u EUROLOOP għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi fl-Anness A, l-Indiċi 9 u rispettivament l-Indiċi 16.

Għas-sistemi ta' lokalizzazzjoni tal-ferroviji ara l-Anness A, l-Appendiċi 1.

Għall-HABD ara l-Anness A, l-Appendiċi 2.

TSI ENE HS: Klawżola 4.2.6

4.3.4.2. *Kontroll Awtomatiku tal-Enerġija*

L-aġir tas-Subsistema tal-Kontroll u Kmand relatat mat-taqsimiet tas-separazzjoni tal-fażijiet u s-separazzjoni tas-sistema tal-enerġija fuq bażi tad-dħul ipprovduta mill-Enerġija tas-Subsistema, huwa deskritt f'4.2.2 u 4.2.3.

TSI ENE HS: Klawżola 4.2.21, 4.2.22, 4.2.2

4.4. **Regoli operattivi**

Ir-regoli operattivi speċifiċi għas-Subsistema tal-Kontroll u Kmand (ERTMS/ETCS u GSM-R) huma dettaljati fit-TSI tal-Operazzjoni u Maniġment tat-Traffiku.

4.5. **Regoli ta' manutenzjoni**

Ir-regoli ta' manutenzjoni tas-Subsistema koperti minn din it-TSI għandhom jiżguraw li l-valuri msemmija fil-parametri bażiċi indikati fil-Kapitolu 4 jinżammu skont il-limiti meħtieġa matul il-perjodu ta' utilità tal-armar. Madankollu, matul manutenzjoni preventattiva jew korrettiva, is-subsistema tista' ma tkunx tista' tikseb il-valuri msemmija fil-parametri bażiċi; ir-regoli ta' manutenzjoni għandhom jiżguraw li s-sigurtà ma tkunx preġudikata matul dawn l-attivitàjiet.

Sabiex jinkisbu dawn ir-riżultati, għandu jkun rispettat dan li ġej.

4.5.1. **Responsabbiltà tal-manifattur tat-tagħmir**

Il-manifattur tat-tagħmir inkorporat fis-subsistema għandu jispeċifika:

- il-ħtiġijiet u l-proċeduri kollha ta' manutenzjoni (inkluż superviżjoni ta' metodi u strumenti ta' funzjonament korretta, dijanjożi u ttestjar) meħtieġa għall-kisba tal-ħtiġijiet essenzjali u l-valuri msemmija fil-ħtiġijiet obbligatorji ta' din it-TSI matul il-perjodu tal-utilità kollu ta' dan it-tagħmir (trasport u ħażna qabel l-installazzjoni, operazzjoni normali, fallimenti, azzjonijiet ta' tiswija, verifiki u interventi tal-manutenzjoni, dekommissjonar eċċ.),
- ir-riskji kollha għas-saħħa u s-sigurtà li jistgħu jaffettwaw lill-pubbliku u lill-persunal tal-manutenzjoni,
- il-kundizzjonijiet għall-manutenzjoni tal-ewwel linja (jiġifieri d-definizzjoni ta' Unitajiet Sostitwibbli tal-Linja (LRUs), id-definizzjoni ta' verżjonijiet kompatibbli approvati ta' Hardwer u Softwer, is-sostituzzjoni ta' LRUs li ma jaħdmux, u eż. il-kundizzjonijiet għall-ħażna ta' LRUs u għat-tiswija ta' LRUs li ma jaħdmux,
- il-kundizzjonijiet tekniċi għat-tmexxija ta' ferrovija b'tagħmir li ma jaħdimx sal-aħħar tal-missjoni jew sal-workshop (modulu degradat minn perspettiva teknika, eż. funzjonijiet parzjalment jew totalment mitfija, iżolament minn funzjonijiet oħra eċċ.),
- il-verifiki li għandhom jitwettqu f'każ li t-tagħmir ikun suġġett għal tensjoni eċċezzjonali (eż. kundizzjonijiet ambjentali eċċessivi jew xokkijiet abnormali)

4.5.2. **Responsabbiltà tal-entitajiet kontraenti**

L-entitajiet kontraenti għandhom:

- jiżguraw li, għall-komponenti kollha fl-ambitu ta' dan it-TSI (indipendentement minn jekk humiex kostitwenti tal-interoperabbiltà jew le), il-ħtiġijiet tal-manutenzjoni deskritti fit-Taqsima 4.5.1 (Responsabbiltà tal-manifattur tat-tagħmir) huma definiti.
- jistabbilixxu r-regoli meħtieġa tal-manutenzjoni għall-komponenti kollha fl-ambitu ta' dan it-TSI b'kunsiderazzjoni tar-riskji dovuti għal interazzjonijiet ta' tagħmir differenti fis-subsistema u interfejsis ma' subsistemi oħra.

4.5.3. **Responsabbiltà tal-amministratur tal-infrastruttura jew l-impriża ferrovjarja**

L-amministratur tal-infrastruttura jew l-impriża ferrovjarja responsabbli mill-operazzjoni tal-Armor Abbord jew Maġenb il-Binarji:

- Għandu jstabbilixxi pjan ta' manutenzjoni kif speċifikat fit-Taqsima 4.5.4 (Pjan ta' manutenzjoni).

4.5.4. **Pjan ta' manutenzjoni**

Il-pjan ta' manutenzjoni għandu jkun ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet speċifikati fit-Taqsima 4.5.1 (Responsabbiltà tal-manifattur tat-tagħmir), it-Taqsima 4.5.2 (Responsabbiltà tal-entitajiet kontraenti) u t-Taqsima 4.5.3 (Responsabbiltà tal-amministratur tal-infrastruttura jew l-impriża ferrovjarja) u għandu jkopri, mill-inqas:

- Kundizzjonijiet għall-użu tat-tagħmir, skont il-ħtiġijiet indikati mill-manifatturi.
- Speċifikazzjoni tal-programmi ta' manutenzjoni (eż. definizzjoni ta' kategoriji ta' manutenzjoni preventiva jew korrettiva, ħin massimu bejn l-azzjonijiet ta' manutenzjoni preventivi u l-prekawzjonijiet korrispondenti li għandhom jitwettqu għas-sigurtà tas-Subsistema u l-persunal tal-manutenzjoni, b'kunsiderazzjoni tal-interferenza ta' azzjonijiet ta' manutenzjoni fit-tħaddim tas-Subsistema tal-Kontroll u Kmand).
- Ħtiġijiet għall-ħażna tal-partijiet ta' rikambju.
- Definizzjoni tal-ewwel manutenzjoni tal-linja.
- Regoli għall-amministrazzjoni tat-tagħmir li ma jaħdimx.
- Ħtiġijiet relatati mal-kompetenzi professjonali minimi tal-persunal tal-manutenzjoni, b'referenza għar-riskji tas-saħħa u s-sigurtà.
- Ħtiġijiet relatati mat-tagħmir protettiv personali.
- Definizzjoni tar-responsabbiltajiet u l-awtorizzazzjoni tal-persunal tal-manutenzjoni (eż., għal aċċess għat-tagħmir, amministrazzjoni tal-limitazzjonijiet u/jew interruzzjonijiet tat-tħaddim tas-sistema, sostituzzjoni tal-LRUs, tiswija tal-LRUs li ma jaħdmux, restawr tal-operazzjoni normali tas-sistema).
- Proċeduri għall-amministrazzjoni tal-identitajiet tal-ETCS. Ara t-Taqsima 4.2.9 (Amministrazzjoni tal-ETCS-ID).
- Metodi għar-rappurtar lill-manifattur tat-tagħmir tal-informazzjoni dwar id-difetti kritiċi tas-sigurtà u fallimenti frekwenti tas-sistema.

4.6. **Kompetenzi professjonali**

Il-kompetenzi professjonali meħtieġi għat-tħaddim tas-subsistema ta' Kontroll u Kmand huma koperti mit-TSI tal-Operazzjoni u l-Maniġment tat-Traffiku.

Il-kompetenzi professjonali meħtieġa għall-manutenzjoni tas-Subsistema ta' Kontroll u Kmand għandhom ikunu dettaljati fil-pjan ta' manutenzjoni (ara t-Taqsima 4.5.4 Pjan ta' manutenzjoni).

4.7. **Kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà**

Flimkien mal-ħtiġijiet speċifikati fil-pjanijiet tal-manutenzjoni, ara t-Taqsima 4.5 (Regoli ta' manutenzjoni), għandhom jitwettqu prekawzjonijiet biex tkun żgurata s-saħħa u s-sigurtà għall-persunal tal-manutenzjoni u l-operazzjonijiet, skont ir-regolamenti Ewropew u r-regolamenti nazzjonali li huma kompatibbli mal-leġiżlazzjoni Ewropea.

Il-persunal involut fil-manutenzjoni ta' tagħmir CCS ta' maġenb il-binarij, waqt li jaħdem fuq jew viċin il-binarij, għandu jilbes ħwejjeġ li jirriflettu, bil-marka tal-KE (u għalhekk jissodisfa d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/686/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati ma' tagħmir protettiv personali).

4.8. **Reġistri dwar l-Infrastruttura u l-Vetturi Ferrovjarji**

Is-Subsistema tal-Kontroll u Kmand hija trattata bħal żewġ Armar:

- l-Armar Abbord,
- l-Armar Maġenb il-Binarij.

Il-ħtiġijiet għall-kontenut tar-reġistru tal-infrastruttura u l-vetturi ferrovjarji fir-rigward tal-Armar tal-Kontroll u Kmand huma speċifikati fl-Anness C (karatteristiċi speċifiċi tal-linja u speċifiċi tal-ferrovija).

5. KOSTITWENTI TAL-INTEROPERABILITÀ

5.1. **Definizzjonijiet**

Skont l-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 96/48/KE:

Il-kostitwenti tal-interoperabbiltà huma “kull komponent elementari, grupp ta’ komponenti, armar parzjali jew armar sħiħa ta’ tagħmir inkorporat jew intiż biex jiġi inkorporat f’sottosistema, li fuqhom tiddependi l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta’ veloċità għolja direttament jew indirettament”. Il-kunċett ta’ kostitwenti jkopri kemm oġġetti tanġibbli kif ukoll oġġetti mhux tanġibbli bħal softwer.

5.2. **Lista ta’ kostitwenti tal-interoperabbiltà**

5.2.1. **Kostitwenti tal-interoperabbiltà bażiċi**

Il-kostitwenti tal-interoperabbiltà f’subistema ta’ Kontroll u Kmand huma mniżżla fi:

- It-Tabella 5.1.a għal Armar Abbord,
- It-Tabella 5.2.a għall-Armar Maġenb il-Binarji.

Il-kostitwent tal-interoperabbiltà “pjattaforma ta’ sigurtà” huwa definit bħala element bażiku (prodott ġeneriku, indipendenti mill-applikazzjoni) magħmul minn hardwer u softwer bażiku (fermwer u/jew sistema operattiva u/jew għodda ta’ appoġġ), li jista’ jintuża biex jinbnew sistemi iktar kumplessi (applikazzjonijiet ġeneriċi, jiġifieri klassijiet ta’ applikazzjonijiet).

5.2.2. **Raggruppar ta’ kostitwenti tal-interoperabbiltà**

Il-kostitwenti tal-interoperabbiltà bażiċi tal-Kontroll u Kmand definiti fit-Tabelli 5.1.a u 5.2.a jistgħu jkunu magħquda biex jiffurmaw unità ikbar. Il-grupp huwa mbagħad definit mill-funzjonijiet tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà integrati u l-interfejsis li jibqa’ fuq barra tal-grupp. Jekk grupp ikun iffurmat b’dan il-mod, għandu jkun ikkunsidrat bħala kostitwent tal-interoperabbiltà.

- It-Tabella 5.1.b tniżżel il-gruppi tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà tal-Armar Abbord
- It-Tabella 5.2.b tniżżel il-gruppi tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà tal-Armar Maġenb il-Binarji

Meta l-ispeċifikazzjonijiet obbligatorji indikati f’din it-TSI ma jkunux disponibbli għall-appoġġ ta’ interfejs, dikjarazzjoni ta’ konformità tista’ tkun possibbli permezz tar-raggruppar ta’ kostitwenti tal-interoperabbiltà.

5.3. **Prestazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tal-kostitwenti**

Għal kull kostitwent bażiku tal-interoperabbiltà jew grupp ta’ kostitwenti tal-interoperabbiltà, it-tabelli fil-Kapitolu 5 jiddeskrivu:

- Fil-kolonna 3, il-funzjonijiet u l-interfejsis. Osserva li xi kostitwenti tal-interoperabbiltà għandhom funzjonijiet u/jew interfejsis li huma fakultattivi.
- Fil-kolonna 4, l-ispeċifikazzjonijiet obbligatorji għall-evalwazzjoni tal-konformità ta’ kull funzjoni jew interfejs, sa fejn ikun rilevanti, permezz ta’ referenza għat-taqsimi rilevanti tal-Kapitolu 4.
- Fil-kolonna 5, il-moduli li għandhom ikunu applikati għall-evalwazzjoni tal-konformità, li huma deskritti fil-Kapitolu 6 ta’ din it-TSI.

Osserva li l-ħtiġijiet tat-Taqsimi 4.5.1 (Responsabbiltà tal-manifattur tat-tagħmir) japplikaw għal kull kostitwent tal-interoperabbiltà bażiku jew grupp ta’ kostitwenti tal-interoperabbiltà.

Tabella 5.1.a

kostitwenti tal-interoperabbiltà bażiċi fl-armar tal-Kontroll u Kmand abbord

1	2	3	4	5
n	Kostitwent tal-interoperabbiltà IC	Karatteristiċi	Ħtiġijiet speċifiċi li għandhom ikunu evalwati permezz ta' referenza għall-Kapitolu 4	Modulu
1	ERTMS ETCS abbord	Sigurtà Funzjonalità tal-ETCS abbord Bl-esklużjoni ta': — Odometrija — Reġistrazzjoni ta' dejta għal skopijiet regolatorji Interfejsis għall-ispazju tal-arja tal-ETCS u l-EIRENE RBC (livell 2 u 3) Unità ta' radio infill (livell 1 fakultattiv) Spazju tal-arja Eurobalise Spazju tal-arja Euroloop (livell 1 fakultattiv) Interfejsis STM (implimentazzjoni tal-interfejs K fakultattiv) ERTMS GSM-R abbord Odometrija Sistema tal-maniġment taċ-ċwieviet Maniġment tal-ETCS ID Interfejs tal-Magna tax-Xufier tal-ETCS Maniġment taċ-Ċwieviet Kundizzjonijiet ambjentali fiżiċi EMC Interfejsis tad-Dejta Reġistratur tal- Informazzjoni tas-Sigurtà	4.2.1 4.2.2 4.2.5 4.2.6.1 4.2.6.2 4.2.6.3 4.2.8 4.2.9 4.2.13 4.3.1.7 4.3.2.5 4.3.2.6 4.3.2.8 Xejn	H2 jew B b'D jew B b'F
2	Pjattaforma ta' sigurtà abbord	Sigurtà	4.2.1	H2 jew B b'D jew B b'F
3	Reġistratur tal- Informazzjoni tas-Sigurtà	Funzjonalità tal-ETCS abbord Reġistrazzjoni ta' dejta biss għal skopijiet regolatorji Interfejsis Strument tat-tniżżil tal-JRU ERTMS/ETCS abbord Kundizzjonijiet ambjentali EMC	4.2.2 4.2.15 Xejn 4.3.2.5 4.3.2.6	H2 jew B b'D jew B b'F
4	Odometrija	Sigurtà Funzjonalità tal-ETCS abbord Odometrija biss Interfejsis ERTMS ETCS abbord Kundizzjonijiet ambjentali EMC	4.2.1 4.2.2 4.2.6.3 4.3.2.5 4.3.2.6	H2 jew B b'D jew B b'F

1	2	3	4	5
n	Kostitwent tal-interoperabbiltà IC	Karatteristiċi	Ħtiġijiet speċifiċi li għandhom ikunu evalwati permezz ta' referenza għall-Kapitolu 4	Modulu
5	STM Estern	Funzjonijiet u sigurtà Skont l-ispeċifikazzjonijiet nazzjonali Interfejsis ERTMS ETCS abbord Spazju tal-arja tas-sistema ATP/ATC tal-Klassi B Skont l-ispeċifikazzjonijiet nazzjonali Kundizzjonijiet ambjentali Skont l-ispeċifikazzjonijiet nazzjonali EMC Skont l-ispeċifikazzjonijiet nazzjonali	Xejn 4.2.6.1 Xejn Xejn Xejn	H2 jew B b'D jew B b'F
6	ERTMS/GSM-R abbord	Funzjonijiet tal-EIRENE Komunikazzjoni tad-dejta fil-livell 2 jew 3 biss jew fil-livell 1 b'radio infill Interfejsis ERTMS ETCS abbord Fil-livell 2 jew 3 biss jew fil-livell 1 b'radio infill GSM-R Interfejs tal-Magna tax-Xufier tal-EIRENE Kundizzjonijiet ambjentali EMC	4.2.4 4.2.6.2 4.2.5 4.2.14 4.3.2.5 4.3.2.6	H2 jew B b'D jew B b'F

Tabella 5.1.b

Grupp ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà bażiċi fl-Armar tal-Kontroll u Kmand Abbord**Din it-tabella hija eżempju li juri l-istruttura. gruppi oħra jistgħu jkunu proposti**

1	2	3	4	5
n	Kostitwent tal-interoperabbiltà IC	Karatteristiċi	Ħtiġijiet speċifiċi li għandhom ikunu evalwati permezz ta' referenza għall-Kapitolu 4	Modulu
1	Pjattaforma ta' sigurtà abbord ERTMS ETCS abbord Reġistratur tal-Infommazzjoni tas-Sigurtà Odometrija	Sigurtà Funzjonalità tal-ETCS abbord Interfejsis għall-ispazju tal-arja tal-ETCS u l-EIRENE RBC (livell 2 u 3) Unità ta' radio infill (livell fakultattiv 1) Spazju tal-arja Eurobalise Spazju tal-arja Euroloop (livell 1 fakultattiv) Interfejsis STM (implimentazzjoni tal-interfejs K fakultattiv) ERTMS GSM-R abbord Sistema ta' maniġment taċ-ċwieviet	4.2.1 4.2.2 4.2.5 4.2.6.1 4.2.6.2 4.2.8	H2 jew B b'D jew B b'F

1	2	3	4	5
n	Kostitwent tal-interoperabbiltà IC	Karatteristiċi	Ħtiġijiet speċifiċi li għandhom ikunu evalwati permezz ta' referenza għall-Kapitolu 4	Modulu
		Maniġment tal-ETCS ID Interfejs tal-Magna tax-Xufier tal-ETCS Kundizzjonijiet ambjentali fiżiċi EMC Għodda tat-tniżżil JRU Interfejsis tal-informazzjoni	4.2.9 4.2.13 4.3.2.5 4.3.2.6 4.2.15 4.3.2.8	

Tabella 5.2.a

Kostitwenti tal-interoperabbiltà bażiċi fl-Armar tal-Kontroll u Kmand Maġenb il-Binarji

1	2	3	4	5
N	Kostitwent tal-interoperabbiltà IC	Karatteristiċi	Ħtiġijiet speċifiċi li għandhom ikunu evalwati permezz ta' referenza għall-Kapitolu 4	Modulu
1	RBC	Sigurtà Funzjonalità tal-ETCS maġenb il-binarji Komunikazzjoni eskluża permezz ta' Eurobalises, radio infill u Euroloop Interfejsis għall-ispazju tal-arja tal-ETCS u l-EIRENE Komunikazzjoni bir-radju biss mal-ferrovija Interfejsis RBC fil-Viċinat ERTMS GSM-R maġenb il-binarji Sistema ta' maniġment taċ-ċwieviet Maniġment tal-ETCS-ID Interlokkjar Kundizzjonijiet ambjentali EMC	4.2.1 4.2.3 4.2.5 4.2.7.1, 4.2.7.2 4.2.7.3 4.2.8 4.2.9 4.3.2.5 4.3.4.1, 4.3.2.2	H2 jew B b'D jew B b'F
2	Unità ta' radio infill	Sigurtà Funzjonalità tal-ETCS maġenb il-binarji Komunikazzjoni eskluż permezz ta' Eurobalises, Euroloop u funzjonalità tal-livell 2/3 Interfejsis għall-ispazju tal-arja tal-ETCS u l-EIRENE Komunikazzjoni bir-radju biss mal-ferrovija Interfejsis ERTMS GSM-R maġenb il-binarji Sistema ta' maniġment taċ-ċwieviet Maniġment tal-ETCS-ID Interlokkjar u LEU Kundizzjonijiet ambjentali EMC	4.2.1 4.2.3 4.2.5 4.2.7.3 4.2.8 4.2.9 4.2.3 4.3.2.5 4.3.4.1, 4.3.2.2	H2 jew B b'D jew B b'F

1	2	3	4	5
N	Kostitwent tal-interoperabbiltà IC	Karatteristiċi	Ħtiġijiet speċifiċi li għandhom ikunu evalwati permezz ta' referenza għall-Kapitolu 4	Modulu
3	Eurobalise	Sigurtà Interfejsis għall-ispazju tal-arja tal-ETCS u l-EIRENE Komunikazzjoni tal-Eurobalise mal-ferrovija biss Interfejsis LEU Eurobalise Maniġment tal-ETCS-ID Kundizzjonijiet ambjentali EMC	4.2.1 4.2.5 4.2.7.4 4.2.9 4.3.2.5 4.3.4.1, 4.3.2.2	H2 jew B b'D jew B b'F
4	Euroloop	Sigurtà Interfejsis għall-ispazju tal-arja tal-ETCS u l-EIRENE Komunikazzjoni Euroloop mal-ferrovija biss Interfejsis LEU Euroloop Maniġment tal-ETCS-ID Kundizzjonijiet ambjentali EMC	4.2.1 4.2.5 4.2.7.5 4.2.9 4.3.2.5 4.3.4.1, 4.3.2.2	H2 jew B b'D jew B b'F
5	LEU Eurobalise	Sigurtà Funtzjonalità tal-ETCS maġenb il-binarij Komunikazzjoni eskluża permezz ta' radio infill, Euroloop u funtzjonalità tal-livell 2 u tal-livell 3 Interfejsis Sinjalazzjoni maġenb il-binarij Eurobalise Maniġment tal-ETCS-ID Kundizzjonijiet ambjentali EMC	4.2.1 4.2.3 Xejn 4.2.7.4 4.2.9 4.3.2.5 4.3.4.1, 4.3.2.2	H2 jew B b'D jew B b'F
6	LEU Euroloop	Sigurtà Funtzjonalità tal-ETCS maġenb il-binarij Komunikazzjoni eskluża permezz ta' radio infill, Eurobalise u funtzjonalità tal-livell 2 u tal-livell 3 Interfejsis Sinjalazzjoni maġenb il-binarij Euroloop Maniġment tal-ETCS-ID Kundizzjonijiet ambjentali EMC	4.2.1 4.2.3 Xejn 4.2.7.5 4.2.9 4.3.2.5 4.3.4.1, 4.3.2.2	H2 jew B b'D jew B b'F
7	Pjattaforma ta' Sigurtà maġenb il-binarij	Sigurtà	4.2.1	H2 jew B b'D jew B b'F

Tabella 5.2.b

Gruppi ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà fl-Armar tal-Kontroll u Kmand Maġenb il-Binarji**Din it-tabella hija eżempju biex turi l-istruttura. Gruppi oħra jistgħu jkunu proposti**

1	2	3	4	5
N	Kostitwent tal-interoperabbiltà IC	Karatteristiċi	Ħtiġijiet speċifiċi li għandhom ikunu evalwati permezz ta' referenza għall-Kapitolu 4	Modulu
1	Pjattaforma ta' Sigurtà maġenb il-binarji Eurobalise LEU Eurobalise	Sigurtà Funzjonalità tal-ETCS maġenb il-binarji Komunikazzjoni eskluża permezz ta' Euroloop u funzjonalità tal-livell 2 u tal-livell 3 Interfejsis għall-ispazju tal-arja tal-ETCS u l-EIRENE Komunikazzjoni tal-Eurobalise mal-ferrovija biss Interfejsis Sinjalazzjoni maġenb il-binarji Maniġment tal-ETCS-ID Kundizzjonijiet ambjentali EMC	4.2.1 4.2.3 4.2.5 Xejn 4.2.9 4.3.2.5 4.3.4.1, 4.3.2.2	H2 jew B b'D jew B b'F
2	Pjattaforma ta' Sigurtà maġenb il-binarji Euroloop LEU Euroloop	Sigurtà Funzjonalità tal-ETCS maġenb il-binarji Komunikazzjoni eskluża permezz ta' Eurobalise u funzjonalità tal-livell 2 u tal-livell 3 Interfejsis għall-ispazju tal-arja tal-ETCS u l-EIRENE Komunikazzjoni Euroloop mal-ferrovija biss Interfejsis Sinjalazzjoni maġenb il-binarji Maniġment tal-ETCS-ID Kundizzjonijiet ambjentali EMC	4.2.1 4.2.3 4.2.5 Xejn 4.2.9 4.3.2.5 4.3.4.1, 4.3.2.2	H2 jew B b'D jew B b'F

6. EVALWAZZJONI TAL-KONFORMITÀ U/JEW ADATTABBILTÀ GĦALL-UŻU TAL-KOSTITWENTI U VERIFIKA TAS-SUBSISTEMA**6.0. Introduzzjoni**

Fl-ambitu ta' din it-TSI, it-tweġiq tal-ħtiġijiet essenzjali rilevanti msemmija fil-Kapitolu 3 ta' din it-TSI għandu jkun żgurat permezz ta' konformità mal-ispeċifikazzjoni msemmija fil-Kapitolu 4 u, bħala segwitu, fil-Kapitolu 5 għall-kostitwenti tal-interoperabbiltà, kif muri bħala riżultat pożittiv tal-evalwazzjoni tal-konformità u/jew l-adattabbiltà tal-użu tal-kostitwent tal-interoperabbiltà u verifika tas-subsistema kif deskritt fil-Kapitolu 6.

Minkejja dan, meta parti mill-ħtiġijiet essenzjali jkunu sodisfatti mir-Regoli Nazzjonali, minħabba:

- L-użu ta' sistemi tal-Klassi B (inklużi funzjonijiet nazzjonali fl-STMs),
- Punti miftuħa fit-TSI,

- c) Derogi skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/48/KE,
- d) Każijiet speċifiċi deskritti fit-Taqsima 7.3

l-evalwazzjoni tal-konformità għandha għalhekk titwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri kkonċernati skont il-proċeduri notifikati.

6.1. **Kostitwenti tal-interoperabbiltà**

6.1.1. **Proċeduri ta' evalwazzjoni**

Il-manifattur ta' Kostitwent tal-interoperabbiltà (IC) (u/jew gruppi ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà) jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jfassal dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE skont l-Artikolu 13.1 u l-Anness IV tad-Direttiva 96/48/KE qabel ma jqegħidhom fuq is-suq.

Il-proċedura ta' evalwazzjoni għall-konformità ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà u/jew gruppi ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà kif definit fil-Kapitolu 5 ta' din it-TSI għandha titwettaq permezz ta' applikazzjoni tal-moduli kif speċifikat fit-Taqsima 6.1.2 (Moduli).

Ftit mill-ispeċifikazzjonijiet f'din it-TSI jinkludu funzjonijiet obligatorji u/jew fakultattivi. Il-korp notifikat għandu:

- Jivverifika, li l-funzjonijiet obligatorji kollha rilevanti għall-kostitwent tal-interoperabbiltà jkunu implimentati;
- Jivverifika, liema funzjonijiet fakultattivi huma implimentati,

u jwettaq l-evalwazzjoni ta' konformità.

Il-fornitur għandu jindika fid-dikjarazzjoni tal-KE liema funzjonijiet fakultattivi huma implimentati.

Il-korp notifikat għandu jivverifika, li ebda funzjonijiet addizzjonali, implimentati fil-kostitwent, ma jwasslu għal kunflitti ma' funzjonijiet implimentati obligatorji jew funzjonali.

6.1.1.1. *Il-Modulu Speċifiku ta' Trażmissjoni (Specific Transmission Module, STM)*

Dan l-STM għandu jissodisfa l-ħtiġijiet nazzjonali, u l-approvazzjoni tiegħu hija responsabbiltà tal-Istat Membru adattat kif iddikjarat fl-Anness B.

Il-verifika tal-interfejs tal-STM għall-ERTMS/ETCS abbord teħtieġ evalwazzjoni ta' konformità mwettqa minn entità notifikata. Il-korp notifikat għandu jivverifika li l-Istat Membru approva l-parti nazzjonali tal-STM.

6.1.1.2. *Dikjarazzjoni tal-KE għall-adattabbiltà għall-użu*

Mhix meħtieġa dikjarazzjoni tal-KE għall-adattabbiltà għall-użu għal kostitwenti tal-interoperabbiltà tas-Subsistema tal-Kontroll u Kmand.

6.1.2. **Moduli**

Għall-evalwazzjoni tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà fis-subsistema tal-Kontroll Kmand, il-manifattur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità, jista' jagħżel il-moduli skont it-Tabelli 5.1A, 5.1B, 5.2A u 5.2B:

- Jew il-proċedura tal-eżami tat-tip (il-Modulu B) għall-fażi tad-disinn u l-iżvilupp flimkien mal-proċedura tas-sistema tal-amministrazzjoni tal-kwalità tal-produzzjoni (il-Modulu D) għall-fażi tal-produzzjoni, jew
- Il-proċedura tal-eżami tat-tip (il-Modulu B) għall-fażi tad-disinn u l-iżvilupp flimkien mal-proċedura tal-verifika tal-prodott (il-Modulu F), jew
- Is-sistema tal-maniġment tal-kwalità totali bil-proċedura tal-eżami tad-disinn (il-Modulu H2).

Id-deskrizzjoni tal-moduli tinsab fl-Anness E ta' din it-TSI.

Il-Modulu D (sistema ta' amministrazzjoni tal-kwalità tal-produzzjoni) jista' jintgħażel biss meta l-manifattur jopera sistema ta' kwalità għall-produzzjoni, spezzjoni u ttestjar tal-prodott finali, approvata u ssorveljata minn entità notifikata.

Il-Modulu H2 (sistema ta' amministrazzjoni tal-kwalità totali b'eżami tad-disinn) jista' jkun magħżul biss meta l-manifattur jopera sistema ta' kwalità għad-disinn, produzzjoni, spezzjoni u ttestjar tal-prodott finali, approvata u ssorveljata minn entità notifikata.

Il-kjarifiki addizzjonali li ġejjin japplikaw għall-użu ta' wħud mill-moduli:

- B'referenza għall-Kapitolu 4 tad-deskrizzjoni tal-Modulu B' (eżami tat-tip) fl-Anness E:
 - (a) Reviżjoni tad-disinn hija mitluba;
 - (b) Reviżjoni tal-proċess tal-manifattura mhix mitluba jekk il-Modulu B' (eżami tat-tip) huwa użat flimkien mal-Modulu D' (sistema tal-amministrazzjoni tal-kwalità tal-produzzjoni);
 - (c) Reviżjoni tal-proċess tal-manifattura hija meħtieġa jekk il-Modulu B' (eżami tat-tip) hija użata flimkien mal-Modulu F' (verifika tal-prodott).
- B'referenza għall-Kapitolu 3 tad-deskrizzjoni tal-Modulu F' (verifika tal-prodott) fl-Anness E, verifika tal-istatistika mhix awtorizzata, jiġifieri l-kostitwenti kollha tal-interoperabbiltà għandhom ikunu eżaminati individwalment.
- B'referenza għat-Taqsima 6.3 tal-“Modulu H2” (sistema ta' amministrazzjoni tal-kwalità totali b'eżami tad-disinn), test tat-tip huwa meħtieġ.

Indipendentement mill-modulu magħżul, id-dispożizzjonijiet tal-Anness A l-indiċi 47, l-indiċi A1, l-indiċi A2 u l-indiċi A3 għandhom ikunu applikati għaċ-ċertifikazzjoni tal-Kostitwenti tal-Interoperabbiltà, li japplikaw għalihom il-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-Parametru Bażiku (it-Taqsima 4.2.1 Karatteristiċi tas-sigurtà tal-Kontroll u Kmand rilevanti għall-interoperabbiltà).

Indipendentement mill-modulu magħżul, għandu jkun verifikat li l-indikazzjonijiet tal-fornitur għall-manutenzjoni tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà huma konformi mal-ħtiġijiet tat-Taqsima 4.5 (Regoli tal-manutenzjoni) ta' din it-TSI.

Jekk il-Modulu B (eżami tat-tip) ikun użat, dan għandu jkun magħmul fuq il-bażi tal-eżami tad-dokumentazzjoni teknika (ara t-Taqsima 3 u 4.1 tad-deskrizzjoni tal-Modulu B (eżami tat-tip)).

Jekk il-Modulu H2 (sistema tal-amministrazzjoni tal-kwalità totali b'eżami tad-disinn) ikun użat, l-applikazzjoni għall-eżami tad-disinn għandha tinkludi l-elementi kollha li jappoġġjaw evidenza li l-ħtiġijiet tat-Taqsima 4.5 (Regoli ta' manutenzjoni) ta' din it-TSI huma sodisfatti.

6.2. **Subsistema tal-Kontroll u Kmand**

6.2.1. **Proċeduri ta' evalwazzjoni**

Dan il-Kapitolu jtratta d-dikjarazzjoni tal-KE tal-verifika tas-Subsistema tal-Kontroll u Kmand. Kif iddikjarat fil-Kapitolu 2 l-applikazzjoni tas-Subsistema tal-Kontroll u Kmand hija trattata bħala żewġ armar:

- l-Armar Abbord,
- l-Armar Maġenb il-Binarji.

Għal kull armar, dikjarazzjoni ta' verifika tal-KE hija meħtieġa.

Fuq talba tal-entità kontraenti jew ir-rappreżentant tagħha stabbilit fil-Komunità l-korp notifikat iwettaq verifika tal-KE ta' Armar Abbord jew Maġenb il-binarji skont l-Anness VI tad-Direttiva 96/48/KE.

L-entità kontraenti għandha tfassal id-dikjarazzjoni ta' verifika tal-KE għall-Armar tal-Kontroll u Kmand skont l-Artikolu 18(1) u l-Anness V tad-Direttiva 96/48/KE.

Il-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-verifika tal-KE għandu jikkonforma mal-Anness V tad-Direttiva 96/48/KE. Dan jinkludi l-verifika tal-integrazzjoni tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà li huma parti mill-assemblaġġ; it-Tabelli 6.1 u 6.2 jiddefinixxu l-karatteristiċi li għandhom ikunu verifikati u r-referenza għall-ispeċifikazzjonijiet obbligatorji li għandhom ikunu applikati.

Ftit mill-ispeċifikazzjonijiet f'din it-TSI jinkludu funzjonijiet obligatorji u/jew fakultattivi. Il-korp notifikat għandu:

- jivverifika li l-funzjonijiet kollha obligatorji meħtieġa għall-Armar jkunu implimentati;
- jivverifika li l-funzjonijiet fakultattivi kollha meħtieġa mill-implimentazzjoni speċifika maġenb il-binarij jew abbord ikunu implimentati;

Il-korp notifikat għandu jivverifika, li ebda funzjoni addizzjonali, implimentati fl-armar, ma twassal għal kunflitti ma' funzjonijiet implimentati obligatorji jew fakultattivi.

Informazzjoni dwar l-implimentazzjoni speċifika tal-Armar Maġenb il-Binarij u Abbord għandha tkun pprovduta fir-Reġistru tal-Infrastruttura u fir-Reġistru tal-Vetturi Ferrovarji skont l-Anness C.

Id-dikjarazzjoni ta' verifika tal-KE tal-Armar Maġenb il-binarij jew Abbord għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa li tkun inkluża fir-reġistri fuq imsemmija. Ir-Reġistri għandhom ikunu amministrati skont id-Direttiva tal-Interoperabbiltà 96/48/KE Artikolu 22.a.

Id-dikjarazzjoni ta' verifika tal-KE dwar Armar Abbord u Maġenb il-Binarij, flimkien ma' Ċertifikati ta' Konformità, hija biżżejjed biex tiżgura li Armar Maġenb il-Binarij topera b'Armar Abbord mgħammar bil-karatteristiċi korrispondenti kif definiti fir-Reġistru tal-Vetturi Ferrovarji u fir-Reġistru tal-Infrastruttura mingħajr dikjarazzjoni addizzjonali tas-subsistema tal-verifika tal-KE.

6.2.1.1. Verifika ta' integrazzjoni funzjonali ta' Armar Abbord

Il-verifika għandha ssir għal Armar Abbord ta' Kontroll Kmand installat fuq vettura. Għat-tagħmir tal-Kontroll u Kmand li mhux definit b'halta Klassi A l-ħtiġijiet ta' verifika assoċjati mal-interoperabbiltà biss (pereżempju STM-ERTMS/ETCS interfejs Abbord) huma inklużi f'din it-TSI.

Qabel ma tista' sseħħ xi verifika funzjonali abbord, il-kostitwenti tal-interoperabbiltà inklużi fl-armar għandhom ikunu evalwati skont it-Taqsim 6.1 ta' hawn fuq li tirriżulta f'dikjarazzjoni tal-konformità tal-KE. Il-korp notifikat għandu jevalwa li huma adattati għall-applikazzjoni (eż., funzjonijiet fakultattivi implimentati).

Il-funzjonalità tal-Klassi A diġà verifikata fuq livell ta' kostitwent tal-interoperabbiltà ma teħtiġx verifika addizzjonali.

It-testijiet tal-verifika tal-integrazzjoni għandhom jitwettqu biex juru li l-komponenti tal-armar kienu interkonnessi u mqabbla b'mod korrett mal-ferrovija biex jiżguraw li l-funzjonalità u l-prestazzjoni meħtieġa għal dik l-applikazzjoni jkunu miksuba. Meta Armar identiċi Abbord ta' Kontroll u Kmand huma installati fuq oġġetti identiċi ta' vetturi ferrovarji, il-verifika tal-integrazzjoni għandha ssir darba biss fuq oġġett wieħed mill-vetturi ferrovarji.

Dan li ġej għandu jkun verifikat:

- il-korrettezza tal-installazzjoni tal-Armar Abbord tal-Kontroll u Kmand (eż. konformità tar-regoli tal-inġinerija, kooperazzjoni ta' tagħmir interkonness, nuqqas ta' interazzjonijiet mhux sikuri u, fejn meħtieġ, ħażna ta' informazzjoni speċifika ta' applikazzjoni)
- korrettezza tal-operazzjonijiet fl-interfejs ma' vetturi ferrovarji (eż., il-brejkijiet tal-ferrovija, l-integrità tal-ferrovija)
- kapacià ta' interfejs ma' Armar Maġenb il-Binarij ta' Kontroll u Kmand mal-karatteristiċi korrispondenti (eż., livell ta' applikazzjoni tal-ETCS, funzjonijiet fakultattivi installati)
- kapacià tal-qari u l-ħażna fir-reġistratur tal-informazzjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni kollha meħtieġa (provduta wkoll minn sistemi mhux tal-ETCS, jekk meħtieġ)

Din il-verifika tista' tkun magħmula f'depot.

Il-verifika tal-kapacià ta' interfejs tal-Armar Abbord ma' Armar Maġenb il-Binarij tikkonsisti fil-verifika tal-kapacià tal-qari ta' Eurobalise ċertifikat u (jekk il-funzjonalità tkun installata abbord) Euroloop u l-kapacià tal-istabbiliment ta' konnessjonijiet GSM-R għall-vuċi u (jekk il-funzjonalità tkun installata) għad-dejta.

Jekk tagħmir tal-Klassi B jiġi installat ukoll, il-korp notifikat għandu jivverifika li l-ħtiġijiet tat-test tal-integrazzjoni maħruġa mill-Istat Membru adattat jintlaħqu.

6.2.1.2. Verifika ta' integrazzjoni funzjonali ta' Armar Maġenb il-Binarji

Il-verifika għandha ssir għal Armar Kontroll u Kmand Maġenb il-Binarji installata fuq infrastruttura. Għat-tagħmir tal-Kontroll u Kmand li mhux definit bħala Klassi A l-ħtiġijiet ta' verifika assoċjati mal-interoperabbiltà biss (pereżempju EMC) huma inklużi f'din it-TSI.

Qabel ma tista' sseħħ ebda verifika funzjonali maġenb il-binarji, il-kostitwenti tal-interoperabbiltà inklużi fl-armar għandhom ikunu evalwati skont it-Taqsima 6.1 (Kostitwenti tal-interoperabbiltà) ta' hawn u jkollhom dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE. Il-korp notifikat għandu jevalwa li huma adattati għall-applikazzjoni (eż., funzjonijiet fakultattivi implimentati).

Il-funzjonalità tal-Klassi A diġà verifikata fuq livell ta' kostitwent tal-interoperabbiltà ma teħtieġx verifika addizzjonali.

Għad-disinn tal-parti tal-ERTMS/ETCS tal-Armar tal-Kontroll u Kmand Maġenb il-Binarji, il-ħtiġijiet tat-TSI għandhom ikunu kkumplementati minn speċifikazzjonijiet nazzjonali li jkopru eż.,

- id-deskrizzjoni tal-linja, karatteristiċi bħal gradjenti, distanzi, pożizzjonijiet tal-elementi tar-rotta u Eurobalises/Euroloops, lokazzjonijiet li għandhom ikunu protetti, eċċ.
- l-informazzjoni u r-regoli tas-sinjallazzjoni meħtieġa li jkunu trattati mis-sistema tal-ERTMS/ETCS.

It-testijiet tal-verifika tal-integrazzjoni għandhom jitwettqu biex juru li l-komponenti tal-armar kienu interkonnessi korrettament u mqabbda ma' tagħmir nazzjonali maġenb il-binarji biex ikun żgurat li l-funzjonalità u l-prestazzjoni meħtieġa tal-armar meħtieġa għal dik l-applikazzjoni tinkiseb.

L-interfejsis maġenb il-binarji li ġejjin għandhom ikunu kkunsidrati:

- Bejn is-sistema tar-radju tal-Klassi A u l-ERTMS/ETCS (RBC jew Unità tar-Radio Infill, jekk rilevanti)
- Bejn Eurobalise u l-LEU
- Bejn Euroloop u l-LEU
- Bejn RBCs fil-viċinat
- Bejn l-ERTMS/ETCS (RBC, LEU, Unità ta' Radio Infill) u Interlokkjar jew sinjalazzjoni nazzjonali, kif rilevanti

Dan li ġej għandu jkun verifikat:

- il-korrettezza tal-installazzjoni tal-parti tal-ERTMS/ETCS tal-Armar Maġenb il-Binarji tal-Kontroll u Kmand (eż. konformità tar-regoli tal-inġinerija, kooperazzjoni ta' biċċiet interkonnessi tat-tagħmir, nuqqas ta' interazzjonijiet mhux siguri u, fejn meħtieġ, ħażna ta' dejta speċifika ta' applikazzjoni skont l-ispeċifikazzjonijiet nazzjonali fuq imsemmija).
- korrettezza tal-operazzjonijiet fl-interfejsis ma' tagħmir nazzjonali Maġenb il-Binarji.
- kapacià ta' interfejs ma' Armar Abbord b'karatteristiċi korrispondenti (eż., livell ta' applikazzjoni tal-ETCS).

6.2.1.3. Evalwazzjoni fil-fażijiet tal-migrazzjoni

L-aġġornament ta' Armar eżistenti ta' Kontroll u Kmand maġenb il-binarji jew abbord jista' jitwettaq fi stadji suċċessivi skont il-Kapitolu 7. F'kull stadju tinkiseb biss konformità mal-ħtiġijiet tat-TSI rilevanti għall-istadju, filwaqt li ħtiġijiet oħra tal-passi li jibqa' ma jintlaħqux.

L-entità kontraenti tista' tressaq applikazzjoni għall-evalwazzjoni tal-Armar f'dan l-istadju minn Entità Notifikata.

Indipendentement mill-moduli magħżula mill-entità kontraenti l-korp notifikat għandu jivverifika li:

- il-ħtiġijiet tat-TSI rilevanti għal dan il-pass ikunu meħtieġa
- il-ħtiġijiet tat-TSI diġà evalwati ma jkunux preġudikati

Funzjonijiet diġà evalwati u mhux mibdula u mhux affettwati minn dan il-pass mhumiex meħtieġa li jkunu verifikati mill-ġdid.

Iċ-ċertifikat(i) maħruġ mill-Korp Notifikat wara evalwazzjoni pożittiva tal-Armar huwa akkumpanjat minn riservi li jindikaw il-limiti taċ-ċertifikat(i), liema ħtiġijiet tat-TSI huma sodisfatti u daww li ma jintlaħqux.

Ir-riservi għandhom ikunu indikati fir-Reġistru tal-Vetturi Ferrovarji u/jew ir-Reġistru tal-Infrastruttura kif adatt.

6.2.2. **Moduli**

Il-moduli kollha indikati hawn taħt huma speċifikati fl-Anness E ta' din it-TSI.

6.2.2.1. *L-Armar Abbord*

Għall-proċedura tal-verifika tal-Armar Abbord, l-entità kontraenti jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha stabbilit fil-Komunità tista' tagħżel:

- Il-proċedura tal-eżami tat-tip (il-Modulu SB) għall-fażi tad-disinn u l-iżvilupp flimkien mal-proċedura tas-sistema tal-amministrazzjoni tal-kwalità tal-produzzjoni (il-Modulu SD) għall-fażi tal-produzzjoni, jew
- Il-proċedura tal-eżami tat-tip (il-Modulu SB) għall-fażi tad-disinn u l-iżvilupp flimkien mal-proċedura tal-verifika tal-prodott (il-Modulu SF), jew
- Is-sistema tal-maniġment tal-kwalità totali bil-proċedura tal-eżami tad-disinn (il-Modulu SH2).

6.2.2.2. *L-Armar Maġenb il-Binarji*

Għall-proċedura tal-verifika tal-armar maġenb il-binarji, l-entità kontraenti jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha stabbilit fil-Komunità tista' tagħżel

- Il-proċedura tal-verifika tal-unità (il-Modulu SG), jew
- Il-proċedura tal-eżami tat-tip (il-Modulu SB) għall-fażi tad-disinn u l-iżvilupp flimkien mal-proċedura tas-sistema tal-amministrazzjoni tal-kwalità tal-produzzjoni (il-Modulu SD) għall-fażi tal-produzzjoni, jew
- Il-proċedura tal-eżami tat-tip (il-Modulu SB) għall-fażi tad-disinn u l-iżvilupp flimkien mal-proċedura tal-verifika tal-prodott (il-Modulu SF), jew
- Is-sistema tal-maniġment tal-kwalità totali bil-proċedura tal-eżami tad-disinn (il-Modulu SH2).

6.2.2.3. *Kundizzjonijiet għall-użu ta' Moduli għal Armar abbord u maġenb il-binarji*

Il-Modulu SD (sistema ta' amministrazzjoni tal-kwalità tal-produzzjoni) jista' jkun magħżul biss meta l-entità kontraenti tikkuntratta biss ma' manifatturi, li joperaw sistema ta' kwalità għall-produzzjoni, spezzjoni u ttestjar tal-prodott finali, approvata u ssorveljata minn entità notifikata.

Il-Modulu SH2 (sistema ta' amministrazzjoni tal-kwalità totali b'eżami tad-disinn) jista' jintgħażel biss meta l-attivitajiet kollha li jikkontribwixxu għall-proġett tas-Subsistema li għandu jkun verifikat (disinn, manifattura, armar, installazzjoni) ikunu suġġetti għal sistema ta' kwalità għad-disinn, produzzjoni, spezzjoni u ttestjar tal-prodott finali, approvata u ssorveljata minn entità notifikata.

Indipendentement mill-modulu magħżul, ir-reviżjoni tad-disinn tinkludi l-verifika li l-ħtiġijiet tat-Taqsima 4.5 (Regoli ta' manutenzjoni) ta' din it-TSI kienu rispettati.

Indipendentement mill-modulu magħżul, id-dispożizzjonijiet tal-Anness A, l-indiċi 47, l-indiċi A1, u fejn rilevanti l-indiċi A2 u l-indiċi A3 għandhom jintgħażlu.

B'referenza għall-Kapitolu 4 tal-Modulu SB (eżami tat-tip), reviżjoni tad-disinn hija mitluba.

B'referenza għat-Taqsima 4.3 tal-Modulu SH2 (sistema ta' amministrazzjoni tal-kwalità totali b'eżami tad-disinn), test tat-tip huwa meħtieġ.

B'referenza għal

- It-Taqsim 5.2 tal-Modulu SD (sistema tal-amministrazzjoni tal-kwalità tal-produzzjoni),
- Il-Kapitolu 7 tal-Modulu SF (verifika tal-prodott),
- Il-Kapitolu 4 tal-Modulu SG (verifika tal-unità),
- It-Taqsim 5.2 tal-Modulu SH2 (sistema tal-amministrazzjoni tal-kwalità totali b'eżami tad-disinn), validazzjoni skont il-kundizzjonijiet operattivi totali hija definita fit-Taqsim 6.2.2.3.1 (Validazzjoni tal-Armar Abbord) u t-Taqsim 6.2.2.3.2 (Validazzjoni tal-Armar Maġenb il-Binarji).

6.2.2.3.1 Validazzjoni tal-Armar Abbord

Għal Armar Abbord il-validazzjoni taħt il-kundizzjonijiet operattivi totali għandha tkun test tat-tip. Huwa aċċettabbli li din titwettaq f'istanza waħda tal-armar, u għandha tkun imwettqa permezz ta' vjaġġi ta' test bl-għan li jivverifikaw:

- Il-prestazzjonijiet tal-funzjonijiet tal-odometrija.
- Il-kompatibbiltà tal-Armar tal-Kontroll u Kmand ma' tagħmir u l-ambjent tal-vetturi ferrovjarji (eż., EMC) sabiex tkun tista' tkun multiplikata l-implimentazzjoni tal-Armar Abbord fuq lokomotivi oħra tal-istess tip.
- Kompatibbiltà tal-vetturi ferrovjarji mal-Armar tal-Kontroll Kmand Maġenb il-Binarji (eż. aspetti tal-EMC, tħaddim ta' ċirkwiti tal-binarji u kalkolaturi tad-dawrien tal-fusien).

Dawn il-vjaġġi tat-test għandhom jitwettqu fuq infrastruttura li tippermetti verifiki f'kundizzjonijiet li jirrappreżentaw il-karatteristiċi li jistgħu jinstabu fin-netwerk ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja (eż., gradjenti, veloċità ferrovjarja, vibrazzjonijiet, enerġija tat-trazzjoni, temperatura).

F'każ li jkun hemm limitazzjonijiet għal applikabbiltà ġenerali tar-riżultati tat-testijiet (eż., konformità tat-TSI murija biss sa ċerta veloċità), dawn il-limitazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati fiċ-ċertifikat u fir-reġistru tal-vetturi ferrovjarji.

6.2.2.3.2 Validazzjoni tal-Armar Maġenb il-Binarji

Għal Armar Maġenb il-binarji l-validazzjoni taħt il-kundizzjonijiet operattivi totali għandha titwettaq permezz ta' vjaġġi ta' test ta' vettura ferrovjarja ta' karatteristiċi magħrufa u għandu jkollha l-għan li tivverifika l-kompatibbiltà bejn il-vettura ferrovjarja u l-Armar tal-Kontroll u Kmand Maġenb il-Binarji (eż. aspetti tal-EMC, tħaddim ta' ċirkwiti tal-binarji u kalkolaturi tad-dawrien tal-fusien). Dawn il-vjaġġi tat-test għandhom jitwettqu b'vetturi ferrovjarji adatti ta' karatteristiċi magħrufa li jippermettu verifiki f'kundizzjonijiet li jistgħu jseħħu matul is-servizz (eż., veloċità tal-ferrovija, enerġija tat-trazzjoni).

Il-vjaġġi tat-test għandhom jivvalidaw ukoll il-kompatibbiltà tal-informazzjoni pprovduta lix-xufier tal-ferrovija permezz tal-Armar Maġenb il-Binarji mar-rotta fiżika (eż. limiti tal-veloċità, eċċ.).

Jekk speċifikazzjonijiet li huma previsti minn, iżda għadhom mhux disponibbli f'din it-TSI għall-verifika tal-Armar Maġenb il-binarji, l-Armar Maġenb il-Binarji għandu jkun validat permezz ta' testijiet tal-oqsma adattati (li għandhom ikunu definiti mill-entità kontraenti ta' dan l-Armar Maġenb il-Binarji).

F'każ li jkun hemm limitazzjonijiet għal applikabbiltà ġenerali tar-riżultati tat-testijiet (eż., konformità tat-TSI murija biss sa ċerta veloċità), dawn il-limitazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati fiċ-ċertifikat u fir-reġistru tal-infrastruttura.

6.2.2.4. Evalwazzjoni tal-Manutenzjoni

L-evalwazzjoni tal-konformità tal-manutenzjoni hija r-responsabbiltà ta' entità awtorizzata mill-Istat Membru. L-Anness F jiddeskrivi l-proċedura li biha din l-entità tistabilixxi li l-arranġamenti tal-manutenzjoni jissodisfaw id-dispożizzjonijiet ta' din it-TSI u jiżguraw r-rispett tal-parametri bażiċi u l-ħtiġijiet essenzjali matul il-perjodu ta' utilità tas-subsistema.

6.3. **Kostitwenti Interoperabbli Li Ma għandhomx Dikjarazzjoni tal-KE**

6.3.1. **Ġenerali**

Għal perjodu ta' żmien limitat, magħruf bħala l-"perjodu ta' tranżizzjoni", kostitwenti tal-interoperabbiltà li ma għandhomx Dikjarazzjoni ta' Konformità jew ta' Adattabbiltà għall-Użu tal-KE jistgħu eċċezzjonalment ikunu inkorporati fis-subsistemi, fuq il-kundizzjoni li d-dispożizzjonijiet deskritti f'din it-taqsimha jintlaħqu.

6.3.2. **Il-Perjodu ta' Tranżizzjoni**

Il-perjodu ta' tranżizzjoni għandu jibda mid-dħul fis-seħħ ta' din it-TSI u għandu jidm sitt snin.

Ladarba l-perjodu ta' tranżizzjoni jispiċċa, u bl-eċċezzjonijiet awtorizzati taħt it-Taqsimha 6.3.3.3 hawn taħt, kostitwenti tal-interoperabbiltà għandhom ikunu koperti mid-dikjarazzjoni ta' konformità u/jew tal-adattabbiltà għall-użu tal-KE meħtieġa qabel ma jkunu inkorporati fis-subsistema;

6.3.3. **Iċ-Ċertifikazzjoni ta' Subsistemi li Jinkludu Kostitwenti tal-Interoperabbiltà Mhux Ċertifikati matul il-Perjodu ta' Tranżizzjoni**

6.3.3.1. *Kundizzjonijiet*

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni Entità Notifikata hija awtorizzata li toħroġ ċertifikat ta' konformità għal subsistema, anki jekk xi wħud mill-kostitwenti tal-interoperabbiltà inkorporati fis-subsistema ma jkunux koperti mid-dikjarazzjonijiet ta' konformità u/jew adattabbiltà tal-użu meħtieġa tal-KE skont din it-TSI, jekk ikun konformità mat-tliet kriterji li ġejjin:

- il-konformità tas-subsistema kienet iċċekkjata fir-rigward tal-ħtiġijiet definiti fil-Kapitolu 4 ta' din it-TSI mill-Korp Notifikat, u
- permezz tat-tweġiq ta' evalwazzjonijiet addizzjonali l-Korp Notifikat jikkonferma li l-konformità u/jew l-adattabbiltà għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà skont il-ħtiġijiet tal-Kapitolu 5, u
- il-kostitwenti tal-interoperabbiltà, li mhumiex koperti mid-dikjarazzjoni ta' konformità u/jew adattabbiltà għall-użu rilevanti tal-KE, kienu użati f'subsistema diġà mqiegħda fis-servizz f'mill-inqas wieħed mill-Istati Membri qabel id-dħul fis-seħħ ta' din it-TSI

Id-Dikjarazzjonijiet tal-KE tal-konformità u/jew tal-adattabbiltà għall-użu ma għandhomx jittfasslu għall-kostitwenti tal-interoperabbiltà evalwati b'dan il-mod.

6.3.3.2. *Notifika*

- iċ-ċertifikat tal-konformità tas-subsistema għandu jindika b'mod ċar liema kostitwenti tal-interoperabbiltà kienu evalwati mill-Korp Notifikat bħala parti mill-verifika tas-subsistema.
- id-dikjarazzjoni tal-KE tal-verifika tas-subsistema għandha tindika b'mod ċar:
 - Liema kostitwenti tal-interoperabbiltà kienu evalwati bħala parti mis-subsistema
 - Konferma li s-subsistema tinkludi kostitwenti tal-interoperabbiltà identiċi għal dawk verifikati bħala parti mis-subsistema.
 - Għal dawk il-kostitwenti tal-interoperabbiltà, ir-raġuni(jiet) għalfejn l-manifattur ma pprovdix Dikjarazzjoni ta' konformità u/jew adattabbiltà għall-użu tal-KE qabel l-inkorporazzjoni tagħha fis-subsistema.

6.3.3.3. *Implimentazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja*

Il-produzzjoni jew aġġornament/rinnovazzjoni tas-subsistema kkonċernata għandha tkun kompluta fis-sitt snin tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Rigward iċ-ċiklu tal-ħajja tas-subsistema:

- Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni u
- taħt ir-responsabbiltà tal-entità li ħarġet id-dikjarazzjoni tal-verifika tal-KE tas-subsistema

Il-kostitwenti tal-interoperabbiltà li ma għandhomx dikjarazzjoni ta' konformità u/adattabbiltà għall-użu tal-KE u huma tal-istess tip mibnija mill-istess manifattur huma awtorizzati li jintużaw għal sostituzzjonijiet relatati mal-manutenzjoni u bħala partijiet ta' rikambju għas-subsistema.

Wara li l-perjodu ta' tranżizzjoni jkun spiċċa u

- sakemm is-subsistema tiġi aġġornata, rinnovata jew sostitwita u
- taħt ir-responsabbiltà tal-entità li ħarġet id-dikjarazzjoni tal-verifika tal-KE tas-subsistema

il-kostitwenti tal-interoperabbiltà li ma għandhomx dikjarazzjoni ta' konformità u/adattabbiltà għall-użu tal-KE u huma tal-istess tip mibnija mill-istess manifattur huma awtorizzati li jintużaw għal sostituzzjonijiet relatati mal-manutenzjoni.

6.3.3.4. Arranġamenti ta' Monitoraġġ

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni l-Istati Membri għandhom jissorveljaw:

- In-numru u t-tip ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà introdotti fis-suq fl-Istat tagħhom stess;
- Jiżguraw li, meta subsistema tkun ippreżentata għal awtorizzazzjoni, ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' ċertifikazzjoni tal-kostitwent tal-interoperabbiltà mill-manifattur ikunu identifikati;
- Jinnotifikaw, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, id-dettalji tal-IC mhux ċertifikat u r-raġunijiet għan-nuqqas ta' ċertifikazzjoni.

Tabella 6.1

Ħtiġijiet ta' verifika għal armar ta' Kontroll u Kmand abbord

1	2	2a	3	4	5
N	Deskrizzjoni	Rimarki	CC Interfejs	Interfejs tas-subsistemi tat-TSI	Karatteristiċi li għandhom ikunu evalwati b'referenza għall-Kapitolu 4 ta' din it-TSI
1	Sigurtà	Il-korp notifikat għandu jiżgura l-kompletezza tal-proċess ta' approvazzjoni tas-sigurtà, inkluż każ ta' sigurtà			4.2.1
2	Funzjonalità tal-ETCS abbord	Din il-funzjonalità titwettaq mill-ERTMS/ETCS abbord IC Nota: Superviżjoni tal-integrità tal-ferrovija: Fil-każ, fejn ferrovija hija kkonfigurata għal-Livell 3, il-funzjoni tas-superviżjoni tal-integrità tal-ferrovija għandha tkun appoġġjata permezz ta' tagħmir ta' lokalizzazzjoni ta' vetturi ferrovjarji maġenb il-binarji	Interfejs bejn ERTMS/ETCS abbord u tagħmir ta' lokalizzazzjoni	RST	4.2.2 4.3.2.8
3	Funzjonijiet tal-EIRENE	Din il-funzjonalità titwettaq mill-ERTMS/GSM-R abbord IC Komunikazzjoni tal-informazzjoni fil-livell 1 b'radio infill (fakultattiv) jew il-livell 2 u l-livell 3			4.2.4

1	2	2a	3	4	5
N	Deskrizzjoni	Rimarki	CC InterfejsS	Interfejsis tas-subsistemi tat-TSI	Karatteristiċi li għandhom ikunu evalwati b'referenza għall-Kapitolu 4 ta' din it-TSI
4	Interfejsis għall-ispazju tal-arja tal-ETCS u l-EIRENE	Din il-funzjonalità titwettaq mill-ERTMS/ETCS abbord u ERTMS/GSM-R abbord ICs Komunikazzjoni tal-informazzjoni bir-radju mal-ferrovija biss għal-livell 1 b'infill tar-radju (fakultattiv) jew il-livell 2 u l-livell 3 Komunikazzjoni bil-Euroloop hija fakultattiva	armar CC maġenb il-binarij		4.2.5
5	Maniġment Importanti	Politika ta' sigurtà għal maniġment importanti		OPE	4.2.8 4.3.1.7
6	Maniġment tal-ETCS-ID	Politika għall-maniġment tal-ETCS-ID		OPE	4.2.9
7	Interfejsis				
	STM	Il-korp notifikat għandu jivverifika li l-ħtiġijiet tat-test tal-integrazzjoni maħruġa mill-Istat Membru adattat jintlaħqu.	ERTMS/ETCS abbord u ICs esterni tal-STM		4.2.6.1
	ERTMS/GSM-R abbord		ERTMS/ETCS abbord u ERTMS/GSM-R abbord ICs		4.2.6.2
	Odometrija	Dan l-interfejs mhuwiex rilevanti jekk it-tagħmir huwa kkunsinnat bħala grupp tal-kostitwenti.	ERTMS/ETCS abbord u ICs tal-odometrija	RST	4.2.6.3 4.3.2.12
	ETCS DMI	Parti mill-ERTMS/ETCS abbord IC		OPE	4.2.13 4.3.1.2
	EIRENE DMI	Parti mill-ERTMS/GSM-R abbord IC		OPE	4.2.14 4.3.1.3
	Interfejs għar-reġistrazzjoni tad-dejta għal skopijiet regolatorji	Parti mir-Reġistrazzjoni tal-Infurmazzjoni tas-Sigurtà IC		OPE	4.2.15 4.3.1.4
	Prestazzjonijiet tal-ibbrejtkjar tal-ferrovija	Verifika tal-adattazzjoni lill-vetturi ferrovjarji kkonċernati		RST	4.3.2.3
	iżolament			OPE	4.3.1.6
	Installazzjoni tal-antenni			RST	4.3.2.7
	Kundizzjonijiet ambjentali	Verifika tal-operazzjoni korretta tal-armar tal-Kontroll u Kmand fil-kundizzjonijiet ambjentali. Din il-verifika għandha titwettaq fil-validazzjoni taħt kundizzjonijiet operattivi totali.		RST	4.3.2.4 4.3.2.5

1	2	2a	3	4	5
N	Deskrizzjoni	Rimarki	CC InterfejsS	Interfejsis tas-subsistemi tat-TSI	Karatteristiċi li għandhom ikunu evalwati b'referenza għall-Kapitolu 4 ta' din it-TSI
	EMC	Verifika tal-operazzjoni korretta tal-armar tal-Kontroll u Kmand fil-kundizzjonijiet ambjentali. Din il-verifika għandha titwettaq fil-validazzjoni taħt kundizzjonijiet operattivi totali.		RST	4.3.2.6
	Interfejsis tad-dejta	Parti mill-ERTMS/ETCS u GSM-R abbord IC.		RST OPE	4.3.2.8; 4.3.2.11 4.3.1.9

Tabella 6.2

Ħtiġijiet ta' verifika għal armar ta' Kontroll u Kmand maġenb il-binarij

1	2	2a	3	4	5
N	Deskrizzjoni	Rimarki	Interfejsis tas-CC	Interfejsis tas-subsistemi tat-TSI	Karatteristiċi li għandhom ikunu evalwati b'referenza għall-Kapitolu 4 ta' din it-TSI
1	Sigurtà	Il-korp notifikat għandu jiżgura l-kompletezza tal-proċess ta' approvazzjoni tas-sigurtà, inkluż każ ta' sigurtà			4.2.1
2	Funzjonalità tal-ETCS maġenb il-binarij	Din il-funzjonalità titwettaq minn RBCs, LEUs u Unitajiet ta' Radio Infill ICs, skont l-implimentazzjoni			4.2.3
3	Funzjonijiet tal-EIRENE	Komunikazzjoni tal-informazzjoni għal-livell 1 biss b'radio infill jew livell 2/3			4.2.4
4	Interfejsis għall-isparzju tal-arja tal-ETCS u l-EIRENE	Din il-funzjonalità titwettaq minn RBCs, Unitajiet tar-Radio Infill, Eurobalises, Euroloops u tagħmir GSM-R maġenb il-binarij, skont l-implimentazzjoni. Komunikazzjoni bir-radju mal-ferrovija biss għal-livell 1 b'radio infill (fakultattiv) jew il-livell 2/3 Komunikazzjoni bil-Euroloop hija fakultattiva	Armar abbord CC		4.2.5
5	Maniġment Importanti	Politika ta' sigurtà għal maniġment importanti		OPE	4.2.8 4.3.1.7
6	Maniġment tal-ETCS ID	Politika għall-maniġment tal-ETCS-ID		OPE	4.2.9
7	HABD	Id-distanza bejn it-tagħmir tal-HABD hija kwistjoni nazzjonali.		OPE RST	4.2.10 4.3.1.8 4.3.2.9

1	2	2a	3	4	5
N	Deskrizzjoni	Rimarki	Interfejsis tas-CC	Interfejsis tas-subsistemi tat-TSI	Karatteristiċi li għandhom ikunu evalwati b'referenza għall-Kapitolu 4 ta' din it-TSI
8	Interfejsis RBC/RBC	Għal-livell 2/3 biss	Bejn RBCs fil-viċinat		4.2.7.1
	GSM-R maġenb il-binarij	Fil-livell 2/3 biss jew fil-livell 1 b'radio infill (fakultattiv)	Bejn unitajiet tar-radio infill tal-RBC u GSM-R maġenb il-binarij		4.2.7.3
	Eurobalise/LEU	Dan l-interfejs mhuwiex rilevanti jekk it-tagħmir huwa kkunsinnat b'ħala gruppi tal-kostitwenti.	Bejn ICs tal-Kontroll u Kmand		4.2.7.4
	Euroloop/LEU	Euroloop huwa fakultattiv Dan l-interfejs mhuwiex rilevanti jekk it-tagħmir huwa kkunsinnat b'ħala gruppi tal-kostitwenti.	Bejn ICs tal-Kontroll u Kmand		4.2.7.5
	Installazzjoni tal-antenni			IN	4.3.3.1
	Kundizzjonijiet ambjentali	Verifika tal-operazzjoni korretta tal-armar tal-Kontroll u Kmand fil-kundizzjonijiet ambjentali. Din il-verifika għandha titwettaq fil-validazzjoni taħt kundizzjonijiet operattivi totali.		IN	4.3.2.5
	EMC	Verifika tal-operazzjoni korretta tal-armar tal-Kontroll u Kmand fil-kundizzjonijiet ambjentali. Din il-verifika għandha titwettaq fil-validazzjoni taħt kundizzjonijiet operattivi totali.		ENE	4.3.4.1
9	Kompatibbiltà ta' sistemi tal-lokalizzaturi tal-ferroviji	Karatteristiċi li għandhom ikunu attivati mill-vetturi ferrovjarji		RST IN	4.2.11 4.3.1.10 4.3.2.1
10	Kompatibbiltà tal-EM bejn il-vetturi ferrovjarji u s-sistemi tal-lokalizzazzjoni tal-ferroviji			RST	4.2.12.2, 4.3.2.2
	Kompatibbiltà mad-dwal ta' quddiem tal-ferrovija	Karatteristiċi ta' sinjali u ħwejjeġ li jirriflettu d-dawl ta' maġenb il-binarij		RST	4.2.16 4.3.2.10
	Kompatibbiltà mal-kamp viżiv estern tax-xufier	Installazzjoni ta' tagħmir maġenb il-binarij li għandu jkun jista' jarah ix-xufier		OPE	4.2.16 4.3.1.11

7. IMPLIMENTAZZJONI TAT-TSI TAL-KONTROLL U KMAND

7.1. Ġenerali

Dan il-kapitolu jistabbilixxi l-istrategġija u s-soluzzjonijiet tekniċi assoċjati għall-implimentazzjoni tat-TSI, l-aktar il-kundizzjonijiet bażiċi tal-migrazzjoni għal sistemi tal-Klassi A.

Għandu jkun ikkunsidrat li l-implimentazzjoni ta' TSI okkażjonalment għandha tkun koordinata mal-implimentazzjoni ta' TSIs oħra.

7.2. **Kriterji dettaljati tal-implimentazzjoni**

7.2.1. **Regoli ta' implimentazzjoni tal-GSM-R**

Installazzjonijiet maġenb il-binarji:

Huwa obligatorju li armar maġenb il-binarji GSM-R ikun imwahnal fi kwalunkwe installazzjoni ġdida tal-parti tar-radju ta' armar tas-CCS maġenb il-binarji jew fi kwalunkwe aġġornament ta' installazzjoni eżistenti, meta dan jibdel il-funzjonijiet, il-prestazzjoni u/jew l-interfejsis tiegħu. Dan jeskludi dawk il-modifiki li jistgħu jkunu kkunsidrati meħtieġa sabiex inaqqsu d-difetti relatati mas-sigurtà fl-installazzjoni tal-legat.

L-aġġornament tas-sistemi tal-ferroviji bir-radju tal-Klassi B huwa pprojbit sakemm ma jkunx ikkunsidrat li modifika hija meħtieġa sabiex tnaqqas difetti relatati mas-sigurtà fis-sistema tal-legat.

Huwa rakkomandat li jkun installat GSM-R kull meta l-infrastruttura jew is-subsistema tal-enerġija ta' taqsima ta' linja diġà fis-servizz għandha tkun aġġornata, rinnovata jew miżmuma meta dan jinvolvi investiment ikbar minn mill-inqas 10 darbiet dawk assoċjati mal-installazzjoni ta' faċilitajiet tal-GSM-R fuq dik it-taqsima tal-linja.

Wara li l-parti tar-radju ta' armar tas-CCS maġenb il-binarji tkun aġġornata, it-tagħmir eżistenti tal-Klassi B jista' jibqa' jintuża flimkien mat-tagħmir tar-radju tal-Klassi A, sa data prevista mill-pjan(ijiet) nazzjonali rilevanti, u sussegwentement mill-pjan oriġinali tal-UE. L-Impriża Ferrovjarja mhix awtorizzata li topponi t-tneħħija tar-radju tal-Klassi B magħmul skont dawn il-kundizzjonijiet.

Installazzjonijiet abbord:

Huwa obligatorju li armar tal-GSM-R abbord tkun imwahnal meta:

- kwalunkwe parti tar-radju ġdida ta' armar tas-CCS abbord tkun installata (b'sistema ta' Klassi B jew mingħajrha), jew;
- kwalunkwe parti tar-radju eżistenti ta' armar tas-CCS abbord tkun aġġornata, meta dan jibdel il-funzjonijiet, il-prestazzjoni u/jew l-interfejsis tas-sistema tal-legat eżistenti (kif imsemmi fl-Anness B ta' din it-TSI). Dan jeskludi dawk il-modifiki li jistgħu jkunu kkunsidrati meħtieġa sabiex inaqqsu difetti relatati mas-sigurtà fl-installazzjoni tal-legat.

Wara aġġornament tal-parti tar-radju ta' armar abbord, it-tagħmir tal-Klassi B eżistenti minn qabel jista' jibqa' jintuża simultanjament mat-tagħmir tal-Klassi A.

7.2.2. **Regoli ta' Implimentazzjoni tal-ETCS**

Installazzjonijiet maġenb il-binarji:

Huwa obligatorju li armar tal-ETCS maġenb il-binarji tkun imwahnal meta:

- il-parti tal-protezzjoni tal-ferrovija ta' armar tas-CCS maġenb il-binarji tkun installazzjoni ġdida (b'armar maġenb il-binarji tal-Klassi B jew mingħajrha), jew
- il-parti tal-protezzjoni tal-ferrovija eżistenti ta' armar tas-CCS maġenb il-binarji tkun aġġornata, meta dan jibdel il-funzjonijiet, il-prestazzjoni u/jew l-interfejsis rilevanti għall-interoperabbiltà (spazji tal-arja) tas-sistema tal-legat eżistenti (kif imsemmi fl-Anness B ta' din it-TSI). Dan jeskludi dawk il-modifiki li jistgħu jkunu kkunsidrati meħtieġa sabiex jkun mnaqqsa d-difetti relatati mas-sigurtà fl-installazzjoni tal-legat.

L-aġġornament tas-sistemi tal-ferroviji bir-radju tal-Klassi B huwa pprojbit sakemm ma jkunx ikkunsidrat li modifika hija meħtieġa sabiex ikunu mnaqqsa d-difetti relatati mas-sigurtà fis-sistema tal-legat.

Huwa rakkomandat li jkun installat ETCS kull meta l-infrastruttura jew is-subsistema tal-enerġija ta' taqsima ta' linja diġà fis-servizz għandha tkun aġġornata, rinnovata jew miżmuma meta dan jinvolvi investiment ikbar b'mill-inqas 10 darbiet minn dawk assoċjati mal-installazzjoni ta' faċilitajiet tal-ECTS fuq dik it-taqsima tal-linja.

Wara li l-parti tal-protezzjoni tal-ferrovija ta' armar tas-CCS maġenb il-binarji tkun aġġornata, it-tagħmir eżistenti tal-Klassi B jista' jibqa' jintuża flimkien mat-tagħmir ta' protezzjoni tal-Klassi A, sa data prevista fil-pjan(ijiet) rilevanti nazzjonali, u sussegwentement mill-pjan oriġinali tal-UE, definit fil-klawżola 7.2.5. L-Impriża Ferrovjarja mhix awtorizzata topponi t-tneħħija tat-tagħmir tal-protezzjoni tal-ferrovija tal-Klassi B magħmul skont dawn il-kundizzjonijiet.

Installazzjonijiet abbord:

Huwa obligatorju li armar tal-ETCS abbord tkun imwahrha meta:

- kwalunkwe parti ġdida ta' protezzjoni tal-ferrovija ta' armar tas-CCS abbord tkun installata, jew
- kwalunkwe parti tal-protezzjoni tal-ferrovija eżistenti ta' armar tas-CCS abbord tkun aġġornata, meta dan jibdel il-funzjonijiet, il-prestazzjoni u/jew l-interfejsis rilevanti għall-interoperabbiltà (spazji tal-arja) tas-sistema tal-legat eżistenti (kif imsemmi fl-Anness B ta' din it-TSI). Dan jeskludi dawk il-modifiki li jistgħu jkunu kkunsidrati meħtieġa sabiex inaqsu d-difetti relatati mas-sigurtà fl-installazzjoni tal-legat.

Huwa rakkomandat li jiġi installat ETCS kull meta vettura ferrovjarja diġà fis-servizz tkun aġġornata meta dan jinvolvi investiment ikbar b'mill-inqas 10 darbiet minn dawk assoċjati mal-installazzjoni tal-ETCS fuq dak it-tip speċifiku ta' vetturi ferrovjarji.

Wara li l-parti tal-protezzjoni tal-ferrovija ta' armar abbord tkun aġġornata, it-tagħmir tal-protezzjoni tal-ferrovija tal-Klassi B eżistenti abbord jista' jibqa' jintuża, flimkien mat-tagħmir tal-Klassi A.

7.2.3. Tagħmir addizzjonali tal-Klassi B fuq linja mgħammra tal-Klassi A

Fuq linja mgħammra bl-ETCS u/jew GSM-R, tagħmir addizzjonali tal-Klassi B huwa possibbli sabiex jippermetti t-tħaddim ta' vetturi ferrovjarji li mhumiex kompatibbli mal-Klassi A matul il-fażi ta' migrazzjoni. Huwa awtorizzat li jintuża tagħmir eżistenti tal-Klassi B abbord bħala arranġament li wieħed jista' jaqa' fuq għas-sistema tal-Klassi A: dan ma jippermettix lill-amministratur tal-infrastruttura biex jeħtieġ sistemi tal-Klassi B abbord il-ferroviji interoperabbli talli jivvjaġġaw fuq din il-linja.

Meta jseħħ twaħħil u tħaddim doppju ta' sistemi tal-Klassi A u B, iż-żewġ sistemi jistgħu jkunu attivi simultanjament abbord, sakemm il-ħtiġijiet nazzjonali tekniċi u r-regoli operattivi jappoġġjaw dan il-mod u dik l-interoperabbiltà ma tkunx kompromessa. Il-ħtiġijiet tekniċi nazzjonali u r-regoli operattivi għandhom ikunu pprovduti mill-Istat Membru.

7.2.4. Aġġornament jew rinnozzazzjoni tal-Armar ta' Kontroll u Kmand Maġenb il-Binarji jew partijiet minnha

L-aġġornament jew rinnozzazzjoni tal-armar maġenb il-binarji tista' tikkonċerna separatament:

- sistema tar-radju (għall-Klassi B, rinnozzament biss huwa possibbli),
- sistema ta' protezzjoni tal-ferroviji,
- interfejs tas-sistema tal-lokalizzazzjoni tal-ferroviji,
- sistema ta' lokalizzatur tat-tisħin fil-kaxxa tal-fusien,
- karatteristiċi tal-EMC.

Għalhekk partijiet differenti tal-Armar ta' Kontroll u Kmand Maġenb il-Binarji jistgħu jkunu aġġornati jew rinnozzati separatament (jekk l-interoperabbiltà ma tkunx preġudikata) u jikkonċernaw:

- funzjonijiet u interfejsis tal-EIRENE (ara t-Taqsimiet 4.2.4 u 4.2.5);
- funzjonijiet u interfejsis tal-ETCS/ERTMS (ara t-Taqsimiet 4.2.1, 4.2.3, 4.2.5, 4.2.7, 4.2.8);
- Sistema tal-lokalizzazzjoni tal-ferroviji (ara t-Taqsima 4.2.11);
- Lokalizzatur tat-tisħin fil-kaxxa tal-fusien (ara t-Taqsima 4.2.10);
- Karatteristiċi tal-EMC (ara t-Taqsima 4.2.12).

Wara l-aġġornament għal sistema tal-Klassi A, it-tagħmir tal-Klassi B eżistenti jista' jibqa' fis-seħħ simultanjament mal-Klassi A.

7.2.5. Disponibbiltà ta' Moduli Speċifiċi għat-Trażmissjoni

F'każ li l-linji fl-ambitu ta' din it-TSI ma jkunux mġhammra b'sistemi tal-Klassi A, l-Istat Membru għandu jwettaq kull sforz għad-disponibbiltà ta' Modulu Speċifiku għat-Trażmissjoni (Specific Transmission Module, STM) estern għal-legat tiegħu ta' sistema jew sistemi tal-Klassi B. F'dan il-kuntest, kunsiderazzjoni dovuta għandha tingħata għall-assigurazzjoni ta' suq miftuħ għall-STM b'kundizzjonijiet kummerċjali ġusti. F'dawk il-każijiet li minħabba raġunijiet tekniċi jew kummerċjali ⁽¹⁾ id-disponibbiltà tal-STM ma tistax tkun żgurata fit-terminu ta' żmien adatt ⁽²⁾ l-Istat Membru rilevanti huwa kkunsidrat li jinforma lill-Kumitat bir-raġunijiet bażiċi ta' din il-problema u l-miżuri ta' mitigazzjoni li għandu l-intenzjoni li jimplementa sabiex jippermetti l-aċċess — l-aktar ta' operaturi barranin — għall-infrastruttura tiegħu.

7.2.6. Interfejsis ma' sistemi tal-Klassi B

F'kull każ, sabiex jappoġġjaw il-kontinwazzjoni tal-interoperabbiltà, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-funzjonalità tas-sistemi tal-legati għar-radju u l-protezzjoni tal-ferroviji (imsemmija fl-Anness B tat-TSI), u l-interfejsis tagħhom għandhom jibqgħu kif preżentement speċifikat. Din il-ħtieġa teskludi dawk il-modifiki li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex inaqqsu difetti relatati mas-sigurtà ta' dawn is-sistemi.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni li hija meħtieġa biex tappoġġja l-iżvilupp u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà tal-apparat, biex tippermetti l-interoperabbiltà ta' tagħmir tal-Klassi A mal-legat tagħhom tal-Klassi B ta' faċilitajiet tar-radju u tal-protezzjoni tal-ferroviji.

7.2.7. Pjanijiet ta' Implimentazzjoni tal-ERTMS Nazzjonali u Pjan Oriġinali tal-UE

L-Istati Membri għandhom jippreparaw pjan formali ta' implimentazzjoni tal-ERTMS nazzjonali għal netwerk ferrovjarju ta' veloċità għolja dwar l-użu kemm tal-ETCS kif ukoll tal-GSM-R. Il-pjan għandu jissodisfa r-regoli tal-implimentazzjoni speċifikati fit-Taqsimiet 7.2.1 u 7.2.2

Għall-ETCS, il-pjan nazzjonali għandu jagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' linji ta' veloċità għolja li jappartjenu lill-ETCS-Net kif deskritt fl-Anness H tat-TSI HS CCS kif ukoll lill-vetturi ferrovjarji li għandhom ikunu mħaddma fuq dawn il-linji. Id-data mmirata għal din l-implimentazzjoni hija l-2015.

Il-pjanijiet nazzjonali għandhom jipprovdu, b'mod partikolari, l-elementi li ġejjin:

- Linji ta' mira: identifikazzjoni ċara tal-linji nazzjonali jew it-taqsimiet li huma mmarkati għall-implimentazzjoni.
- Ħtiġijiet tekniċi: il-karatteristiċi tekniċi essenzjali tal-implimentazzjonijiet differenti (eż. kwalità tas-servizz tal-GSM-R għal informazzjoni jew implimentazzjoni ta' kwalità tal-voċi biss, Livell Funzjonali tal-ETCS, linja ta' bażi tal-ETCS, installazzjonijiet tal-ETCS biss jew sovrapposti);
- Strateġija u pjanar għall-użu: ħarsa ġenerali tal-pjan tal-implimentazzjoni (inkluż is-sekwenza u l-ħin tax-xogħlijiet);
- Strateġija tal-migrazzjoni: l-istrateġija kkunsidrata għall-migrazzjoni tas-subsistemi tal-infrastruttura u tal-vetturi ferrovjarji (eż. soprapożizzjoni tas-sistemi tal-Klassi A u tal-Klassi B, id-data pplanata għat-tibdil mill-faċilitajiet tal-Klassi B għal dawk tal-Klassi A jew għat-tneħħija tal-faċilitajiet tal-Klassi B);
- Restrizzjonijiet potenzjali: ħarsa ġenerali tal-elementi potenzjali li jista' jkollhom impatt fuq it-tweqqif tal-pjan ta' implimentazzjoni (eż. xogħlijiet ta' sinjalazzjoni li jintegraw xogħlijiet ta' infrastruttura ta' ambitu akbar, assigurazzjoni tal-kontinwità tas-servizzi lil hinn mill-konfini).

Dawn il-pjanijiet nazzjonali għandhom ikunu finalment miġbura fi Pjan Oriġinali tal-UE fi żmien sitt xhur wara li jkunu notifikati.

7.2.8. Reġistri tal-Infrastruttura

Ir-Reġistru tal-Infrastruttura għandu jipprovdi Impriżi Ferrovjarji b'informazzjoni tal-Klassi A u l-Klassi B, skont il-htijijiet tal-Anness C. Ir-Reġistru tal-Infrastruttura jindika jekk humiex kkonċernati l-funzjonijiet Obbligatorji jew Funzjonali ⁽³⁾; ir-restrizzjonijiet fuq il-konfigurazzjoni abbord għandhom ikunu identifikati.

⁽¹⁾ Eż. il-fattibbiltà tal-kunċett estern tal-STM ma jistax ikun garantit teknikament jew inkella kwistjonijiet potenzjali relatati mal-pussess tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali tas-sistemi tal-Klassi B jimpedixxu żvilupp f'waqt ta' prodott tal-STM.

⁽²⁾ 31 ta' Diċembru 2007.

⁽³⁾ Klassifikazzjoni tal-funzjoni: ara t-Taqsima 4.

F'każ li l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej għal xi interfejs(is) bejn il-Kontroll u Kmand u Sinjalazzjoni u subsistemi oħra ma jkunux disponibbli fil-ħżin tal-installazzjoni (eż., kompatibbiltà elettromanjetika bejn lokalizzazzjoni tal-ferroviji u Vetturi Ferrovjarji), il-karatteristiċi korrispondenti u l-istandards applikati għandhom ikunu indikati fir-Reġistri tal-Infrastruttura. Dan għandu jkun possibbli, fi kwalunkwe każ, għall-punti mniżżla fl-Anness C biss.

7.2.9. **Vetturi ferrovjarji b'tagħmir tal-protezzjoni tal-ferroviji tal-Klassi A u l-Klassi B**

Il-vetturi ferrovjarji jistgħu jkunu mġhammra b'sistemi tal-Klassi A u tal-Klassi B sabiex jippermettu tħaddim fuq diversi linji. Is-sistemi tal-Klassi B jistgħu jkunu implimentati

- l-użu ta' STM li jista' jkun ipplaggjat fit-tagħmir tal-ERTMS ("STM estern"), jew
- integrat fit-tagħmir tal-ERTMS/ETCS.

Barra minn hekk, is-sistema tal-Klassi B tista' tkun implimentata indipendentement (jew, fil-każ ta' aġġornament jew rinnovazzjoni, titħalla "kif inhi"), fil-każ ta' sistemi tal-Klassi B li għalihom STM mhux alternattiva ekonomikament vijabbli, mill-perspettiva tas-sid tal-vettura ferrovjarja. Madankollu, jekk STM ma jkunx użat, l-Impriża Ferrovjarja għandha tiżgura li n-nuqqas ta' "handshake" (= trattament, mill-ETCS, ta' tranżizzjonijiet bejn il-Klassi A u l-Klassi B maġenb il-binarij) madankollu hija amministrata b'mod korrett. L-Istat Membru jista' jipponi ħtiġijiet dwar dan fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

Meta joperaw fuq linja mġhammra bis-sistemi kemm tal-Klassi A kif ukoll tal-Klassi B, is-sistemi tal-Klassi B jistgħu jaġixxu bħala arranġamenti li tista' taqa' fuqhom is-sistema tal-Klassi A jekk il-ferrovija hija mġhammra kemm bis-sistemi tal-Klassi A kif ukoll tal-Klassi B. Dan ma jistax ikun ħtieġa għall-interoperabbiltà u mhuwiex validu għal GSM-R.

7.2.10. **Reġistri tal-Vetturi Ferrovjarji**

Ir-Reġistru tal-Vetturi Ferrovjarji għandu jipprovdi informazzjoni skont il-ħtiġijiet tal-Anness C.

F'każ li l-ħtiġijiet tat-TSI għal xi interfejs(is) bejn il-Kontroll u Kmand u Sinjalazzjoni u subsistemi oħra ma jkunux disponibbli fil-mument tal-installazzjoni (eż., kompatibbiltà elettromanjetika bejn il-lokalizzazzjoni tal-ferrovija u l-Vetturi Ferrovjarji, il-kundizzjonijiet klimatiki u l-kundizzjonijiet fiżiċi li tista' taħdem fihom il-ferroviji, il-parametri ġeometriċi tal-ferrovija bħal tul, id-distanza massima tal-fusien fil-ferrovija, it-tul tal-ponta ta' quddiem tal-ewwel u tal-aħħar vettura tal-ferrovija, il-parametri tal-ibbrejjar), il-karatteristiċi korrispondenti u l-istandards applikati għandhom ikunu indikati fir-Reġistri tal-Vetturi Ferrovjarji. Dan għandu jkun possibbli, għall-punti mniżżla fl-Anness C biss.

Rimarka: għal kull implimentazzjoni tas-Subsistema tal-Kontroll u Kmand fuq linja partikolari, l-Anness C jaġti lista tal-ħtiġijiet abbord, li għandhom ikunu indirizzati fir-Reġistri tal-Infrastruttura, li jindikaw jekk dawn il-ħtiġijiet jikkonċernawx funzjonijiet Obbligatorji jew Fakultattivi u li jidentifikaw restrizzjonijiet fuq il-konfigurazzjoni tal-ferrovija.

7.3. **Kundizzjonijiet li fihom huma meħtieġa funzjonijiet fakultattivi**

Skont il-karatteristiċi tal-Armar tal-Kontroll u Kmand Maġenb il-Binarij u l-interfejs tagħha ma' subsistemi oħra, xi funzjonalità ta'ERTMS/ETCS u GSM-R maġenb il-binarij li mhix ikklassifikata bħala obbligatorja, tista' tkun neċessarjament implimentata f'ċerti applikazzjonijiet sabiex tikkonforma mal-ħtiġijiet essenżjali.

L-implimentazzjoni maġenb il-binarij tal-funzjonijiet Nazzjonali jew Fakultattivi ma għandhiex tostakola d-dħul f'dik l-infrastruttura għal ferrovija li tikkonforma biss mal-ħtiġijiet obbligatorji ta' sistema Abbord il-Klassi A minbarra kif meħtieġ għall-funzjonijiet fakultattivi abbord li ġejjin:

- Applikazzjoni Maġenb il-Binarij tal-ETCS Livell 3 teħtieġ superviżjoni abbord tal-integrità tal-ferrovija;
- Applikazzjoni Maġenb il-Binarij tal-ETCS Livell 1 bl-infill teħtieġ funzjonalità korrispondenti tal-infill abbord jekk il-veloċità tar-rilaxx tkun issettjata fuq żero għal raġunijiet ta' sigurtà (eż., protezzjoni ta' punti ta' periklu).
- Meta l-ETCS teħtieġ trażmissjoni tal-informazzjoni bir-radju, is-servizzi tat-trażmissjoni tal-informazzjoni tal-GSM-R għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet tat-trażmissjoni tal-informazzjoni tal-ETCS.
- Armar abbord, li tinkorpora STM KER, tista' teħtieġ l-implimentazzjoni tal-interfejs K.
- Funzjonalità ta' vġilanza tal-GSM-R maġenb il-binarij meta tkun implimentata teħtieġ funzjonalità ta' vġilanza abbord kif deskritt f'4.3.2.11.

7.4. **Maniġment tat-tibdil**

L-Aġenzija għandha tkun responsabbli biex tipprepara r-reviżjoni u l-aġġornament tat-TSIs u tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 96/48/KE sabiex tikkunsidra l-iżviluppi fil-ħtijiet tat-teknoloġija u soċjali.

Għal dak l-għan, l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea, fir-rwol tagħha bħala awtorità tas-sistema għal ERTMS, stabbilixxiet il-proċess trasparenti biex tamministra t-tibdil tas-sistema, bil-kontribut tar-rappreżentanti tas-settur.

Dan il-proċess għandu jikkunsidra l-ispejjeż u l-benefiċċji stimati tas-soluzzjonijiet tekniċi kollha kkunsidrati u għandu jiżgura kompatibilità b'lura bejn il-verżjonijiet konsekuttivi. Dan il-proċess huwa stabbilit fid-dokument "maniġment tal-kontroll tat-tibdil tal-ERTMS", li għandu, kif meħtieġ, ikun aġġornat mill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea.

7.5. **Każijiet Speċifiċi**

7.5.1. **Introduzzjoni**

Id-dispożizzjonijiet speċjali li ġejjin huma awtorizzati fil-każijiet speċifiċi ta' hawn taħt.

Dawn il-każijiet speċifiċi jaqgħu taħt żewġ kategoriji: id-dispożizzjonijiet japplikaw b'mod permanenti (il-każ "P"), jew temporanjament (il-każ "T"). F'każijiet temporanji, huwa rakkomandat li l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonformaw mas-subsistema rilevanti jew sal-2010 (il-kawża "T1"), mira stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 dwar il-linji gwida Komunitarji għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew, jew sal-2020 (il-każ "T2").

F'din it-TSI l-każ temporanju TSI "T3" huwa definit bħala każijiet temporanji li jibqgħu jeżistu wara l-2020.

7.5.2. **Lista ta' każijiet speċifiċi**

7.5.2.1. *Kategorija ta' kull każ speċifiku tingħata fl-Anness A, l-Appendiċi 1.*

Nru	Każ Speċifiku	Ġustifikazzjoni	Perjodu
1	Interdipendenza bejn id-distanza tal-fus u d-djometru tar-rota tal-vetturi li joperaw fil-Ġermanja tingħata fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 2.1.5	Tagħmir tal-kalkolatur tad-dawrien tal-fusien eżistenti, identifikat fir-reġistru tal-infrastruttura.	P
2	It-tul massimu tal-isporġenza tal-vettura (ponta ta' quddiem) li topera fil-Polonja u l-Belġju huwa stabbilit fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 2.1.6	Ġeometrija eżistenti tat-tagħmir taċ-ċirkwit tal-binjarju.	T3
3	Id-distanzi minimi bejn l-ewwel ħames fusien tal-ferroviji li joperaw fil-Ġermanja huma stabbiliti fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 2.1.7	Rilevanti fuq linji ta' intersezzjoni fuq l-istess livell skont ir-reġistru tal-infrastruttura.	T3
4	Id-distanza minima bejn l-ewwel u l-aħħar fus ta' vettura jew ferrovija waħedha li topera fuq linji ta' veloċità għolja fi Franza u TEN "L1" ta' veloċità għolja fil-Belġju biss tingħata fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 2.1.8	Tagħmir taċ-ċirkwit tal-binjarju eżistenti, identifikat fir-reġistru tal-infrastruttura.	Franza T3 Belġju T3
5	Id-distanza minima bejn l-ewwel u l-aħħar fus ta' vettura jew ferrovija waħedha li topera fil-Belġju (minbarra għal TEN "L1" ta' veloċità għolja) tingħata fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 2.1.9	Tagħmir taċ-ċirkwit tal-binjarju eżistenti, identifikat fir-reġistru tal-infrastruttura.	T3
6	Id-djometru minimu tar-roti tal-vetturi li joperaw fi Franza jingħata fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 2.2.2	Tagħmir tal-kalkolatur tad-dawrien tal-fusien eżistenti, identifikat fir-reġistru tal-infrastruttura.	T3
7	L-għoli minimu ta' flanġ għall-vetturi li joperaw fil-Litwanja huwa stabbilit fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 2.2.4.	It-tagħmir kalkolatur tad-dawrien tal-fusien eżistenti jippermetti l-lokalizzazzjoni ta' roti bi flanġ iktar baxx (każ speċifiku pożittiv għall-RS).	T3

Nru	Każ Speċifiku	Ġustifikazzjoni	Perjodu
8	Il-piż tal-fus minimu għal vetturi li joperaw fuq ċerti linji fil-Ġermanja, l-Awstrija u l-Belġju huwa stabbilit fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 3.1.3	Il-Ġermanja: Il-piż tal-fus minimu meħtieġ ibiddel id-direzzjoni ta' ċerti ċirkwiti tal-binarju huwa determinat fi hteġa tal-EBA (Eisenbahn-Bundesamt), rilevanti fuq xi linji ewlenin fil-Ġermanja fil-qasam tad-DR (Deutsche Reichsbahn) ta' qabel b'ċirkwiti tal-binarji ta' 42 Hz u 100 Hz skont ir-reġistru tal-infrastruttura. Ebda rinnovazzjoni. Il-Belġju: Il-piż minimu tal-fus huwa 5 t fuq il-linji kollha fil-Belġju (minbarra għal-linji ta' veloċità għolja kif diġà deskritt fil-każ speċifiku). Dan il-piż minimu huwa meħtieġ biex: 1) idawwar iċ-ċirkwiti tal-binarji differenti użati fuq in-netwerk konvenzjonali tagħna: speċjalment ċirkwiti tal-binarji ta' 50 Hz u ċirkwiti tal-binarji b'ġonot elettriċi. 2) li jħaddem b'mod korrett xi tipi ta' pedali li jaħdmu bil-piż tal-fusien. Fil-Belġju, il-pedali jintużaw flimkien maċ-ċirkwiti tal-binarji biex jirrilaxxaw itinerarji. Ebda rinnovazzjoni. L-Awstrija: Il-piż minimu tal-fus meħtieġ biex idawwar ċerti ċirkwiti tal-binarji huwa determinat fi hteġa għal funzjoni sigura, rilevanti fuq xi linji ewlenin fl-Awstrija b'ċirkwiti tal-binarji ta' 100 Hz skont ir-reġistru tal-infrastruttura. Ebda rinnovazzjoni.	T3
9	Il-massa minima ta' vettura jew ferrovija waħedha li topera fuq linji TEN ta' veloċità għolja fi Franza u linji "L1" TEN ta' veloċità għolja fil-Belġju hija stabbilita fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 3.1.4	Tagħmir eżistenti taċ-ċirkwit tal-binarju	Franza T3 Belġju T3
10	Il-massa minima ta' vettura jew ferrovija waħedha li topera fil-Belġju (minbarra TEN "L1" ta' veloċità għolja) hija stabbilita fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 3.1.5	Tagħmir eżistenti taċ-ċirkwit tal-binarju	T3
11	Id-dimensjoni minima tal-massa tal-metall u kundizzjonijiet ta' approvazzjoni ta' vetturi li joperaw fil-Ġermanja u l-Polonja huma stabbiliti fl-Anness A, l-Appendiċi, il-paragrafu 3.3.1	Rilevanti fuq linji b'intersezzjoni fuq l-istess livell b'linji ta' lokalizzazzjoni skont ir-reġistru tal-infrastruttura.	Ġermanja P Polonja P
12	Ir-reattanza massima bejn is-superfiċi użati mir-roti tal-vetturi li joperaw fil-Polonja hija stabbilita fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 3.5.2	Tagħmir eżistenti taċ-ċirkwit tal-binarju	T3
13	Ir-reattanza massima bejn is-superfiċi użati mir-roti tal-vetturi li joperaw fi Franza hija stabbilita fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 3.5.3	Tagħmir eżistenti taċ-ċirkwit tal-binarju	T3
14	Il-ħtiġijiet addizzjonali tal-parametri għat-tidwir ta' vettura li topera fil-Pajjiżi l-Baxxi jingħataw fl-Anness A, l-Appendiċi 1 il-paragrafu 3.5.4	Tagħmir taċ-ċirkwit tal-binarju eżistenti ta' vultaġġ baxx, identifikat fir-reġistru tal-infrastruttura.	T3
15	L-impedanza minima bejn il-pantografu u r-roti tal-vetturi li joperaw fil-Belġju hija stabbilita fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 3.6.1	Tagħmir eżistenti tal-Klassi B	T3

Nru	Każ Speċifiku	Ġustifikazzjoni	Perjodu
16	Il-ħtiġijiet addizzjonali rigward it-trammil għar-Renju Unit huma stabbiliti fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 4.1.3	Validu biss għall-Ferroviji konvenzjonali	T3
17	Il-brejk manjentiku u l-brejk bl-eddy current mhuwiex awtorizzat fl-ewwel karra ta' vettura li topera fil-Ġermanja, definit fl-Anness A, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 5.2.3	Rilevanti fuq linji ta' intersezzjoni fuq l-istess livell skont ir-reġistru tal-infrastruttura.	T3

7.5.2.2. *Każ speċifiku għall-Greċja.*

Kategorija "T1" - temporanju: vetturi ferrovjarji b'distanza bejn il-linji ferrovjarji ta' 1 000 mm jew inqas, u linji b'distanzi bejn il-linji ferrovjarji ta' 1 000 mm jew inqas.

Ir-regoli nazzjonali għandhom japplikaw fuq dawn il-linji.

7.5.2.3. *Każ speċifiku għall-Istati Baltiċi (għal-Latvja, il-Litwanja, l-Estonja sistema CR biss).*

Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għal u użata mill-impriża ferrovjarja fil-forma ta' manwal speċifiku għal-linja (Reġistru tal-Infrastruttura) li jista' jinkludi wkoll partikolaritajiet oħra ta' TSIs oħra (eż., it-TSI tal-Operazzjoni u Maniġment tat-Traffiku jinkludi fil-Ktieb tar-Regoli Anness B sistemi u modi mnaqqsa)

Ir-Reġistru tal-Infrastruttura jista' jkun speċifiku għal linja waħda jew grupp ta' linji li għandhom l-istess karatteristiċi.

L-għan huwa li l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi ddikjarati fir-Reġistru tal-Infrastruttura u fir-Reġistru tal-Vetturi Ferrovarji jaqblu mat-TSIs; b'mod partikolari ma għandhomx ikunu ostaklu għall-interoperabbiltà.

Reġistru tal-Vetturi Ferrovarji

Fil-qafas ta' din it-TSI, għall-impriża ferrovjarja, xi alternattivi ta' tagħmir, funzjonijiet u valuri relatati mat-tip ta' ferrovija huma previsti. Barra minn hekk, minħabba li l-ħtiġijiet tat-TSI ma jkopru l-Armar kollu Abbord ta' Kontroll u Kmand, l-amministratur jeħtieġ informazzjoni addizzjonali rigward l-użu ta' sistemi tal-Klassi B, u l-karatteristiċi tal-ferrovija li huma rilevanti għal sistemi maġenb il-binarji li mhumix tal-Klassi B. Din l-informazzjoni tikkonċerna, pereżempju:

- għażliet fil-qafas tal-ħtiġijiet tal-kompatibbiltà teknika mniżżla fl-Anness A,
- għażliet fil-qafas tal-ħtiġijiet tal-kompatibbiltà teknika mniżżla fl-Anness B,
- valuri tal-EMC (minħabba l-użu fuq il-linji kkonċernati ta' tagħmir li mhuwiex kopert minn ħtiġijiet tat-TSI,

- parametri ġeometriċi u elettriċi tal-ferrovija bħal tul, distanza massima tal-fusien fil-ferrovija, tul tal-ponta tal-ewwel u l-aħħar vettura tal-ferrovija, ir-reżistenza elettriċa massima bejn ir-roti ta' fus (fil-kuntest tal-Anness A, l-Appendiċi 1 (karatteristiċi tal-vetturi ferrovjarji meħtieġa biex ikunu kompatibbli mas-sistemi tal-lokalizzazzjoni tal-ferroviji) minħabba l-arranġament tad-disinn taċ-ċirkwit tal-binanju),
- parametri tal-ibbrejtkjar għal sistema tal-Klassi A
- parametri tal-ibbrejtkjar għal sistemi tal-Klassi B
- parametri tal-ibbrejtkjar ġenerali
- tipi ta' brejkijiet
- brejk tal-eddy current installat
- brejk manjetiku installat
- kundizzjonijiet klimatiki u kundizzjonijiet fiżiċi li fihom il-ferrovija hija speċifikata li topera.

Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għal u tintuża mill-amministraturi tal-infrastruttura permezz ta' manwal speċifiku tal-ferroviji (Reġistru tal-Vetturi Ferrovjarji) li jista' jindirizza wkoll il-possibbiltà jew il-ħtieġa ta' funzjonijiet awżiljarji sabiex il-ferrovija tkun maniġġabbli jew biex tkun immaniġġjata mill-funzjonijiet tal-Kontroll u Kmand, eż., għall-passaġġ ta' taqsimiet newtrali, tnaqqis fil-veloċità f'ċirkostanzi speċjali skont il-karatteristiċi (mini) tal-ferrovija u tal-linja u partikolaritajiet ta' TSIs oħra.

Ir-Reġistru tal-Vetturi Ferrovjarji jista' jkun speċifiku għal ferrovija waħda jew kategorija ta' ferroviji li għandhom l-istess karatteristiċi.

Listi ta' karatteristiċi u ħtiġijiet speċifiċi

Il-lista li ġejja hija l-ħtieġa obbligatorja għar-Reġistru tal-Infrastruttura u għar-Reġistru tal-Vetturi Ferrovjarji sabiex ikunu deskritti b'mod suffiċjenti l-karatteristiċi u l-ħtiġijiet speċifiċi, u biex jiffaċilitaw l-interoperabbiltà. Il-lista tittratta biss kwistjonijiet tekniċi, il-kwistjonijiet operattivi jinstabu fit-TSI tal-Operazzjoni u l-Maniġment tat-Traffiku.

Il-ħtiġijiet jistgħu jkunu sodisfatti permezz tal-applikazzjoni ta' standard. F'dan il-każ, ir-referenza kkonċernata għandha tingħata f'dawn il-manwali.

Inkella, kwalunkwe ħtieġa speċjali (metodi ta' kejl) għandha tkun inserita jew annessa mar-Reġistru tal-Vetturi Ferrovjarji u r-Reġistru tal-Infrastruttura.

Għal Sistemi tal-Klassi B, il-miżuri implimentati fil-kuntest tal-Istat Membru responsabbli mogħti fl-Anness B japplikaw. Ir-Reġistru tal-Infrastruttura għandu jinkludi l-punti li ġejjin:

- Stat Membru responsabbli,
- isem tas-subsistema tal-Anness B,
- verżjoni u data tat-tqegħid fis-servizz,
- restrizzjonijiet tal-veloċità u kundizzjonijiet/ħtiġijiet speċifiċi oħra tal-Klassi B, minħabba l-limitazzjonijiet tal-veloċità,
- dettalji oħra skont il-listi ta' hawn taħt.

Lista ta' karatteristiċi u ħtiġijiet tekniċi speċifiċi oħra assoċjati ma' linja interoperabbli u ma' ferrovija interoperabbli

N	Ir-reġistru tal-infrastruttura	Reġistru tal-Vetturi Ferrovarji)
1	L-amministratur tal-infrastruttura ⁽¹⁾ - Il-pajjiż ⁽¹⁾ - Estremità tas-segment tal-linja 1 ⁽¹⁾ - Estremità tas-segment tal-linja 2 ⁽¹⁾ Għal kull waħda mill-partijiet differenti tal-armar tas-CCS maġenb il-binarij (funzjonijiet u interfejsis EIRENE, funzjonijiet u interfejsis ETCS/ERTMS, Sistema tal-lokalizzazzjoni tal-ferroviji, Lokalizzatur tat-tisħin tal-kaxxa tal-fusien, EMC) meta installat fi stadji: - Verifika tal-KE (iva jew le) - data taċ-ċertifikat ta' konformità (uri l-ewwel/l-aħħar wieħed) - entità notifikata: l-ewwel/l-aħħar - data tad-dikjarazzjoni tal-verifika tal-KE (uri l-ewwel/l-aħħar waħda) - data jew tqegħid fis-servizz (uri l-ewwel/l-aħħar waħda) - Kummenti (jekk ma jkun hemm ebda verifika tal-KE, każijiet speċifiċi, ...)	- Keeper ⁽¹⁾ - numru nazzjonali tas-sett tal-ferrovija jew tal-vettura ⁽¹⁾ - jekk ikun sett ferrovarju, in-numru nazzjonali ta' kull vettura tas-sett ferrovarju ⁽¹⁾ Għal kull waħda mill-partijiet differenti tal-armar tas-CCS abbord (funzjonijiet u interfejsis EIRENE, funzjonijiet u interfejsis ETCS/ERTMS) meta installati fi stadji: - Verifika tal-KE (iva jew le) - data taċ-ċertifikat ta' konformità tal-Armar Abbord ta' Kontroll u Kmand (uri l-ewwel/l-aħħar wieħed) - entità notifikata: l-ewwel/l-aħħar - data tad-dikjarazzjoni tal-verifika tal-KE tal-Armar Abbord tal-Kontroll u Kmand (uri l-ewwel/l-aħħar waħda) - data jew tqegħid fis-servizz tal-Armar Abbord tal-Kontroll u Kmand (uri l-ewwel/l-aħħar waħda) - Kummenti (jekk ma jkun hemm ebda verifika tal-KE, każijiet speċifiċi, ...)
2	a) Livell(i) ta' applikazzjoni tal-ERTMS/ETCS, funzjonijiet fakultattivi installati maġenb il-binarij u meħtieġa abbord, funzjonalità mhux installata maġenb il-binarij (eż. tidwir), valuri nazzjonali li għandhom jintużaw u n-numru tal-verżjoni tas-sistema inkluż id-data tat-tqegħid fis-servizz ta' din il-verżjoni, b) Radju ERTMS/GSM-R, funzjonijiet fakultattivi kif speċifikat fil-FRS, u n-numru tal-verżjoni tas-sistema inkluż id-data tat-tqegħid fis-servizz ta' din il-verżjoni.	a) Livell ta' applikazzjoni tal-ERTMS/ETCS, funzjonijiet fakultattivi installati u numru tal-verżjoni tas-sistema inkluż id-data tat-tqegħid fis-servizz ta' din il-verżjoni, b) Radju ERTMS/GSM-R, funzjonijiet fakultattivi skont il-FRS, u n-numru tal-verżjoni tas-sistema inkluż id-data tat-tqegħid fis-servizz ta' din il-verżjoni.
3	Għal ERTMS/ETCS Livell 1 b'funzjoni ta' infill: liema implimentazzjoni teknika hija meħtieġa mill-Vetturi Ferrovarji	Għal ERTMS/ETCS Livell 1 b'funzjoni ta' infill: liema implimentazzjoni teknika tintuża.
4	Indika għal a) kull sistema tal-protezzjoni, kontroll u twissija tal-ferroviji tal-Klassi B, u b) kull sistema tar-radju tal-Klassi B installata fuq il-linja interoperabbli, il-verżjonijiet (inkluż il-perjodu tal-validità ta' dawn il-verżjonijiet, u jekk hemm ħtieġa għal iktar minn sistema waħda biex tkun attiva simultanjament u l-Istat Membru responsabbli).	Indika għal a) kull sistema tal-protezzjoni, kontroll u twissija tal-ferroviji tal-Klassi B, u b) kull sistema tar-radju tal-Klassi B installata fuq il-ferrovija interoperabbli, il-verżjonijiet (inkluż il-perjodu tal-validità ta' dawn il-verżjonijiet, u jekk hemm ħtieġa għal iktar minn sistema waħda biex tkun attiva simultanjament u l-Istat Membru responsabbli).
5	Kundizzjonijiet tekniċi speċjali meħtieġa għal swiċċjar għal fuq sistemi differenti tal-protezzjoni, kontroll u twissija tal-ferroviji tal-Klassi B. Kundizzjonijiet tekniċi speċjali meħtieġa għal swiċċjar għal fuq ERTMS/ETCS u sistemi tal-Klassi B.	Kundizzjonijiet speċjali implimentati abbord għal swiċċjar għal fuq sistemi differenti tal-protezzjoni, kontroll u twissija tal-ferroviji tal-Klassi B.
6	Kundizzjonijiet tekniċi speċjali meħtieġa għal swiċċjar għal fuq sistemi tar-radju differenti.	Kundizzjonijiet speċjali implimentati abbord għal swiċċjar għal fuq sistemi tar-radju differenti.
7	Moduli degradati tekniċi mnaqqsa ta': a) ERTMS/ETCS, b) sistemi tal-protezzjoni, kontroll u twissija tal-ferroviji tal-Klassi B, c) sistemi tar-radju tal-Klassi B d) sinjalazzjoni maġenb il-binarij.	Moduli tekniċi degradati disponibbli għal: a) ERTMS/ETCS, b) sistemi tal-protezzjoni, kontroll u twissija tal-ferroviji tal-Klassi B, c) sistemi tar-radju tal-Klassi B

N	Ir-reġistru tal-infrastruttura	Reġistru tal-Vetturi Ferrovjarji
8	Limiti tal-veloċità applikati minħabba prestazzjoni limitata tal-ibbrejtkjar, eż. minħabba d-distanzi tal-ibbrejtkjar disponibbli u minħabba gradjenti: a) għal modi operattivi ERTMS/ETCS, b) għal sistemi ta' protezzjoni, kontroll u twissija tal-ferroviji tal-Klassi B. Regoli tekniċi nazzjonali għal sistemi operattivi tal-Klassi B, rilevanti għall-ferroviji (eż. ħtiġijiet dwar il-prestazzjonijiet tal-ibbrejtkjar, informazzjoni li tik-korrispondi mal-fuljett 512 tal-UIC (it-tmien edizzjoni tal-Emendi ta' 1.1.79 u 2), ...).	a) Limiti tal-veloċità relatati mal-karatteristiċi ferrovjarji u li għandhom ikunu ssorveljati mill-Kontroll u Kmand, b) Informazzjoni ta' dħul tal-karatteristiċi tal-ibbrejtkjar għal ERTMS/ETCS u sistemi ta' protezzjoni, kontroll u twissija ta' ferroviji tal-Klassi B.
9	Suxxettibbiltà tat-tagħmir tal-Kontroll u Kmand maġenb il-binarji għall-emissjonijiet mill-ferroviji fit-termini tal-kompatibbiltà elettromanjetika fir-rigward tal-ammissjoni tal-ferroviji. Li għandu jkun speċifikat fejn disponibbli skont l-Anness A, l-Indiċi A8 (u standards futuri oħra — li għandhom ikunu definiti) biex jilħaq miri ta' sigurtà u kredibbiltà/disponibbiltà. Permissibbiltà biex jintuża brejk tal-eddy-current (tipi) Permissibbiltà biex jintuża brejk manjetiku (tipi)	Emissjoni elettromanjetika tal-ferrovija fir-rigward tal-ammissjoni tal-ferrovija fit-termini tal-kompatibbiltà elettromanjetika. Li għandu jkun speċifikat fejn disponibbli skont l-Anness A, l-Indiċi A8 (u standards futuri oħra — li għandhom ikunu definiti) biex jilħaq miri ta' sigurtà u kredibbiltà/disponibbiltà. Brejk tal-eddy-current installat (tip) Brejk manjetiku installat (tip)
10	Kundizzjonijiet klimatiċi u kundizzjonijiet fiżiċi fil-linja ferrovjarja. Skont l-Anness A, l-Indiċi A5	Kundizzjonijiet klimatiċi u kundizzjonijiet fiżiċi li fihom tista' taħdem l-Armar Abbord. Skont l-Anness A, l-Indiċi A4
11	Il-ħtiġijiet għal soluzzjonijiet tekniċi rigward id-derogi implimentati skont id-Direttivi 96/48/KE u 2001/16/KE għandhom ikunu deskritti.	Ir-regoli għal soluzzjonijiet tekniċi li jikkonċernaw derogi implimentati skont id-Direttivi 96/48/KE u 2001/16/KE għandhom ikunu deskritti.
12	HABD Għall-Klassi A: Limiti ta' allarm Għal sistemi tal-Klassi B: Medda tal-iskannar (HABD) fid-direzzjoni trasversali Medda tal-iskannar (HABD) fid-direzzjoni lonġitudinali Tipi u limiti tal-allarm	HABD Temperatura tas-superfiċje tollerabbli fil-medda tal-iskannar tal-Klassi A fir-rigward tat-tipi ta' allarmi speċifikati. Żona mmirata (vetturi ferrovjarji) fid-direzzjoni trasversali. Żona mmirata (vetturi ferrovjarji) fid-direzzjoni lonġitudinali.
13	Tul minimu tat-taqsim tal-binarju Distanza minima bejn it-tarf tat-taqsim tal-binarju u l-fouling point Distanza differenzjali minima tat-truf opposti tat-taqsim tal-binarji ħdejn xulxin Sensittività ta' tidwir minimu taċ-ċirkwit tal-binarju Użu tal-brejkijiet tal-eddy current Użu ta' brejkijiet manjetiċi Taqsimiet/żona fejn trammil mhux ristrett huwa awtorizzat	Distanza massima bejn settijiet tar-roti ħdejn xulxin Distanza massima bejn it-tarf ta' quddiem u sett tar-roti Bażi minima tar-roti Bażi minima tal-fus Wisa' minimu tar-rota Għoli minimu tar-rota Wisa' minimu tal-flanġ Għoli minimu tal-flanġ Piż minimu tal-fus Materjal tar-roti Reżistenza massima bejn ir-roti opposti ta' sett ta' roti Impedanza minima tal-vetturi Produzzjoni massima tat-trammil Possibbiltà ta' override ta' trammil mix-xufier Użu tal-brejkijiet tal-eddy current Mgħammra b'żewġ pari ta' firrodu tal-frizzjoni ferrovjarja li l-bażi elettrika tagħha hija ikbar jew ekwivalenti għal 16 000 mm.


N	Ir-reġistru tal-infrastruttura	Reġistru tal-Vetturi Ferrovarji
14	Każijiet speċifiċi Limitazzjonijiet fuq ir-relazzjoni bejn id-distanza tal-fus u d-dijametru tar-rota (il-Ġermanja) Distanza lonġitudinali mill-ewwel fus jew l-aħħar fus għat-tarf l-iktar viċin tal-vettura mhux ikbar minn 3 500 mm (il-Polonja, il-Belġju (linji konvenzjonali biss)) Id-distanza bejn kull wiehied mill-ewwel ħames fusien ta' ferrovija (jew il-fusien kollha jekk il-ferrovija għandha inqas minn ħamsa) mhux inqas minn 1 000 mm (il-Ġermanja) Id-distanza bejn l-ewwel u l-aħħar fus ta' vettura mhux inqas minn 6 000 mm (il-Belġju) Id-distanza bejn l-ewwel u l-aħħar fus ta' vettura jew sett ta' ferrovija waħedha akbar minn 15 000 mm (Franza, il-Belġju) Dijametru minimu tar-roti mhux iżgħar minn 450 mm (Franza) Piż tal-fus minimu mhux inqas minn 5 t (il-Ġermanja, l-Awstrija, l-Isvezja, il-Belġju) Massa minima tal-vetturi mhux inqas minn 90 t (il-Belġju) Meta d-distanza bejn l-ewwel u l-aħħar fus ta' vettura jew ferrovija waħedha hija ikbar jew ekwivalenti għal 16 000 mm, il-massa ta' vettura jew ferrovija waħedha għandha tkun ikbar minn 90 t. Meta din id-distanza tkun inqas minn 16 000 mm, u ikbar jew ekwivalenti għal 15 000 mm, il-massa għandha tkun inqas minn 90 t u ikbar jew ekwivalenti għal 40 t, il-vettura għandha tkun mgħammra b'żewġ pari tal-firrodu tal-frizzjoni tal-linja ferrovjarja li l-bażi elettrika tagħhom hija akbar jew ekwivalenti għal 16 000 mm (Franza, il-Belġju) Dimensjoni minima tal-massa tal-metall ta' vettura (il-Ġermanja, il-Polonja) Reattanza massima bejn is-superfiċje ta' sett ta' roti (il-Polonja, Franza) Ħtiġijiet addizzjonali fuq il-parametru ta' tidwir ta' vettura (il-Pajjiżi l-Baxxi) Impedanza meħtieġa bejn il-pantografu u r-roti ta' iktar minn 1,0 Ohm induttiva b'50 Hz għal 3 kVDC (il-Belġju) Ebda trammil quddiem il-fus ewlieni fuq unitajiet multipli taħt 1-40 km/h (ir-Renju Unit) Il-brejk manjetiku u l-brejk tal-eddy current mhuwiex awtorizzat fl-ewwel vagun ta' vettura ta' quddiem (il-Ġermanja).	

(¹) Għall-informazzjoni biss, dan se jkun parti mill-introduzzjoni tar-reġistru rilevanti u għandu jkun imħassar meta jeżisti r-reġistru

ANNEX D

IL-PRINĊIPJU TAL-ISTRUTTURA TAL-KONTROLL U KMAND U SINJALAZZJONI

Figura 1



ANNEX E

MODULI GĦALL-KOSTITWENTI TAL-INTEROPERABILITÀ**Modulu B: Eżami tat-Tip**

1. Dan il-modulu jiddeskrivi dik il-parti tal-proċedura li permezz tagħha entità notifikata taċċerta u tiddikjara li tip, li jirrappreżenta l-produzzjoni prevista, jissodisfa d-dispożizzjonijiet tat-TSI li japplikaw għaliha.
2. L-applikazzjoni għal eżami tat-tip tal-KE għandha tintefa' mill-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu fil-Komunità.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- l-isem u l-indirizz tal-manifattur kif ukoll, jekk l-applikazzjoni tintefa' mir-rappreżentant awtorizzat, ismu u l-indirizz tiegħu,
- dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma kinitx mitfugħa ma' entità notifikata oħra,
- id-dokumentazzjoni teknika, kif deskritt fil-punt 3.

L-applikant għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp notifikat, kampjun li jirrappreżenta l-produzzjoni prevista minn issa 'l quddiem imsejjaħ "tip".

Tip jista' jkopri diversi verżjonijiet tal-Kostitwent tal-Interoperabbiltà sakemm id-differenzi bejn il-verżjonijiet ma jaf-fettwawx id-dispożizzjonijiet tat-TSI.

Il-korp notifikat jista' jitlob iktar kampjuni jekk ikunu meħtieġa għat-tweġiq tal-programm tal-ittestjar.

Jekk ebda testijiet tat-tip ma jintalbu fil-proċedura tal-eżami tat-tip, u t-tip huwa definit b'mod suffiċjenti mid-dokumentazzjoni teknika, kif deskritt fil-punt 3, il-korp notifikat jista' jaqbel, li ebda kampjun ma jitqiegħed għad-dispożizzjoni tagħha.

3. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tippermetti l-konformità tal-kostitwent tal-interoperabbiltà mal-ħtiġijiet tat-TSI li għandha tkun evalwata. Din għandha, safejn ikun rilevanti għal din l-evalwazzjoni, tkopri d-disinn, il-manifattura, manutenzjoni u tħaddim tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà.

Id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi:

- deskrizzjoni ġenerali tat-tip,
- informazzjoni tad-disinn konċettwali u tal-manifattura, pereżempju disinni u skemi tal-komponenti, sub-assemblaġġi, ċirkwiti, eċċ.,
- deskrizzjonijiet u spjegazzjonijiet meħtieġa għall-ftehim tal-informazzjoni tad-disinn u l-manifattura, manutenzjoni u t-tħaddim tal-kostitwent tal-interoperabbiltà,
- kundizzjonijiet tal-integrazzjoni tal-kostitwent tal-interoperabbiltà fl-ambjent tas-sistema tiegħu (sub-assemblaġġ, armar, subsistema) u l-kundizzjonijiet meħtieġa tal-interfejs,
- kundizzjonijiet għall-użu u l-manutenzjoni tal-kostitwent tal-interoperabbiltà (restrizzjonijiet ta' running time jew distanza, limiti tal-użu eċċ),
- l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż speċifikazzjonijiet Ewropej ⁽¹⁾ bi klawżoli rilevanti, applikati totalment jew parzjalment,
- deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati biex jilhq u l-ħtiġijiet tat-TSI f'każijiet fejn l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej ma kinux applikati totalment,
- riżultati tal-kalkoli tad-disinn magħmula, eżamijiet imwettqa, eċċ.,
- rapporti tal-ittestjar.

⁽¹⁾ Id-definizzjoni ta' speċifikazzjoni Ewropea hija murija fid-Direttivi 96/48/KE u 01/16/KE li-gwida għall-applikazzjoni tal-HS TSIs tispjega l-mod kif jintużaw l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej

4. Il-korp notifikat għandu:
 - 4.1. jeżamina d-dokumentazzjoni teknika,
 - 4.2. jivverifika li kwalunkwe kampjun(i) meħtieġa għat-test kien(u) manifatturati b'mod konformi mad-dokumentazzjoni teknika, u jwettaq jew wettaq it-testijiet tat-tip skont id-dispożizzjonijiet tat-TSI u/jew l-ispeċifikazzjonijiet rilevanti Ewropej,
 - 4.3. meta revizzjoni tad-disinn ikun meħtieġ fit-TSI, iwettaq eżami tal-metodi tad-disinn, l-għodda tad-disinn u r-riżultati tad-disinn biex jevalwa l-kapaċità tagħhom biex jissodisfaw il-ħtiġijiet għal konformità għall-kostitwent tal-interoperabbiltà fit-twettiq tal-proċess tad-disinn,
 - 4.4. meta jkun meħtieġ revizzjoni tal-proċess tal-manifattura fit-TSI, iwettaq eżami tal-proċess tal-manifattura maħsub għall-manifattura tal-kostitwent tal-interoperabbiltà, biex jevalwa l-kontribuzzjoni tagħha għall-konformità tal-prodott, u/jew teżamina r-revizzjoni mwettqa mill-manifattur fit-twettiq tal-proċess tad-disinn,
 - 4.5. jidentifika l-elementi li kienu ddisinjati skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TSI u l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej kif ukoll l-elementi li kienu ddisinjati mingħajr l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' daww l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej;
 - 4.6. iwettaq jew jara li jkun mwettqa l-eżamijiet adattati u t-testijiet meħtieġa skont il-punti 4.2, 4.3 u 4.4 biex tistabbilixxi jekk, meta l-manifattur għażel li japplika l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej rilevanti, dawn kienu attwalment applikati;
 - 4.7. iwettaq jew jara li jkun mwettqa l-eżamijiet adattati u t-testijiet meħtieġa skont il-punti 4.2, 4.3 u 4.4 biex jistabbilixxi jekk, meta l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej rilevanti ma kinux applikati, is-soluzzjonijiet adottati mill-manifattur jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' din it-TSI;
 - 4.8. jaqbel mal-applikant dwar il-post fejn l-eżamijiet u t-testijiet meħtieġa għandhom isiru.
5. Meta t-tip jissodisfa d-dispożizzjonijiet tat-TSI, l-entità notifikata għandha toħroġ ċertifikat tal-eżami tat-tip lill-applikant. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-isem u l-indirizz tal-manifattur, il-konklużjonijiet tal-eżami, il-kundizzjonijiet għall-validità tiegħu u l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tat-tip approvat.

Il-perjodu ta' żmien ta' validità ma għandux ikun itwal minn ħames snin.

Lista tal-partijiet rilevanti tad-dokumentazzjoni teknika għandha tkun annessa maċ-ċertifikat u għandha tinżamm kopja mill-korp notifikat.

Jekk il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità jiġi miċħud ċertifikat tal-eżami tat-tip, il-korp notifikat għandu jipprovdi raġunijiet dettaljati għal din iċ-ċaħda.

Għandha ssir dispożizzjoni għal proċedura tal-appelli.

6. L-applikant għandu jinforma lill-korp notifikat li għandha d-dokumentazzjoni teknika rigward iċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-modifiki kollha tal-prodott approvat li għandu jirċievi approvazzjoni addizzjonali meta dan it-tibdil jista' jaffettwa l-konformità mal-ħtiġijiet tat-TSI jew il-kundizzjonijiet preskritti għall-użu tal-prodott. F'dan il-każ l-entità notifikata għandha twettaq biss daww l-eżamijiet u t-testijiet li huma rilevanti u meħtieġa għat-tibdil. Din l-approvazzjoni addizzjonali tista' tingħata fl-għamla ta' addizzjoni għaċ-ċertifikat oriġinali tal-eżami tat-tip, jew, permezz tal-ħruġ ta' ċertifikat ġdid wara l-irtirar ta' dak ta' qabel.
7. Jekk ma ssir l-ebda modifika bħal fil-punt 6, il-validità taċ-ċertifikat li jiskadi tista' tkun estiża għal perjodu ta' validità ieħor. L-applikant għandu japplika għal din l-estensjoni permezz ta' konferma bil-miktub li ma saret l-ebda modifika minn dawn, u l-korp notifikat jgħid estensjoni għal perjodu ta' validità ieħor bħal fil-punt 5, jekk ma teżisti ebda informazzjoni kuntrarja. Din il-proċedura tista' tkun ripetuta.
8. Kull entità notifikata għandha tikkomunika lill-entitajiet l-oħra notifikati l-informazzjoni rilevanti rigward iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip u l-addizzjonijiet maħruġa, irtirati jew miċħuda.
9. L-entitajiet notifikati l-oħra jistgħu jirċievu, fuq talba, kopji ta' ċertifikati tal-eżami tat-tip maħruġa u/jew l-addizzjonijiet tagħhom. L-annessi taċ-ċertifikati (ara § 5) għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tal-entitajiet notifikati l-oħra.
10. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jżomm konformi mal-kopji tad-dokumentazzjoni tekniċi taċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip u l-addizzjonijiet tagħhom għal perjodu ta' 10 snin wara li

l-aħħar kostitwent tal-interoperabbiltà kien manifatturat. Meta la l-manifattur u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma jkun stabbilit fil-Komunità, l-obbligu li jżomm id-dokumentazzjoni teknika disponibbli huwa r-responsabbiltà tal-persuna li tqiegħed il-kostitwent tal-interoperabbiltà fis-suq Komunitarju.

Modulu D: Sistema tal-Maniġment tal-Kwalità tal-Produzzjoni

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura fejn il-manifattur jew ir-rappreżentant stabbilit tiegħu fil-Komunità li jissodisfa l-obbligazzjonijiet tal-punt 2 jiżgura u jiddikjara li l-kostitwent tal-interoperabbiltà kkonċernat huwa konformi mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u jiddeskrivi l-ħtiġijiet tat-TSI li japplikaw għalih.
2. Il-manifattur għandu jħaddem sistema tal-maniġment tal-kwalità approvata għall-produzzjoni, l-ispezzjoni tal-prodott finali u ttestjar kif speċifikat fil-punt 3 u huwa suġġett għal monitoraġġ kif speċifikat fil-punt 4.
3. Sistema ta' maniġment tal-kwalità
- 3.1. Il-manifattur għandu jitfa' applikazzjoni għall-evalwazzjoni tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità tiegħu ma' entità notifikata li jagħżel hu, għall-kostitwenti tal-interoperabbiltà kkonċernati.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- l-informazzjoni rilevanti kollha għar-rappreżentant tal-kategorija tal-prodott għall-kostitwenti tal-interoperabbiltà previsti,
- id-dokumentazzjoni li tikkonċerna s-sistema tal-maniġment tal-kwalità,
- id-dokumentazzjoni teknika tat-tip approvat u kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip, eżaminat wara t-tweqqi tal-proċedura tal-eżami tat-tip tal-Modulu B (eżami tat-tip).
- dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma ntefgetx ma' entità notifikata oħra,
- 3.2. Is-sistema tal-maniġment tal-kwalità għandha tiżgura konformità tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u mal-ħtiġijiet tat-TSI li japplikaw għalihom. L-elementi, il-ħtiġijiet u d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-manifattur għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fil-forma ta' politiki bil-miktub, proċeduri u struzzjonijiet. Id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità għandha tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi, il-pjan, il-manwali u r-reġistri ta' kwalità.

Din għandha tinkludi b'mod partikolari deskrizzjoni adatta ta':

- il-miri ta' kwalità u l-istruttura organizzattiva,
- ir-responsabbiltajiet u poteri tal-maniġment fir-rigward tal-kwalità tal-prodott,
- it-tekniki, proċessi u azzjonijiet sistematiki tal-manifattura, il-kontroll tal-kwalità u l-maniġment tal-kwalità li għandhom jintużaw,
- l-eżamijiet, verifiki u testijiet li għandhom jitwettqu qabel, matul u wara l-manifattura, u l-frekwenza li għandhom isiru biha,
- ir-reġistri ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni tal-ittestjar, informazzjoni ta' kalibrizzjoni, rapporti ta' kwalifika tal-persunal ikkonċernat, eċċ.,
- il-mezz ta' monitoraġġ tal-kisba tal-kwalità tal-prodott meħtieġ u t-tħaddim effettiv tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità.
- 3.3 Il-korp notifikat jevalwa s-sistema tal-maniġment tal-kwalità biex jiddetermina jekk tissodisfax il-ħtiġijiet tal-punt 3.2. Dan jassumi konformità ma' dawn il-ħtiġijiet jekk il-manifattur jimplimenta sistema ta' kwalità għall-produzzjoni, spezzjoni tal-prodott finali u ttestjar fir-rigward tal-Istandard EN/ISO 9001-2000, li jikkunsidraw l-ispeċifità tal-kostitwent tal-interoperabbiltà li għalih hija implimentata.

Meta l-manifattur iħaddem sistema ta' maniġment ta' kwalità ċċertifikata, il-korp notifikat għandu jikkunsidra dan fl-evalwazzjoni.

Din il-verifika għandha tkun speċifika għall-kategorija tal-prodott, li tirrappreżenta l-kostitwent tal-interoperabbiltà. It-tim ta' verifika għandu jkollu mill-inqas membru wieħed b'esperjenza ta' assessur fit-teknoloġija tal-prodott ikkonċernat. Il-proċedura tal-evalwazzjoni għandha tinkludi żjara ta' spezzjoni fil-bini tal-manifattur.

Id-deċiżjoni għandha tkun notifikata lill-manifattur. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-eżami u d-deċiżjoni tal-evalwazzjoni raġunata.

- 3.4. Il-manifattur għandu jimpenja ruħu li jwettaq l-obbligi li jirriżultaw mis-sistema tal-maniġment tal-kwalità kif approvata u li jżommhom sabiex dan jibqa' adatt u effiċjenti.

Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jżomm lill-korp notifikat li approva s-sistema tal-maniġment tal-kwalità infurmata dwar kwalunkwe aġġornament intenzjonat tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità.

Il-korp notifikat għandu jevalwa l-modifiki proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema tal-maniġment tal-kwalità emendata tissodisfa l-ħtiġijiet tal-punt 3.2 jew jekk tkunx meħtieġa evalwazzjoni mill-ġdid.

Din għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-manifattur. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-eżami u d-deċiżjoni tal-evalwazzjoni raġunata.

4. Sorveljanza tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità fir-responsabbiltà tal-korp notifikat.

- 4.1. L-iskop tas-sorveljanza hija li tiżgura li l-manifattur jissodisfa dovutement l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mis-sistema approvata tal-maniġment tal-kwalità.

- 4.2. Il-manifattur għandu jippermetti entratura tal-korp notifikat għal skopijiet ta' spezzjoni fil-lokazzjonijiet tal-manifattura, l-ispezzjoni u l-ittestjar, u l-ħażna u għandu jipprovdi dan bl-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari:

- id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità,
- ir-reġistri ta' kwalità bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni tal-ittestjar, informazzjoni ta' kalibrazzjoni, rapporti ta' kwalifika tal-persunal ikkonċernat, eċċ.

- 4.3. Il-korp notifikat għandu perġodikament iwettaq verifiki biex jiżgura li l-manifattur iżomm u japplika s-sistema tal-maniġment tal-kwalità u għandha ttipprovdi rapport ta' verifika lill-manifattur.

Il-frekwenza tal-verifiki għandha tkun mill-inqas darba fis-sena.

Meta l-manifattur iħaddem sistema ta' maniġment ta' kwalità ċċertifikata, il-korp notifikat għandu jikkunsidra dan fis-sorveljanza.

- 4.4. Addizzjonalment il-korp notifikat jista' jagħmel żjarat mhux mistennija lill-manifattur. Matul dawn iż-żjarat il-korp notifikat jista' jwettaq, jew jikkawża li jkunu mwettqa, testijiet li jivverifikaw li s-sistema tal-maniġment tal-kwalità qed tiffunzjona b'mod korrett, jekk meħtieġ. Il-korp notifikat għandu jipprovdi lill-manifattur b'rapport ta' żjara u, jekk kien imwettaq test, bir-rapport tal-ittestjar.

5. Kull entità notifikata għandha tikkomunika lill-entitajiet l-oħra notifikati l-informazzjoni rilevanti rigward l-approvazzjonijiet tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità, maħruġa, irtirati jew miċħuda.

L-entitajiet notifikati l-oħra jistgħu jirċievu fuq talba kopji tal-approvazzjonijiet tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità maħruġa.

6. Il-manifattur għandu, għal perġodu ta' 10 snin wara li l-aħħar prodott kien manifatturat, iżomm għad-dispożizzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali:

- id-dokumentazzjoni msemmija fit-tieni inċiż tal-punt 3.1,
- l-aġġornament imsemmi fit-tieni paragrafu tal-punt 3.4,
- id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp notifikat fil-paragrafu finali tal-punti 3.4, 4.3 u 4.4.

7. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jfassal id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE tal-kostitwent tal-interoperabbiltà. Il-kontenut ta' din id-dikjarazzjoni għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni indikata fl-Anness IV (3) tad-Direttivi 96/48/KE jew 01/16/KE. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE u d-dokumenti li jakkumpanjawha għandhom ikunu ddatati u ffirmati.

Id-dikjarazzjoni għandha tkun miktuba bl-istess lingwa bħad-dokumentazzjoni teknika u għandha tinkludi dan li ġej:

- ir-referenzi tad-Direttiva (id-Direttivi 96/48/KE jew 01/16/KE u direttivi oħra li l-kostitwent tal-interoperabbiltà jista' jkun suġġett għalihom),
- l-isem u l-indirizz tal-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat stabbilit fil-Komunità (agħti l-isem kummerċjali u l-indirizz kollu u fil-każ ta' rappreżentant awtorizzat agħti wkoll l-isem kummerċjali tal-manifattur jew kostruttur),
- deskrizzjoni tal-kostitwent tal-interoperabbiltà (għamla, tip, eċċ)
- deskrizzjoni tal-proċedura (modulu) segwita sabiex tkun iddikjarata l-konformità,
- id-deskrizzjonijiet rilevanti kollha mil-huqa mill-kostitwent tal-interoperabbiltà u b'mod partikolari kwalunkwe kundizzjoni tal-użu,
- isem u l-indirizz tal-entità (entitajiet) notifikata involuta fil-proċedura segwita fir-rigward tal-konformità u d-data taċ-ċertifikati flimkien mal-perjodu u l-kundizzjonijiet tal-validità taċ-ċertifikati,
- referenza għat-TSI u kwalunkwe TSI rilevanti oħra u fejn adattat referenza għall-ispeċifikazzjoni Ewropea ⁽¹⁾,
- identifikazzjoni tal-firmatarju awtorizzat li jagħmel impenni f'isem il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità.

Lċ-ċertifikati li għandha ssir referenza għalihom huma:

- l-approvazzjoni tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità indikata fil-punt 3,
- iċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u l-addizzjonijiet tiegħu,

8. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jżomm kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE għal perjodu ta' 10 snin wara li l-aħħar l-kostitwent tal-interoperabbiltà kien manifatturat.

Meta la l-manifattur u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma jkun stabbilit fil-Komunità, l-obbligu li jżomm id-dokumentazzjoni teknika disponibbli huwa r-responsabbiltà tal-persuna li tqiegħed il-kostitwent tal-interoperabbiltà fis-suq Komunitarju.

9. Jekk flimkien mad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-KE, dikjarazzjoni ta' adattabbiltà għall-użu tal-KE għall-kostitwent tal-interoperabbiltà tkun mitluba fit-TSI, din id-dikjarazzjoni għandha tkun miżjuda, wara li tkun maħruġa mill-manifattur fil-kundizzjonijiet tal-Modulu V.

Modulu F: Verifika tal-Prodott

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura fejn il-manifattur jew ir-rappreżentant stabbilit tiegħu fil-Komunità jivverifika u jikkonferma li l-kostitwent tal-interoperabbiltà kkonċernat u suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-punt 3 huwa konformi mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-KR u jissodisfa l-ħtiġijiet tat-TSI li japplikaw għalih.
2. Il-manifattur għandu jieħ u l-miżuri meħtieġa kollha sabiex il-proċess ta' manifattura jiżgura konformità ta' kull wieħed mill-kostitwenti tal-interoperabbiltà mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u mal-ħtiġijiet tat-TSI li japplikaw għalih.
3. Il-korp notifikat għandu jwettaq l-eżamijiet u t-testijiet adatti sabiex jivverifika l-konformità tal-kostitwent tal-interoperabbiltà mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-KE u mal-ħtiġijiet tat-TSI. Il-manifattur ⁽²⁾ jista' jagħmel eżami jew ittestjar ta' kull kostitwent tal-interoperabbiltà kif speċifikat fil-punt 4 jew eżami u ttestjar tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà fuq bażi tal-istatistika, kif speċifikat fil-punt 5.

⁽¹⁾ Id-definizzjoni ta' speċifikazzjoni Ewropea hija murija fid-Direttivi 96/48/KE u 01/16/KE. Il-gwida għall-applikazzjoni tal-HS TSIs tispjega l-mod kif jintużaw l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej.

⁽²⁾ Id-diskrezzjoni tal-manifattur tista' tkun limitata f'TSIs speċifiċi.

4. Verifika permezz ta' eżami u ttestjar ta' kull kostitwent tal-interoperabbiltà
 - 4.1. Kull prodott għandu jkun eżaminat individwalment u għandhom isiru testijiet adatti sabiex jivverifikaw il-konformità tal-prodott mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u mal-ħtiġijiet tat-TSI li japplikaw għalih. Meta test ma jkunx stabbilit fit-TSI, (jew fi Standard Ewropew imsemmi fit-TSI), l-Ispesifikazzjonijiet Ewropej rilevanti ⁽¹⁾, jew it-testijiet ekwivalenti għandhom jintużaw.
 - 4.2. Il-korp notifikat għandu jfassal ċertifikat tal-konformità bil-miktub għall-prodotti approvati relatati mat-testijiet imwettqa.
 - 4.3. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jiżgura li huwa kapaċi jipprovdi ċ-ċertifikati tal-korp notifikat ta' konformità meta dan ikun mitlub.
5. Verifika tal-istatistika
 - 5.1. Il-manifattur għandu jippreżenta l-kostitwenti tal-interoperabbiltà tiegħu fil-forma ta' lotts omoġenji u għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li l-proċess tal-manifattura jiżgura l-omoġenità ta' kull lott manifatturat.
 - 5.2. Il-kostitwenti kollha tal-interoperabbiltà għandhom ikunu disponibbli għall-verifika fl-għamla ta' lottijiet omoġenji. Kampjun għall-għarrieda għandu jkun magħżul mil-lott. Kull wieħed mill-kostitwenti tal-interoperabbiltà f'kampjun għandhom ikunu eżaminati individwalment u testijiet adatti għandhom isiru sabiex jivverifikaw il-konformità tal-prodott mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u mal-ħtiġijiet tat-TSI li japplikaw għalih u jiddeterminaw jekk il-lott ikunx aċċettat jew rifjutat. Meta test ma jkunx stabbilit fit-TSI (jew fi Standard Ewropew imsemmi fit-TSI), l-Ispesifikazzjonijiet Ewropej rilevanti jew testijiet ekwivalenti għandhom jintużaw.
 - 5.3. Il-proċedura tal-istatistika għandha tuża elementi adatti (metodu tal-istatistika, pjan ta' teħid ta' kampjuni eċċ), skont il-karatteristiċi li għandhom ikunu evalwati, kif speċifikat fit-TSI.
 - 5.4. Fil-każ ta' lottijiet aċċettati, il-korp notifikat għandu jfassal ċertifikat tal-konformità bil-miktub relatat mat-testijiet imwettqa. Il-kostitwenti kollha tal-interoperabbiltà fil-lott jistgħu jitqegħdu fis-suq minbarra dawk il-kostitwenti tal-interoperabbiltà mill-kampjun, li riżulta li ma kinux konformi.

Jekk lott ikun rifjutat, il-korp notifikat jew l-awtorità kompetenti għandha tiegħu miżuri adatti biex tipprevjeni t-tqegħid ta' dak il-lott fis-suq. F'każ ta' rifjut frekwenti tal-lottijiet il-korp notifikat jista' jissospendi l-verifika tal-istatistika.

- 5.5. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jiżgura li huwa kapaċi jipprovdi ċ-ċertifikati tal-korp notifikat ta' konformità meta dan ikun mitlub.
- 6. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jfassal id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE tal-kostitwent tal-interoperabbiltà.

Il-kontenut ta' din id-dikjarazzjoni għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni indikata fl-Anness IV(3) tad-Direttivi 96/48/KE jew 01/16/KE. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE u d-dokumenti li jakkumpanjawha għandhom ikunu ddatati u ffirmati.

Id-dikjarazzjoni għandha tkun miktuba bl-istess lingwa bħad-dokumentazzjoni teknika u għandha tinkludi dan li ġej:

- ir-referenzi tad-Direttiva (id-Direttivi 96/48/KE jew 01/16/KE u direttivi oħra li l-kostitwent tal-interoperabbiltà jista' jkun suġġett għalihom),
- l-isem u l-indirizz tal-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat stabbilit fil-Komunità (agħti l-isem kummerċjali u l-indirizz kollu u fil-każ ta' rappreżentant awtorizzat agħti wkoll l-isem kummerċjali tal-manifattur jew kostruttur),
- deskrizzjoni tal-kostitwent tal-interoperabbiltà (għamla, tip, eċċ)
- ,
- deskrizzjoni tal-proċedura (modulu) segwita sabiex tkun iddikjarata l-konformità,

⁽¹⁾ Id-definizzjoni ta' spesifikazzjoni Ewropea hija murija fid-Direttivi 96/48/KE u 01/16/KE. Il-gwida għall-applikazzjoni tal-HS TSIs tispjega l-mod kif jintużaw l-Ispesifikazzjonijiet Ewropej.

- id-deskrizzjonijiet rilevanti kollha milħuqa mill-kostitwent tal-interoperabbiltà u b'mod partikolari kwalunkwe kundizzjoni tal-użu,
- isem u l-indirizz tal-entità (entitajiet) notifikata involuta fil-proċedura segwita fir-rigward tal-konformità u d-data taċ-ċertifikati flimkien mal-perjodu u l-kundizzjonijiet tal-validità taċ-ċertifikati,
- referenza għat-TSI u kwalunkwe TSI rilevanti oħra u fejn adattat referenza għall-ispeċifikazzjonijiet Ewropej,
- identifikazzjoni tal-firmatarju awtorizzat li jagħmel impenni fisem il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità.

Iċ-ċertifikati li għandha ssir referenza għalihom huma:

- iċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u l-addizzjonijiet tiegħu,
- iċ-ċertifikat ta' konformità kif imsemmi fil-punti 4 jew 5.

7. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jżomm kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE għal perjodu ta' 10 snin wara li l-aħħar l-kostitwent tal-interoperabbiltà kien manifatturat.

Meta la l-manifattur u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma jkun stabbilit fil-Komunità, l-obbligu li jżomm id-dokumentazzjoni teknika disponibbli huwa r-responsabbiltà tal-persuna li tqiegħed il-kostitwent tal-interoperabbiltà fis-suq Komunitarju.

8. Jekk flimkien mad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-KE, dikjarazzjoni ta' adattabbiltà għall-użu tal-KE għall-kostitwent tal-interoperabbiltà tkun mitluba fit-TSI, din id-dikjarazzjoni għandha tkun miżjuda, wara li tkun maħruġa mill-manifattur fil-kundizzjonijiet tal-Modulu V.

Modulu H2: Sistema tal-Maniġment tal-Kwalità Totali b'Eżami tad-Disinn

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura fejn entità notifikata ttwettaq eżami tad-disinn ta' kostitwent tal-interoperabbiltà u l-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità li jissodisfa l-obbligazzjonijiet tal-punt 2 jiżgura u jiddikjara li l-kostitwent tal-interoperabbiltà kkonċernat jissodisfa l-ħtiġijiet tat-TSI li japplikaw għalih.
2. Il-manifattur għandu jħaddem sistema tal-manigiement tal-kwalità approvata għad-disinn, il-produzzjoni u l-ispezzjoni u l-ittestjar tal-prodott finali kif speċifikat fil-punt 3 u għandu jkun suġġett għal sorveljanza kif speċifikat fil-punt 4.
3. Sistema ta' maniġment tal-kwalità.
- 3.1 Il-manifattur għandu jiffa' applikazzjoni għall-evalwazzjoni tas-sistema tal-manigiement tal-kwalità tiegħu ma' entità notifikata li jagħmel hu, għall-kostitwenti tal-interoperabbiltà kkonċernati.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- l-informazzjoni rilevanti kollha għar-rappreżentant tal-kategorija tal-prodott għall-kostitwenti tal-interoperabbiltà previsti,
- id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-manigiement tal-kwalità,
- dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma ntefghetx ma' entità notifikata oħra.

- 3.2 Is-sistema tal-manigiement tal-kwalità għandha tiżgura konformità tal-kostitwent tal-interoperabbiltà mal-ħtiġijiet tat-TSI li japplikaw għalih. L-elementi, il-ħtiġijiet u d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-manifattur għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fil-forma ta' politiki bil-miktub, proċeduri u struzzjonijiet. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-manigiement tal-kwalità għandha tiżgura ftehim komuni tal-politiki u l-proċeduri tal-kwalità bħal programmi, pjanijiet, manwali u reġistri tal-kwalità.

Din għandha tinkludi b'mod partikolari deskrizzjoni adatta ta':

- il-miri ta' kwalità u l-istruttura organizzattiva,
- responsabbiltajiet u poteri tal-manigiement fir-rigward tad-disinn u l-kwalità tal-prodott,

- l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-disinn, inklużi speċifikazzjonijiet Ewropej ⁽¹⁾, li għandhom ikunu applikati, u, meta l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej ma jkunux applikati kompletament, il-mezzi li għandhom jintużaw biex jiżguraw li l-ħtiġijiet tat-TSI li japplikaw għall-kostitwenti tal-interoperabbiltà għandhom jintlaħqu,
- it-tekniki ta' verifika, il-proċeduri u l-azzjonijiet sistematiċi tal-kontroll tad-disinn u l-verifika tad-disinn li għandhom jintużaw fid-disinn tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà li jappartjenu fil-kategorija tal-prodott kopert,
- it-tekniki, proċessi u azzjonijiet sistematiċi korrispondenti tal-manifattura, il-kontroll tal-kwalità u l-maniġment tal-kwalità li għandhom jintużaw,
- l-eżamijiet, verifiki u testijiet li għandhom isiru qabel, matul u wara l-manifattura, u l-frekwenza li għandhom isiru biha,
- ir-reġistri ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u dejta tal-ittestjar, dejta ta' kalibrazzjoni, rapporti ta' kwalifika tal-persunal ikkonċernat, eċċ.,
- il-mezz ta' monitoraġġ tal-kisba tad-disinn meħtieġ u l-kwalità tal-prodott u t-tħaddim effettiv tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità.

Il-politiki u l-proċeduri tal-kwalità għandhom ikopru b'mod partikolari l-fażijiet tal-evalwazzjoni, bħal reviżjoni tad-disinn, reviżjoni tal-proċeduri ta' manifattura u t-testijiet tat-tip, kif huma speċifikati fit-TSI, għal karatteristiċi u prestazzjonijiet differenti tal-kostitwent tal-interoperabbiltà.

- 3.3 Il-korp notifikat għandu jevalwa s-sistema tal-maniġment tal-kwalità biex jiddetermina jekk tissodisfax il-ħtiġijiet tal-punt 3.2. Dan jassumi konformità ma' dawn il-ħtiġijiet jekk il-manifattur jimplimenta sistema ta' kwalità għad-disinn, il-produzzjoni, spezzjoni tal-prodott finali u ttestjar fir-rigward tal-Istandard EN/ISO 9001-2000, li jikkunsidraw l-ispeċifiċità tal-kostitwent tal-interoperabbiltà li għalih hija implimentata.

Meta l-manifattur iħaddem sistema ta' maniġment ta' kwalità ċċertifikata, il-korp notifikat għandu jikkunsidra dan fl-evalwazzjoni.

Din il-verifika għandha tkun speċifika għall-kategorija tal-prodott, li tirrappreżenta l-kostitwent tal-interoperabbiltà. It-tim ta' verifika għandu jkollu mill-inqas membru wieħed b'esperjenza ta' assessor fit-teknoloġija tal-prodott ikkonċernat. Il-proċedura tal-evalwazzjoni għandha tinkludi żjara ta' spezzjoni fil-bini tal-manifattur.

Id-deċiżjoni għandha tkun notifikata lill-manifattur. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-verifika u d-deċiżjoni tal-evalwazzjoni raġunata.

- 3.4 Il-manifattur għandu jimpenja ruħu li jwettaq l-obbligi li jirriżultaw mis-sistema tal-maniġment tal-kwalità kif approvat u li jżommhom sabiex dan jibqa' adatt u effiċjenti.

Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jżomm lill-korp notifikat li approva s-sistema tal-maniġment tal-kwalità infurmat dwar kwalunkwe aġġornament intenzjonat tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità.

Il-korp notifikat għandu jevalwa l-modifiki proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema tal-maniġment tal-kwalità emendata tissodisfax il-ħtiġijiet tal-punt 3.2 jew jekk tkunx meħtieġa evalwazzjoni mill-ġdid.

Dan għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-manifattur. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni u d-deċiżjoni tal-evalwazzjoni raġunata.

4. Sorveljanza tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità fir-responsabbiltà tal-korp notifikat

- 4.1 L-iskop tas-sorveljanza hija li tiżgura li l-manifattur jissodisfa dovutement l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mis-sistema approvata tal-maniġment tal-kwalità.

⁽¹⁾ Id-definizzjoni ta' speċifikazzjoni Ewropea hija murija fid-Direttivi 96/48/KE u 01/16/KE. Il-gwida għall-applikazzjoni tal-HS TSIs tispjega l-mod kif jintużaw l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej.

4.2 Il-manifattur għandu jippermetti entratura tal-korp notifikat għal skopijiet ta' spezzjoni fil-lokazzjonijiet tad-disinn, il-manifattura, l-ispezzjoni u l-ittestjar, u l-ħażna, u għandu jipprovdiha bl-informazzjoni kollha meħtieġa, inkluż:

- id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità,
- ir-reġistri tal-kwalità kif previsti mill-parti tad-disinn tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità, bħal riżultati tal-analiżi, kalkoli, testijiet, eċċ.,
- ir-reġistri ta' kwalità kif previsti mill-parti tal-manifattura tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni tal-ittestjar, informazzjoni ta' kalibrazzjoni, rapporti ta' kwalifika tal-persunal ikkonċernat, eċċ.

4.3 Il-korp notifikat għandu perjodikament iwettaq verifiki biex jiżgura li l-manifattur iżomm u japplika s-sistema tal-maniġment tal-kwalità u għandu jipprovdi rapport ta' verifika lill-manifattur. Meta l-manifattur iħaddem sistema ta' maniġment ta' kwalità ċertifikata, il-korp notifikat għandu jikkunsidra dan fis-sorveljanza.

Il-frekwenza tal-verifiki għandha tkun mill-inqas darba fis-sena.

4.4 Addizzjonalment il-korp notifikat jista' jagħmel żjarat mhux mistennija lill-manifattur. Fil-ħin ta' dawn il-verifiki, il-korp notifikat għandu jwettaq testijiet jew jara li jkun mwettqa sabiex jivverifika l-funzjonament korretta tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità fejn meħtieġ. Dan għandu jipprovdi lill-manifattur b'rapport ta' żjara u, jekk kien imwettaq test, bir-rapport tal-ittestjar.

5. Il-manifattur għandu, għal perjodu ta' 10 snin wara li l-aħħar prodott kien manifatturat, iżomm għad-dispożizzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali:

- id-dokumentazzjoni msemmija fit-tieni inċiż tat-tieni subparagrafu tal-punt 3.1,
- l-aġġornament imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-punt 3.4,
- id-deċizzjonijiet u r-rapporti mill-korp notifikat fis-subparagrafu finali tal-punti 3.4, 4.3 u 4.4.

6. L-eżami tad-disinn

6.1 Il-manifattur għandu jiffa' applikazzjoni għall-eżami tad-disinn tal-kostitwent tal-interoperabbiltà ma' entità notifikata li jagħżel hu.

6.2 L-applikazzjoni għandha tippermetti d-disinn, manifattura, manutenzjoni u tħaddim tal-kostitwent tal-interoperabbiltà li għandu jkun mifhum, u għandha tippermetti konformità mal-ħtiġijiet tat-TSI li għandhom ikunu evalwati.

Dan għandu jinkludi:

- deskrizzjoni ġenerali tat-tip,
- l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-disinn, inkluż speċifikazzjonijiet Ewropej, bi klawżoli rilevanti, li kienu applikati totalment jew parzjalment,
- kwalunkwe evidenza meħtieġa ta' appoġġ għall-adegwatezza tagħhom, b'mod partikolari fejn l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej u l-klawżoli rilevanti ma kinux applikati,
- il-programm tal-ittestjar,
- kundizzjonijiet għall-integrazzjoni tal-kostitwent tal-interoperabbiltà fl-ambjent tas-sistema tiegħu (sub-assemblaġġ, armar, subsistema) u l-kundizzjonijiet meħtieġa tal-interfejs,
- kundizzjonijiet għall-użu u l-manutenzjoni tal-kostitwent tal-interoperabbiltà (restrizzjonijiet ta' running time jew distanza, limiti tal-użu eċċ),
- dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma kinitx imressqa ma' kwalunkwe entità notifikata oħra.

6.3 L-applikant għandu jippreżenta r-riżultati tat-testijiet ⁽¹⁾, inklużi testijiet tat-tip meta dan ikun meħtieġ, imwettqa mill-laboratorji adatt tiegħu jew f'ismu.

⁽¹⁾ Il-preżentazzjoni tar-riżultati tat-testijiet tista' ssir fl-istess ħin tal-applikazzjoni jew wara.

- 6.4 Il-korp notifikat għandu jeżamina l-applikazzjoni u jevalwa r-riżultati tat-testijiet. Meta d-disinn jilħaq id-dispożizzjonijiet tat-TSI li japplikaw għalih, il-korp notifikat għandu jgħodġi ċertifikat tal-eżami tad-disinn tal-KE lill-applikant. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-konklużjonijiet tal-eżami, il-kundizzjonijiet għall-validità tiegħu, id-dejta meħtieġa għall-identifikazzjoni tad-disinn approvat u, jekk ikun rilevanti, deskrizzjoni tal-funzjonament tal-prodott. Il-perjodu ta' żmien ta' validità ma għandux ikun itwal minn ħames snin.
- 6.5 L-applikant għandu jżomm lill-korp notifikat li ħareġ iċ-ċertifikat tal-eżami tad-disinn tal-KE infurmata dwar kwalunkwe tibdil fid-disinn approvat. Il-modifiki lid-disinn approvat għandhom jirċievu approvazzjoni addizzjonali mill-korp notifikat li ħareġ iċ-ċertifikat tal-eżami tad-disinn tal-KE meta dawn il-modifiki jistgħu jaffettwaw il-konformità mal-ħtiġijiet tat-TSI jew il-kundizzjonijiet preskritti għall-użu tal-prodott. F'dan il-każ il-korp notifikat għandu jwettaq biss daww l-eżamijiet u testijiet li huma rilevanti u meħtieġa għat-tibdil. Din l-approvazzjoni addizzjonali għandha tkun mogħtija fil-forma ta' addizzjoni għaċ-ċertifikat tal-eżami tad-disinn tal-KE oriġinali.
- 6.6 Jekk ma jsiru ebda modifiki bħal fil-punt 6.4, il-validità taċ-ċertifikat li jiskadi tista' tkun estiża għal perjodu ta' validità ieħor. L-applikant għandu japplika għal din l-estensjoni permezz ta' konferma bil-miktub li ma ssir l-ebda modifiki bħal dawn, u l-korp notifikat jgħodġi estensjoni għal perjodu ta' validità ieħor bħal fil-punt 6.3, jekk ma teżisti ebda informazzjoni kuntrarja. Din il-proċedura tista' tkun ripetuta.
7. Kull korp notifikat għandu jikkomunika lill-entitajiet l-oħra notifikati l-informazzjoni rilevanti li tikkonċerna l-approvazzjonijiet tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità u ċ-ċertifikati tal-eżami tad-disinn tal-KE, li ħareġ, irtira jew ċaħad.

Il-korpi notifikati l-oħra jistgħu jirċievu fuq talba kopji ta':

- l-approvazzjonijiet tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità u approvazzjonijiet addizzjonali maħruġa u
 - iċ-ċertifikati tal-eżami tad-disinn tal-KE u addizzjonijiet maħruġa
8. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jfassal id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE tal-kostitwent tal-interoperabbiltà.

Il-kontenut ta' din id-dikjarazzjoni għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni indikata fl-Anness IV (3) tad-Direttivi 96/48/KE jew 01/16/KE. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE u d-dokumenti li jakkumpanjawha għandhom ikunu ddatati u ffirmati.

Id-dikjarazzjoni għandha tkun miktuba bl-istess lingwa bħad-dokumentazzjoni teknika u għandha tinkludi dan li ġej:

- ir-referenzi tad-Direttiva (id-Direttivi 96/48/KE jew 01/16/KE u direttivi oħra li l-kostitwent tal-interoperabbiltà jista' jkun suġġett għalihom),
- l-isem u l-indirizz tal-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat stabbilit fil-Komunità (agħti l-isem kummerċjali u l-indirizz kollu u fil-każ ta' rappreżentant awtorizzat agħti wkoll l-isem kummerċjali tal-manifattur jew kostruttur),
- deskrizzjoni tal-kostitwent tal-interoperabbiltà (għamla, tip, eċċ),
- deskrizzjoni tal-proċedura (modulu) segwita sabiex tkun iddikjarata l-konformità,
- id-deskrizzjonijiet rilevanti kollha milħuqa mill-kostitwent tal-interoperabbiltà u b'mod partikolari kwalunkwe kundizzjoni tal-użu,
- isem u l-indirizz tal-entità (entitajiet) notifikata involuta fil-proċedura segwita fir-rigward tal-konformità u d-data taċ-ċertifikati flimkien mal-perjodu u l-kundizzjonijiet tal-validità taċ-ċertifikati,
- referenza għat-TSI u kwalunkwe TSI rilevanti oħra u fejn adattat għall-ispeċifikazzjonijiet Ewropej,
- identifikazzjoni tal-firmatarju awtorizzat li jagħmel impenni fisem il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità.

lċ-ċertifikati li għandha ssir referenza għalihom huma:

- l-approvazzjoni tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità u r-rapporti ta' sorveljanza indikati fil-punti 3 u 4,
- iċ-ċertifikat tal-eżami tad-disinn tal-KE u l-addizzjonijiet tiegħu.

9. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jżomm kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE għal perijodu ta' 10 snin wara li l-aħħar l-kostitwent tal-interoperabbiltà kien manifatturat.

Meta la l-manifattur u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma jkun stabbilit fil-Komunità, l-obbligu li jżomm id-dokumentazzjoni teknika disponibbli huwa r-responsabbiltà tal-persuna li tqiegħed il-kostitwent tal-interoperabbiltà fis-suq Komunitarju.

10. Jekk flimkien mad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-KE, dikjarazzjoni ta' adattabbiltà għall-użu tal-KE għall-kostitwent tal-interoperabbiltà tkun mitluba fit-TSI, din id-dikjarazzjoni għandha tkun miżjuda, wara li tkun maħruġa mill-manifattur fil-kundizzjonijiet tal-Modulu V.

MODULI GĦALL-VERIFIKA TAS-SUBSISTEMI

Modulu SB: Eżami tat-Tip

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura tal-verifika tal-KE fejn entità notifikata tivverifika u tiċċertifika fuq talba ta' entità kontraenti jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha stabbilit fil-Komunità, li tip ta' Subsistema tal-Kontroll u Kmand, rappreżentant tal-produzzjoni prevista,

- jikkonforma ma' din it-TSI u kwalunkwe TSI oħra rilevanti, li juri li l-ħtiġijiet essenzjali ⁽¹⁾ tad-Direttiva 01/16/KE ⁽²⁾ kienu milħuqa
- jikkonforma mar-regolamenti l-oħra li jirriżultaw mit-Trattat.

L-eżami tat-tip definit minn dan il-modulu jista' jinkludi fażijiet ta' evalwazzjoni speċifiċi — revizzjoni tad-disinn, test tat-tip jew revizzjoni tal-proċedura tal-manifattura, li huma speċifikati fit-TSI rilevanti.

2. L-entità kontraenti ⁽³⁾ għandha tressaq applikazzjoni għall-verifika tal-KE (permezz ta' eżami tat-tip) tas-subsistema b'entità notifikata li tagħżel hi.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- l-isem u l-indirizz tal-entità kontraenti jew tar-rappreżentant awtorizzat tagħha
- id-dokumentazzjoni teknika, kif deskritt fil-punt 3.

3. L-applikant għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp notifikat, kampjun tas-subsistema ⁽⁴⁾, li jirrappreżenta l-produzzjoni prevista minn issa 'l quddiem imsejjaħ "tip".

Tip jista' jkopri diversi verżjonijiet tas-subsistema sakemm id-differenzi bejn il-verżjonijiet ma jaffettwawx id-dispożizzjonijiet tat-TSI.

Il-korp notifikat jista' jeħtieġ iktar kampjuni jekk dan ikun meħtieġ għat-twettiq tal-programm tal-ittestjar. Jekk dan ikun meħtieġ għal test speċifiku jew għal metodi ta' eżami u speċifikat fit-TSI jew fl-ispeċifikazzjoni Ewropea ⁽⁵⁾ imsemmija fit-TSI, kampjun jew kampjuni ta' subassemblaġġ jew armar jew kampjun tas-subsistema f'kundizzjoni qabel l-armar għandhom ikunu pprovduti.

Id-dokumentazzjoni teknika u l-kampjun(i) għandhom jippermettu li d-disinn, il-manifattura, l-installazzjoni, il-manutenzjoni u t-tħaddim tas-subsistema jkun mifhum, u għandhom jippermettu li l-konformità mad-dispożizzjonijiet tat-TSI tkun evalwata.

⁽¹⁾ Il-ħtiġijiet essenzjali huma murija fil-parametri tekniċi, l-interfejsis u l-ħtiġijiet tal-prestazzjoni, li huma stabbiliti fil-Kapitolu 4 tat-TSI.

⁽²⁾ Dan il-modulu jista' jintuża fil-futur meta t-TSIs tad-Direttiva HS 96/48/KE jiġu aġġornati.

⁽³⁾ Fil-modulu, "l-entità kontraenti" tfisser "l-entità kontraenti tas-sistema, kif definita fid-direttiva, jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha stabbilit fil-Komunità".

⁽⁴⁾ It-taqsimi rilevanti ta' TSI tista' tiddefinixxi ħtiġijiet speċifiċi f'dan ir-rigward.

⁽⁵⁾ Id-definizzjoni ta' speċifikazzjoni Ewropea hija murija fid-Direttivi 96/48/KE u 01/16/KE. Il-gwida għall-applikazzjoni tal-HS TSIs tispjega l-mod kif jintużaw l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej.

Id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi:

- deskrizzjoni ġenerali tas-subsistema, id-disinn ġenerali u l-istruttura,
- ir-regjistru tal-Infrastruttura u/jew il-Vettura Ferrovjarja (sistema), inkluża l-informazzjoni kollha kif speċifikata fit-TSI,
- informazzjoni tad-disinn konċettwali u tal-manifattura, pereżempju disinni, skemi tal-komponenti, sub-assemblaġġi, armar, ċirkwiti, eċċ.,
- deskrizzjonijiet u spjegazzjonijiet meħtieġa għall-ftehim tal-informazzjoni tad-disinn u l-manifattura, manutenzjoni u t-tħaddim tas-subsistema,
- l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż speċifikazzjonijiet Ewropej, li kienu applikati,
- kwalunkwe evidenza meħtieġa ta' appoġġ għall-użu tal-ispeċifikazzjonijiet ta' hawn fuq, b'mod partikolari fejn l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej u l-klawżoli rilevanti ma kinux applikati kompletament,
- lista tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà li għandhom ikunu inkorporati fis-subsistema,
- kopji tad-dikjarazzjonijiet ta' konformità tal-KE jew tal-adattabbiltà għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà u l-elementi meħtieġa kollha definiti fl-Anness VI tad-direttivi,
- evidenza tal-konformità mar-regolamenti li jirriżultaw mit-Trattat (inklużi ċertifikati),
- dokumentazzjoni teknika rigward il-manifattura u l-armar tas-subsistema,
- lista tal-manifatturi, involuti fid-disinn, il-manifattura, l-armar u l-installazzjoni tas-subsistema,
- kundizzjonijiet għall-użu tas-subsistema (restrizzjonijiet ta' running time jew distanza, limiti tal-użu eċċ),
- kundizzjonijiet għall-manutenzjoni u dokumentazzjoni teknika rigward il-manutenzjoni tas-subsistema,
- kwalunkwe hteġa teknika li għandha tkun ikkunsidrata matul il-produzzjoni, manutenzjoni jew tħaddim tas-subsistema,
- riżultati tal-kalkoli tad-disinn magħmula, eżamijiet imwettqa, eċċ.,
- rapporti tal-ittestjar.

Jekk it-TSI teħtieġ informazzjoni ulterjuri għad-dokumentazzjoni teknika, dan għandu jkun inkluż.

4. Il-korp notifikat għandu:

4.1 Jeżamina d-dokumentazzjoni teknika.

4.2 Jivverifika li l-kampjun(i) tas-subsistema jew tal-armar jew subassemblaġġi tas-subsistema, kien(u) manifatturati b'mod konformi mad-dokumentazzjoni teknika, u twettaq jew tara li jsiru t-testijiet tat-tip skont id-dispożizzjonijiet tat-TSI u l-ispeċifikazzjonijiet adatti Ewropej. Din il-manifattura għandha tkun verifikata permezz ta' modulu ta' evalwazzjoni adattat.

4.3 Meta revizzjoni tad-disinn ikun mitlub fit-TSI, iwettaq eżami tal-metodi tad-disinn, l-għodda tad-disinn u r-riżultati tad-disinn biex jevalwa l-kapaċità tagħhom li jissodisfaw il-ħtiġijiet għal konformità għas-subsistema fit-twettiq tal-proċess tad-disinn.

4.4 Jidentifika l-elementi li kienu ddisinjati skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TSI u l-Ispeċifikazzjonijiet Ewropej kif ukoll l-elementi li kienu ddisinjati mingħajr l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' daww l-Ispeċifikazzjonijiet Ewropej.

4.5 Iwettaq jew jara li jitwettaq l-eżamijiet adattati u t-testijiet meħtieġa skont il-punti 4.2 u 4.3 biex jistabbilixxi meta l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej rilevanti kienu magħżula, li dawn kienu attwalment applikati.

- 4.6 Iwettaq jew jara li jitwettaq l-eżamijiet adattati u t-testijiet meħtieġa skont il-punti 4.2 u 4.3 biex jistabbilixxi jekk is-soluzzjonijiet adottati jilhqax il-ħtiġijiet tat-TSI meta l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej rilevanti ma kinux applikati.
- 4.7 Taqbel mal-applikant dwar il-post bejn l-eżamijiet u t-testijiet meħtieġa għandhom jitwettqu.
5. Meta t-tip jissodisfa d-dispożizzjonijiet tat-TSI, il-korp notifikat għandu jgħodġi ċertifikat tal-eżami tat-tip lill-applikant. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-isem u l-indirizz tal-entità kontraenti u l-manifattur(i) indikati fid-dokumentazzjoni teknika, il-konklużjonijiet tal-eżami, il-kundizzjonijiet għall-validità tiegħu u l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tat-tip approvat.
- Lista tal-partijiet rilevanti tad-dokumentazzjoni teknika għandha tkun annessa maċ-ċertifikat u għandha tinżamm kopja mill-korp notifikat.
- Jekk l-entità kontraenti tkun miċħuda ċertifikat tal-eżami tat-tip, il-korp notifikat għandu jipprovi raġunijiet dettaljati għal dan ir-rifjut.
- Għandha ssir provvista għal proċedura tal-appelli.
6. Kull korp notifikat għandu jikkomunika lill-entitajiet l-oħra notifikati l-informazzjoni rilevanti rigward iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip maħruġa, irtirati jew miċħuda.
7. Il-korpi notifikati l-oħra jistgħu jirċievu, fuq talba, kopji ta' ċertifikati tal-eżami tat-tip maħruġa u/jew l-addizzjonijiet tagħhom. L-annessi taċ-ċertifikati għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tal-entitajiet notifikati l-oħra.
8. L-entità kontraenti għandha żżomm skont il-kopji tad-dokumentazzjoni teknika taċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip u kwalunkwe addizzjonijiet matul il-perjodu tas-servizz tas-subsistema. Dan għandu jintbagħat lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li jitleb dan.
9. L-applikant għandu jinforma lill-korp notifikat li għandu d-dokumentazzjoni teknika rigward iċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-modifiki kollha li jistgħu jaffettwaw il-konformità mal-ħtiġijiet tat-TSI jew il-kundizzjonijiet preskritti għall-użu tas-subsistema. Is-subsistema għandha tirċievi approvazzjoni addizzjonali f'dawn il-każijiet. Din l-approvazzjoni addizzjonali tista' tingħata jew fil-forma ta' addizzjoni għaċ-ċertifikat oriġinali tal-eżami tat-tip, jew permezz tal-ħruġ ta' ċertifikat ġdid wara li jkun irtirat iċ-ċertifikat ta' qablu.

Modulu SD: Sistema tal-Maniġment tal-Kwalità tal-Produzzjoni

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura tal-verifika tal-KE fejn entità notifikata tivverifika u tiċċertifika, fuq talba ta' entità kontraenti jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha stabbilit fil-Komunità, li Subsistema tal-Kontroll u Kmand, li għaliha diġà kien maħruġ ċertifikat tal-eżami tat-tip minn entità notifikata,
- jikkonforma ma' din it-TSI u kwalunkwe TSI oħra rilevanti, li juri li l-ħtiġijiet essenzjali ⁽¹⁾ tad-Direttiva 01/16/KE ⁽²⁾ jintlaħqu
 - jikkonforma mar-regolamenti l-oħra li jirriżultaw mit-Trattat,
- u jistgħu jitlegħdu fis-servizz.
2. Il-korp notifikat iwettaq il-proċedura, fil-kundizzjoni, li:
- iċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip maħruġ qabel l-evalwazzjoni jibqa' validu għas-subsistema suġġetta għall-applikazzjoni,
 - l-entità kontraenti ⁽³⁾ u l-kuntratturi ewlenin involuti qed jissodisfaw l-obbligazzjonijiet tal-punt 3.
 - Il-"kuntratturi ewlenin" tirreferi għal kumpaniji, li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet essenzjali tat-TSI. Dan jikkonċerna:

⁽¹⁾ Il-ħtiġijiet essenzjali huma murija fil-parametri tekniċi, l-interfejs u l-ħtiġijiet tal-prestazzjoni, li huma stabbiliti fil-Kapitolu 4 tat-TSI.

⁽²⁾ Dan il-modulu jista' jintuża fil-futur meta t-TSIs tad-Direttiva HS 96/48/KE jiġu aġġornati.

⁽³⁾ Fil-modulu, "l-entità kontraenti" tfisser "l-entità kontraenti tas-sistema, kif definita fid-direttiva, jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha stabbilit fil-Komunità".

- il-kumpanija responsabbli għall-proġett tas-subsistema kollha (inkluż b'mod partikolari responsabbiltà għall-integrazzjoni tas-subsistema),
 - kumpaniji oħra involuti biss f'parti mill-proġett tas-subsistema, (li jwettqu pereżempju assemblaġġ jew installazzjoni tas-subsistema).
- Dan ma jirreferix għal sub kuntratturi manifatturi li jipprovdu komponenti u kostitwenti tal-interoperabbiltà.
3. Għas-subsistema li hija suġġett tal-proċedura tal-verifika tal-KE, l-entità kontraenti, jew il-kuntratturi ewlenin meta jkunu impjegati, għandhom joperaw sistema tal-maniġment ta' kwalità approvata għall-manifattura u l-ispezzjoni u l-ittestjar tal-prodott finali kif speċifikat fil-punt 5 u li għandha tkun suġġetta għal sorveljanza kif speċifikat fil-punt 6.

Meta l-entità kontraenti nfisha hija responsabbli għall-proġett kollu tas-subsistema (inkluż b'mod partikolari responsabbiltà għall-integrazzjoni tas-subsistema), jew l-entità kontraenti hija direttament involuta fil-produzzjoni (inkluż armar u installazzjoni), din għandha tthaddem sistema tal-maniġment tal-kwalità approvata għal dawn l-attivitàjiet, li għandha tkun suġġetta għas-sorveljanza kif speċifikat fil-punt 6.

Jekk kuntrattur ewlieni jkun responsabbli għall-proġett kollu ta' subsistema (inkluż b'mod partikolari responsabbiltà għall-integrazzjoni tas-subsistema), dan għandu jħaddem fi kwalunkwe każ sistema tal-maniġment tal-kwalità approvata għall-manifattura u l-ispezzjoni u ttestjar tal-prodott finali, li għandu jkun suġġett għal sorveljanza kif speċifikat fil-punt 6.

4. Proċedura ta' verifika tal-KE

- 4.1 L-entità kontraenti għandha tressaq applikazzjoni għall-verifika tas-subsistema tal-KE (permezz ta' sistema tal-maniġment tal-kwalità tal-produzzjoni), inkluża koordinazzjoni tas-sorveljanza tas-sistemi tal-maniġment tal-kwalità, kif skont il-punt 5.3 u 6.5. ma' entità notifikata li tagħżel hi. Il-korp notifikat għandu jinforma lill-manifatturi involuti dwar din l-għażla u dwar l-applikazzjoni.
- 4.2 L-applikazzjoni għandha tippermetti d-disinn, il-manifattura, l-armar, il-manutenzjoni u t-tħaddim tas-subsistema li għandha tkun mifhuma, u għandha tippermetti konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u l-ħtiġijiet tat-TSI li għandhom ikunu evalwati.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- l-isem u l-indirizz tal-entità kontraenti jew tar-rappreżentant awtorizzat tagħha
 - id-dokumentazzjoni teknika tat-tip approvat, inkluż iċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip, kif maħruġ wara t-tweqqi tal-proċedura definita fil-Modulu SB (eżami tat-tip).
- u, jekk ma jkunx inkluż f'din id-dokumentazzjoni,
- deskrizzjoni ġenerali tas-subsistema, id-disinn ġenerali u l-istruttura tagħha,
 - l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inklużi speċifikazzjonijiet Ewropej, li kienu applikati,
 - kwalunkwe evidenza meħtieġa ta' appoġġ għall-użu tal-ispeċifikazzjonijiet ta' hawn fuq, b'mod partikolari fejn dawn l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej, u l-klawżoli rilevanti ma kinux applikati kompletament. Din l-evidenza ta' appoġġ għandha tinkludi r-riżultati tat-testijiet imwettqa mil-laboratorju adatt tal-manifattur jew f'ismu.
 - Ir-reġistru tal-Infrastruttura u/jew il-Vettura Ferrovarja (subsistema), inkluża l-informazzjoni kollha kif speċifikata fit-TSI,
 - id-dokumentazzjoni teknika rigward il-manifattura u l-armar tas-subsistema,
 - evidenza tal-konformità ma' regolamenti oħra li jirriżultaw mit-Trattat (inklużi ċertifikati) għall-fażi tal-produzzjoni,
 - lista tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà li għandhom ikunu inkorporati fis-subsistema,
 - kopji tad-dikjarazzjonijiet ta' konformità tal-KE jew tal-adattabbiltà għall-użu li għandhom ikunu pprovduti l-kostitwenti bihom u l-elementi meħtieġa kollha definiti fl-Anness VI tad-direttivi,
 - lista tal-manifatturi, involuti fid-disinn, il-manifattura, l-armar u l-installazzjoni tas-subsistema,

- id-dimostrazzjoni, li l-istadji kollha, kif imsemmi fil-punt 5.2, huma koperti minn sistemi tal-maniġment tal-kwalità tal-entità kontraenti, jekk involuta, u/jew tal-kuntratturi ewlenin, u l-evidenza tal-effettività tagħhom,
- indikazzjoni tal-korp notifikat, responsabbli għall-approvazzjoni u s-sorveljanza ta' dawn is-sistemi tal-maniġment tal-kwalità.

4.3 Il-korp notifikat għandu l-ewwel jeżamina l-applikazzjoni li tikkonċerna l-validità tal-eżami tat-tip u ċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip.

Jekk il-korp notifikat jikkunsidra li ċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip ma jibqax validu jew mhuwiex adatt u li eżami tat-tip ġdida hija meħtieġa, għandu jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu.

5. Sistema ta' maniġment tal-kwalità

5.1 L-entità kontraenti, jekk involuta, u l-kuntratturi ewlenin, meta impjegati, għandhom jittgħu applikazzjoni għall-evalwazzjoni tas-sistemi tal-maniġment tal-kwalità tagħhom ma' entità notifikata li jagħżlu huma.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- l-informazzjoni rilevanti kollha għas-subsistema prevista,
- id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità,
- id-dokumentazzjoni teknika tat-tip approvat u kopja ta' ċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip, maħruġ wara t-tweqqiġ tal-proċedura tal-eżami tat-tip tal-Modulu SB (eżami tat-tip).

Għal dawk involuti biss f'parti mill-proġett tas-subsistema, l-informazzjoni li għandha tkun provduta hija biss dik għall-parti rilevanti.

5.2 Għall-entità kontraenti jew il-kuntrattur ewlieni responsabbli għall-proġett kollu tas-subsistema, is-sistemi tal-maniġment ta' kwalità għandhom jiżguraw konformità ġenerali tas-subsistema mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u konformità ġenerali tas-subsistema mal-ħtiġijiet tat-TSI. Għal kuntrattur ewlieni ieħor, is-sistema/i tal-maniġment tal-kwalità għandu (għandhom) jiżguraw konformità tal-kontribut rilevanti tagħhom lis-subsistema mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u mal-ħtiġijiet tat-TSI.

L-elementi, il-ħtiġijiet u d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-applikant(i) għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fil-forma ta' politiki bil-miktub, proċeduri u struzzjonijiet. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità għandha tiżgura ftehim komuni tal-politiki u l-proċeduri tal-kwalità bħal programmi, pjanijiet, manwali u reġistri tal-kwalità.

Din għandha tinkludi b'mod partikolari deskrizzjoni adatta tal-punti li ġejjin għall-applikant(i) kollha:

- il-miri ta' kwalità u l-istruttura organizzattiva,
- it-tekniki, proċessi u azzjonijiet sistematiċi korrispondenti tal-manifattura, il-kontroll tal-kwalità u l-maniġment tal-kwalità li għandhom ikunu użati,
- l-eżamijiet, verifiki u testijiet li għandhom jitwettqu qabel, matul u wara l-manifattura, l-armar u l-installazzjoni, u l-frekwenza li għandhom isiru biha,
- ir-reġistri ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni tal-ittestjar, informazzjoni ta' kalibrizzjoni, rapporti ta' kwalifika tal-persunal ikkonċernat, eċċ.,
- kif ukoll għall-entità kontraenti jew il-kuntrattur ewlieni responsabbli għall-proġett kollu tas-subsistema,
- responsabbiltajiet u poteri tal-maniġment fir-rigward tal-kwalità ġenerali tas-subsistema, inkluża b'mod partikolari l-maniġment tal-integrazzjoni tas-subsistema.

L-eżamijiet, testijiet u verifiki għandhom ikopri l-istadji kollha li ġejjin:

- l-istruttura tas-subsistema, inklużi, b'mod partikolari, l-attivitajiet tal-inġinerija ċivili, l-armar tal-kostitwent, l-aġġustament finali,
- l-ittestjar finali tas-subsistema,
- u, fejn speċifikat fit-TSI, il-validazzjoni fil-kundizzjonijiet operattivi totali.

- 5.3 Il-korp notifikat magħżul mill-entità kontraenti għandha teżamina, jekk l-istadji kollha tas-subsistema kif imsemmi fil-punt 5.2 humiex koperti suffiċjentement u korrettament mill-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-sistema/i tal-maniġment tal-kwalità tal-applikant(i) ⁽¹⁾.

Jekk il-konformità tas-subsistema mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u l-konformità tas-subsistema mal-ħtiġijiet tat-TSI tkun ibbażata fuq iktar minn sistema tal-maniġment ta' kwalità waħda, il-korp notifikat għandu jeżamina b'mod partikolari,

- jekk ir-relazzjonijiet u l-interfejsis bejn is-sistemi tal-maniġment tal-kwalità humiex dokumentati b'mod ċar
- u jekk ir-responsabbiltajiet u l-poteri ġenerali tal-maniġment għall-konformità tas-subsistema kollha fl-intier tagħha għall-kuntratturi ewlenin humiex definiti b'mod biżżejjed u sew.

- 5.4 Il-korp notifikat msemmi fil-punt 5.1 għandu jevalwa s-sistema tal-maniġment tal-kwalità biex jiddetermina jekk tis-sodisfax il-ħtiġijiet msemmi fil-punt 5.2. Dan jassumi konformità ma' dawn il-ħtiġijiet jekk il-manifattur jimplementa sistema ta' kwalità għall-produzzjoni, l-ispezzjoni tal-prodott finali u ttestjar fir-rigward tal-Istandard EN/ISO 9001-2000, li jikkunsidra l-ispeċifità tal-kostitwent tal-interoperabbiltà li għalih hija implimentata.

Meta applikant iħaddem sistema ta' maniġment ta' kwalità ċertifikata, il-korp notifikat għandu jikkunsidra dan fl-evalwazzjoni.

Il-verifika għandha tkun speċifika għas-subsistema kkonċernata, b'kunsiderazzjoni tal-kontribut speċifiku tal-applikant lis-subsistema. It-tim ta' verifika għandu jkollu mill-inqas membru wieħed b'esperjenza ta' assessur fit-teknoloġija tas-subsistema kkonċernata.

Il-proċedura tal-evalwazzjoni għandha tinkludi żjara ta' spezzjoni fil-proprjetà tal-applikant.

Id-deċiżjoni għandha tkun notifikata lill-applikant. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-eżami u d-deċiżjoni tal-evalwazzjoni raġunata.

- 5.5 L-entità kontraenti, jekk involuta, u l-kuntratturi ewlenin għandhom jimpenjaw ruħhom li jwettqu l-obbligi li jirriżultaw mis-sistema tal-maniġment tal-kwalità kif approvat u li jżommuhom sabiex dan jibqa' adatt u effiċjenti.

Dawn għandhom iżommu lill-entità notifikata li approvat is-sistema tal-maniġment ta' kwalità, infurmata rigward kwalunkwe tibdil sinifikanti li jaffettwa t-tweġiq tal-ħtiġijiet tat-TSI mis-subsistema.

Il-korp notifikat għandu jevalwa l-modifiki proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema tal-maniġment tal-kwalità emendata tissodisfax il-ħtiġijiet imsemmi fil-punt 5.2 jew jekk tkunx meħtieġa evalwazzjoni mill-ġdid.

Din għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-applikant. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-eżami u d-deċiżjoni tal-evalwazzjoni raġunata.

6. Sorveljanza tas-sistema/i tal-maniġment tal-kwalità fir-responsabbiltà tal-korp notifikat

- 6.1 L-iskop tas-sorveljanza hija li tiżgura li l-entità kontraenti, jekk involuta, u l-kuntratturi ewlenin, jissodisfaw dovutement l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mis-sistema approvata tal-maniġment tal-kwalità.

- 6.2 L-entità kontraenti, jekk involuta, u l-kuntratturi ewlenin għandhom jibagħtu lill-korp notifikat msemmi fil-punt 5.1 (jew bagħtu diġà) id-dokumenti kollha meħtieġa għal dak l-iskop inklużi l-pjanijiet ta' implimentazzjoni u r-reġistri tekniċi li jikkonċernaw is-subsistema (safejn ikun rilevanti għall-kontribuzzjoni speċifika tal-applikanti lis-subsistema), b'mod partikolari:

- id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità, inklużi l-mezzi partikolari implimentati biex jiżguraw li:
 - għall-entità kontraenti jew il-kuntratturi ewlenin, responsabbli għall-proġett kollu tas-subsistema, responsabbiltajiet u poteri ġenerali tal-maniġment għall-konformità tas-subsistema kollha fl-intier tagħha jkunu definiti biżżejjed u sew,
 - għal kull applikant, is-sistema tal-maniġment tal-kwalità hija amministrata korrettament għall-kisba tal-integrazzjoni fuq il-livell tas-subsistema,

⁽¹⁾ Għat-TSI tal-vetturi ferrovjarji, l-entità notifikata tista' tipparteċipa sal-final fit-test tas-servizz tal-lokomotivi jew ferroviji stabbilit fil-kundizzjonijiet speċifikati fil-kapitolu rilevanti tat-TSI.

- ir-reġistri ta' kwalità kif previsti mill-parti tal-manifattura (inklużi l-armar u l-installazzjoni) tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni tal-ittestjar, informazzjoni ta' kalibrazzjoni, rapporti ta' kwalifika tal-persunal ikkonċernat, eċċ.

- 6.3 Il-korp notifikat għandu perjodikament iwettaq verifiki biex jiżgura li l-entità kontraenti, jekk involuta, u l-kuntratturi ewlenin, iżommu u japplikaw is-sistema tal-maniġment tal-kwalità u għandu jipprovi rapport ta' verifika lilhom. Meta dawk iħaddmu sistema ta' maniġment ta' kwalità ċċertifikata, il-korp notifikat għandu jikkunsidra dan fis-sorveljanza.

Il-frekwenza tal-verifiki għandha tkun mill-inqas darba fis-sena, b'mill-inqas verifika waħda matul il-perjodu ta' żmien tat-twettiq ta' attivitajiet rilevanti (manifattura, armar jew installazzjoni) tas-subsistema li hija s-suġġett tal-proċedura tal-verifika tal-KE msemmija fil-punt 8.

- 6.4 Addizzjonalment il-korp notifikat jista' jagħmel żjarat mhux mistennija lis-siti rilevanti tal-applikant(i). Fil-ħin ta' dawn iż-żjarat, il-korp notifikat jista' jwettaq verifiki kompluti jew parzjali u jista' jwettaq jew jara li jkun mwettqa testijiet, sabiex jivverifika l-funzjoni korretta tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità fejn meħtieġ. Għandu jipprovi lill-applikant(i) b'rapport ta' spezzjoni kif ukoll, rapporti ta' verifika u/jew tal-ittestjar, kif xieraq.

- 6.5 Il-korp notifikat magħżul mill-entità kontraenti u responsabbli għall-verifika tal-KE, jekk ma jkunx qed iwettaq sorveljanza tas-sistema/i tal-maniġment ta' kwalità kollha kkonċernati, għandu jikkordina l-attivitajiet tas-sorveljanza ta' kwalunkwe korp notifikat ieħor responsabbli għal dak ir-rwol, sabiex:

- ikun żgurat li l-maniġment korrett tal-interfejs bejn is-sistemi tal-maniġment tal-kwalità differenti relatati mal-integrazzjoni tas-subsistema titwettaq,
- biex jinġabru, flimkien mal-entità kontraenti, l-elementi meħtieġa kollha għall-evalwazzjoni għall-garanzija tal-konsistenza u s-superviżjoni ġenerali tas-sistemi tal-maniġment tal-kwalità differenti.

Din il-koordinazzjoni tinkludi d-drittijiet tal-korp notifikat:

- li jirċievi d-dokumentazzjoni kollha (approvazzjoni u sorveljanza), maħruġa mill-entitajiet notifikati l-oħra,
- li jkun xhieda tal-verifiki tas-sorveljanza fil-punt 6.3,
- li jibda verifiki addizzjonali bħal fil-punt 6.4 fir-responsabbiltà tiegħu u flimkien mal-entitajiet notifikati l-oħra.

7. Il-korp notifikat kif imsemmi fil-punt 5.1. għandu jkollu entratura għal skopijiet ta' spezzjoni, verifika u sorveljanza għal-lokazzjonijiet tas-siti tal-konstruzzjoni, workshops ta' produzzjoni, lokazzjonijiet tal-armar u installazzjonijiet, żoni ta' ħażna u fejn adattat, fabbrikazzjoni minn qabel u faċilitajiet tal-ittestjar u, iktar ġeneralment, għall-bini kollu li jikkunsidra meħtieġ biex iwettaq ir-rwoli tiegħu, skont il-kontribuzzjoni speċifika tal-applikant għall-proġett tas-subsistema.

8. L-entità kontraenti, jekk involuta, u l-kuntratturi ewlenin għandhom, għal perjodu ta' 10 snin wara li l-aħħar subsistema kienet manifatturata, iżommu għad-dispożizzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali:

- id-dokumentazzjoni msemmija fit-tieni inċiż tat-tieni subparagrafu tal-punt 5.1,
- l-aġġornament imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-punt 5.5,
- id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp notifikat, li huma, imsemmija fil-punti 5.4, 5.5 u 6.4.

9. Meta s-subsistema tilħaq il-ħtiġijiet tat-TSI, il-korp notifikat għandu mbagħad, fuq il-bażi tal-eżami tat-tip u l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-sistema/i tal-maniġment tal-kwalità, ifassal iċ-ċertifikat tal-konformità maħsub għall-entità kontraenti, li għandha min-naħa tagħha tfassal dikjarazzjoni ta' verifika tal-KE maħsuba għall-awtorità superviżorja fl-Istat Membru li fih is-subsistema hija allokata u/jew topera.

Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE u d-dokumenti li jakkumpanjawha għandhom ikunu ddatati u ffirmati. Id-dikjarazzjoni għandha tkun miktuba bl-istess lingwa tal-fajl tekniku u għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni inkluża fl-Anness V tad-Direttiva.

10. Il-korp notifikat magħżul mill-entità kontraenti għandu jkun responsabbli għall-formulazzjoni tal-fajl tekniku li għandu jakkumpanja d-dikjarazzjoni tal-verifika tal-KE. Il-fajl tekniku għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni indikata fil-Art. 18(3) tad-Direttiva, u b'mod partikolari kif ġej:
- id-dokumenti kollha meħtieġa relatati mal-karatteristiċi tas-subsistema,
 - lista tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà li għandhom ikunu inkorporati fis-subsistema,
 - kopji tad-dikjarazzjonijiet tal-konformità tal-KE u, fejn adatt, tad-dikjarazzjonijiet tal-adattabbiltà għall-użu tal-KE, li l-kostitwenti msemmija għandhom ikunu pprovduti skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva, akkumpanjati, fejn adatt, mid-dokumenti korrispondenti (ċertifikati, approvazzjonijiet tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità u dokumenti ta' sorveljanza) maħruġa mill-korpi notifikati,
 - l-elementi kollha relatati mal-manutenzjoni, il-kundizzjonijiet u l-limiti għall-użu tas-subsistema,
 - l-elementi kollha relatati mal-istruzzjonijiet li jikkonċernaw l-għoti tas-servizzi, monitoraġġ kostanti jew ta' rutina, aġġustament u manutenzjoni,
 - iċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip għas-subsistema u d-dokumentazzjoni teknika li takkumpanjah kif definit fil-Modulu SB (eżami tat-tip),
 - evidenza tal-konformità ma' regolamenti oħra li jirriżultaw mit-Trattat (inklużi ċertifikati),
 - ċertifikat ta' konformità tal-korp notifikat kif imsemmi fil-punt 9, akkumpanjat min-noti korrispondenti tal-kalkolu u ffirmat minnu, li jiddikjara li l-proġett jikkonforma mad-Direttiva u t-TSI, u li jsemmi, fejn adatt, riservi rreġistrati matul it-tweqqif tal-attivitajiet u mhux irtirat. Iċ-ċertifikat għandu wkoll ikun akkumpanjat mir-rapporti tal-ispezzjoni u l-verifika mfassla b'rabta mal-verifika, kif imsemmi fil-punti 6.3 u 6.4 u b'mod partikolari:
 - *ir-reġistru tal-Infrastruttura u/jew il-Vettura Ferrovarja (subsistema), inkluża l-informazzjoni kollha kif speċifikata fit-TSI.*
11. Kull korp notifikat għandu jikkomunika lill-korpi notifikati l-oħra l-informazzjoni rilevanti rigward l-approvazzjonijiet tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità maħruġa, irtirati jew miċħuda.
- Il-korpi notifikati l-oħra jistgħu jirċievu fuq talba kopji tal-approvazzjonijiet tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità maħruġa.
12. Ir-reġistri li jakkumpanjaw iċ-ċertifikat tal-konformità għandhom jkunu ppreżentati għand l-entità kontraenti.
- L-entità kontraenti fil-Komunità għandha żżomm kopja tal-fajl tekniku matul il-perjodu tas-servizz tas-subsistema; dan għandu jintbagħat lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li jitlob dan.

Modulu SF: Verifika tal-Prodott

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura tal-verifika tal-KE fejn korp notifikat jivverifika u jiċċertifika fuq talba ta' entità kontraenti jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha stabbilit fil-Komunità, li Subsistema tal-Kontroll u Kmand, li għaliha diġà kien maħruġ ċertifikat tal-eżami tat-tip minn korp notifikat,
- jikkonforma ma' din it-TSI u kwalunkwe TSI rilevanti oħra, li turi li l-ħtiġijiet essenzjali ⁽¹⁾ tad-Direttiva 01/16/KE ⁽²⁾ kienu milluqa
 - jikkonforma mar-regolamenti l-oħra li jirriżultaw mit-Trattat

u jistgħu jitqegħdu fis-servizz

⁽¹⁾ Il-ħtiġijiet essenzjali huma riflessi fil-parametri tekniċi, l-interfejs u l-ħtiġijiet tal-prestazzjoni stabbiliti fil-Kapitolu 4 tat-TSI.

⁽²⁾ Dan il-modulu jista' jintuża fil-futur meta t-TSIs tad-Direttiva HS 96/48/KE jiġu aġġornati.

2. L-entità kontraenti ⁽¹⁾ għandha titfa' applikazzjoni għall-verifika tal-KE (permezz ta' eżami tat-tip) tas-subsistema ma' entità notifikata li tagħżel hi.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- L-isem u l-indirizz tal-entità kontraenti jew tar-rappreżentant awtorizzat tagħha
- id-dokumentazzjoni teknika.

3. F'dik il-parti tal-proċedura l-entità kontraenti tivverifika u tikkonferma li s-subsistema kkonċernata hija konformi mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u tissodisfa l-ħtiġijiet tat-TSI li japplikaw għaliha. Il-korp notifikat għandu jwettaq il-proċedura bil-kundizzjoni li ċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip maħruġ qabel l-evalwazzjoni jibqa' validu għas-subsistema suġġett għall-applikazzjoni

4. L-entità kontraenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex il-proċess ta' manifattura (inklużi l-armar u l-integrazzjoni tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà mill-kuntratturi ewlenin ⁽²⁾ meta impjegati) jiżgura konformità tas-subsistema mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u mal-ħtiġijiet tat-TSI li japplikaw għalih.

5. L-applikazzjoni għandha tippermetti d-disinn, il-manifattura, l-armar, il-manutenzjoni u t-tħaddim tas-subsistema li għandha tkun mifhuma, u għandha tippermetti konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u l-ħtiġijiet tat-TSI li għandhom ikunu evalwati

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- id-dokumentazzjoni teknika tat-tip approvat, inkluż ċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip, kif maħruġ wara t-twettiq tal-proċedura definita fil-Modulu SB (eżami tat-tip).

u, jekk ma jkunx inkluż f'din id-dokumentazzjoni,

- deskrizzjoni ġenerali tas-subsistema, id-disinn ġenerali u l-istruttura,
- ir-reġistru tal-Infrastruttura u/jew il-Vettura Ferrovarja (subsistema), inkluża l-informazzjoni kollha kif speċifikata fit-TSI,
- informazzjoni tad-disinn konċettwali u tal-manifattura, pereżempju disinni, skemi tal-komponenti, sub-assemblaġġ, armar, ċirkwiti, eċċ.,
- id-dokumentazzjoni teknika rigward il-manifattura u l-armar tas-subsistema,
- l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluża speċifikazzjoni Ewropea, li kienu applikati,
- kwalunkwe evidenza meħtieġa ta' appoġġ għall-użu tal-ispeċifikazzjonijiet ta' hawn fuq, b'mod partikolari fejn dawn l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej u l-klawżoli rilevanti ma kinux applikati kompletament,
- evidenza tal-konformità ma' regolamenti oħra li jirriżultaw mit-Trattat (inklużi ċertifikati) għall-fażi tal-produzzjoni
- lista tal-Kostitwenti tal-Interoperabbiltà, li għandhom ikunu inkorporati fis-subsistema,
- kopji tad-dikjarazzjonijiet ta' konformità tal-KE jew tal-adattabbiltà għall-użu li l-kostitwenti msemmija għandhom ikunu pprovduti bihom u l-elementi meħtieġa kollha definiti fl-Anness VI tad-direttivi,
- lista tal-manifatturi involuti fid-disinn, il-manifattura, l-armar u l-installazzjoni tas-subsistema,

Jekk it-TSI teħtieġ informazzjoni ulterjuri għad-dokumentazzjoni teknika, dan għandu jkun inkluż.

6. Il-korp notifikat għandu l-ewwel jeżamina l-applikazzjoni li tikkonċerna l-validità tal-eżami tat-tip u ċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip.

⁽¹⁾ Fil-modulu, "l-entità kontraenti" tfisser "l-entità kontraenti tas-sistema, kif definita fid-direttiva, jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha stabbilit fil-Komunità".

⁽²⁾ Il-"kuntratturi ewlenin" tirreferi għal kumpaniji, li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet essenzjali tat-TSI. Din tikkonċerna l-kumpanija li tista' tkun responsabbli għall-proġett kollu tas-subsistema jew kumpaniji oħra involuti biss f'parti mill-proġett tas-subsistema, (li jwettaq pereżempju montatura jew installazzjoni tas-subsistema).

Jekk il-korp notifikat jikkunsidra li ċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip ma jibqax validu jew mhuwiex adatt u li eżami tat-tip ġdida hija meħtieġa, għandu jiġġustifika d-deċiżjoni tagħha.

Il-korp notifikat għandu jwettagħ l-eżamijiet u t-testijiet adatti sabiex jivverifika l-konformità tal-kostitwent tal-interoperabbiltà mat-tip, kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u l-ħtiġijiet tat-TSI. Il-korp notifikat għandu jeżamina u jittestja kull subsistema manifatturata bħala prodott ta' serje, kif speċifikat fil-punt 4.

7. Verifika permezz tal-eżami u ttestjar ta' kull subsistema (bħala prodott ta' serje)
 - 7.1 Il-korp notifikat għandu jwettagħ it-testijiet, l-eżamijiet u l-verifiki, biex jiżgura konformità tas-subsistemi, bħala prodotti serji kif provdut fit-TSI. L-eżamijiet, it-testijiet u l-verifiki għandhom ikunu estiżi għall-istadji kif pprovdut fit-TSI.
 - 7.2 Kull subsistema (bħala prodott ta' serje) għandha tkun eżaminata individwalment, ttestjata u verifikata ⁽¹⁾ sabiex tkun verifikata l-konformità tagħha mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip u l-ħtiġijiet tat-TSI li japplikaw għalih. Meta test ma jkunx stabbilit fit-TSI, (jew fi Standard Ewropew imsemmi fit-TSI), l-Ispesifikazzjonijiet Ewropej rilevanti jew testijiet ekwivalenti għandhom ikunu użati.
8. Il-korp notifikat jista' jaqbel mal-entità kontraenti (u l-kuntratturi prinċipali) dwar il-lokazzjonijiet fejn it-testijiet għandhom jitwettqu u jista' jaqbel li l-ittestjar finali tas-subsistema u, kulfejn meħtieġa fit-TSI, testijiet jew validazzjoni f'kundizzjonijiet operattivi totali, jitwettqu mill-entità kontraenti taħt superviżjoni diretta u attendenza tal-korp notifikat.

Il-korp notifikat għandu jkollu entratura għal skopijiet tal-ittestjar u l-verifika għal workshops ta' produzzjoni, lokazzjonijiet ta' armar u installazzjonijiet, u fejn adatt, fabbrikazzjoni minn qabel u faċilitajiet tal-ittestjar sabiex jitwettqu x-xogħlijiet kif stabbilit fit-TSI.

9. Meta s-subsistema tilħaq il-ħtiġijiet tat-TSI, il-korp notifikat għandu, ifassal iċ-ċertifikat tal-konformità maħsub għall-entità kontraenti, li għandha min-naħa tagħha tfassal dikjarazzjoni ta' verifika tal-KE maħsuba għall-awtorità superviżorja fl-Istat Membru li fih is-subsistema hija allokata u/jew topera.

Dawn l-attivitajiet NB għandhom ikunu bbażati fuq l-eżami tat-tip u t-testijiet u l-verifiki mwettqa fuq il-prodotti kollha ta' serje kif indikat fil-punt 7 u meħtieġ fit-TSI u/jew fl-ispeċifikazzjoni rilevanti Ewropea,

Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE u d-dokumenti li jakkumpanjawha għandhom ikunu ddatati u ffirmati. Id-dikjarazzjoni għandha tkun miktuba bl-istess lingwa tal-fajl tekniku u għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni inkluża fl-Anness V tad-Direttiva.

10. Il-korp notifikat għandu jkun responsabbli għall-formulazzjoni tal-fajl tekniku li għandu jakkumpanja d-dikjarazzjoni tal-verifika tal-KE. Il-fajl tekniku għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni indikata fl-Art. 18(3) tad-Direttivi, u b'mod partikolari kif ġej:

- id-dokumenti kollha meħtieġa relatati mal-karatteristiċi tas-subsistema
- ir-reġistru tal-Infrastruttura u/jew il-Vettura Ferrovjarja (subsistema), inkluża l-informazzjoni kollha kif speċifikata fit-TSI,
- il-lista tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà inkorporati fis-subsistema,
- kopji tad-dikjarazzjonijiet tal-konformità tal-KE u, fejn adatt, tad-dikjarazzjonijiet tal-adattabbiltà għall-użu tal-KE, li l-kostitwenti msemmija għandhom ikunu pprovduti skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva, akkumpanjati, fejn adatt, mid-dokumenti korrispondenti (ċertifikati, approvazzjonijiet tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità u dokumenti ta' sorveljanza) maħruġa mill-entitajiet notifikati,
- l-elementi kollha relatati mal-manutenzjoni, il-kundizzjonijiet u l-limiti għall-użu tas-subsistema,
- l-elementi kollha relatati mal-istruzzjonijiet li jikkonċernaw l-għoti tas-servizzi, monitoraġġ kostanti jew ta' rutina, aġġustament u manutenzjoni,
- iċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip għas-subsistema u d-dokumentazzjoni teknika li takkumpanjah, kif definit fil-Modulu SB (eżami tat-tip),

⁽¹⁾ B'mod partikolari, għall-vetturi ferrovjarji tat-TSI, il-korp notifikat għandu jipparteċipa fil-final fl-ittestjar tas-servizz tal-vetturi ferrovjarji jew is-sett tal-ferrovija. Dan għandu jkun indikat fil-kapitolu rilevanti tat-TSI.

- ċertifikat ta' konformità tal-korp notifikat kif imsemmi fil-punt 9, akkumpanjat min-noti korrispondenti tal-kalkolu u ffirmat minnu, li jiddikjara li l-proġett jikkonforma mad-Direttiva u t-TSI, u li jsemmi, fejn adatt, riservi rreġistrati matul it-tweġġ tal-attivitajiet u mhux irtirat. L-ċertifikat għandu wkoll ikun akkumpanjat, jekk rilevanti, mir-rapporti tal-ispezzjoni u l-verifika mfassla b'rabta mal-verifika.

11. Ir-reġistri li jakkumpanjaw iċ-ċertifikat tal-konformità għandhom jkunu ppreżentati għand l-entità kontraenti.

L-entità kontraenti fil-Komunità għandha żżomm kopja tal-fajl tekniku matul il-perjodu tas-servizz tas-subsistema; dan għandu jintbagħat lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li jitlob dan.

Modulu SH2: Sistema tal-Maniġment tal-Kwalità Totali b'Eżami tad-Disinn

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura tal-verifika tal-KE fejn korp notifikat jivverifika u jiċċertifika, fuq talba ta' entità kontraenti jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha stabbilit fil-Komunità, li Subsistema tal-Kontroll u Kmand

- tikkonforma ma' din it-TSI u kwalunkwe TSI rilevanti oħra, li juru li l-ħtiġijiet essenzjali ⁽¹⁾ tad-Direttiva 01/16/KE ⁽²⁾ intlaħqu

- jikkonforma mar-regolamenti l-oħra li jirriżultaw mit-Trattat.

u jistgħu jitqegħdu fis-servizz.

2. Il-korp notifikat għandu jwettaq il-proċedura, inkluż eżami tad-disinn tas-subsistema, bil-kundizzjoni, li l-entità kontraenti ⁽³⁾ u l-kuntratturi ewlenin involuti qed jissodisfaw l-obbligazzjonijiet tal-punt 3

Il-"kuntratturi ewlenin" tirreferi għal kumpaniji, li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet essenzjali tat-TSI. Dan jikkonċerna l-kumpanija:

- responsabbli għall-proġett tas-subsistema kollu (inkluż b'mod partikolari responsabbiltà għall-integrazzjoni tas-subsistema),
- kumpaniji oħra involuti biss f'parti mill-proġett tas-subsistema (li jwettqu pereżempju disinn, armar jew installazzjoni tas-subsistema).

Dan ma jirreferix għal subkuntratturi manifatturi li jipprovdu komponenti u kostitwenti tal-interoperabbiltà.

3. Għas-subsistema li hija suġġetta għall-proċedura tal-verifika tal-KE, l-entità kontraenti jew il-kuntratturi ewlenin, meta jkunu impegati, għandhom joperaw sistema tal-maniġment ta' kwalità approvata għad-disinn, il-manifattura u l-ispezzjoni u l-ittestjar tal-prodott finali kif speċifikat fil-punt 5 u li għandha tkun suġġetta għas-sorveljanza kif speċifikat fil-punt 6.

Il-kuntrattur ewleni jkun responsabbli għall-proġett kollu ta' subsistema (inkluża b'mod partikolari r-responsabbiltà għall-integrazzjoni tas-subsistema), għandu jħaddem fi kwalunkwe każ sistema tal-maniġment tal-kwalità approvata għad-disinn, il-manifattura u l-ispezzjoni u ttestjar tal-prodott finali, li għandu jkun suġġett għal sorveljanza kif speċifikat fil-punt 6.

F'każ li l-entità kontraenti nfisha hija responsabbli għall-proġett kollu tas-subsistema (inkluża b'mod partikolari r-responsabbiltà għall-integrazzjoni tas-subsistema) jew l-entità kontraenti hija direttament involuta fid-disinn u/jew il-produzzjoni (inklużi armar u installazzjoni), din għandha tħaddem sistema tal-maniġment tal-kwalità approvata għad dawn l-attivitajiet, li għandha tkun suġġetta għas-sorveljanza kif speċifikat fil-punt 6.

Applikanti li huma involuti biss fl-armar u l-installazzjoni, jistgħu jħaddmu biss sistema ta' maniġment tal-kwalità approvata għall-manifattura u spezzjoni u ttestjar tal-prodott finali.

4. Proċedura ta' verifika tal-KE

4.1 L-entità kontraenti għandha titfa' applikazzjoni għall-verifika tas-subsistema tal-KE (permezz ta' sistema tal-maniġment tal-kwalità b'eżami tad-disinn), inkluża koordinazzjoni tas-sorveljanza tas-sistemi tal-maniġment tal-kwalità, skont il-punt 5.4 u 6.6, ma' korp notifikat li tagħżel hi. L-entità kontraenti għandha tinforma lill-manifatturi involuti dwar din l-għażla u dwar l-applikazzjoni.

⁽¹⁾ Il-ħtiġijiet essenzjali huma murija fil-parametri tekniċi, l-interfejsis u l-ħtiġijiet tal-prestazzjoni, li huma stabbiliti fil-Kapitolu 4 tat-TSI.

⁽²⁾ Dan il-modulu jista' jintuża fil-futur meta l-TSIs tad-Direttiva HS 96/48/KE jiġu aġġornati.

⁽³⁾ Fil-modulu, "l-entità kontraenti" tfisser "l-entità kontraenti tas-sistema, kif definita fid-direttiva, jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha stabbilit fil-Komunità".

- 4.2 L-applikazzjoni għandha tippermetti d-disinn, il-manifattura, l-armar, il-manutenzjoni u t-tħaddim tas-subsistema li għandha tkun mifhuma, u għandha tippermetti l-konformità li l-ħtiġijiet tat-TSI li għandhom ikunu evalwati.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- l-isem u l-indirizz tal-entità kontraenti jew tar-rappreżentant awtorizzat tagħha,
- id-dokumentazzjoni teknika inklużi:
 - deskrizzjoni ġenerali tas-subsistema, id-disinn ġenerali u l-istruttura,
 - l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-disinn, inklużi speċifikazzjonijiet Ewropej, li kienu applikati,
 - kwalunkwe evidenza meħtieġa ta' appoġġ għall-użu tal-ispeċifikazzjonijiet ta' hawn fuq, b'mod partikolari fejn l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej u l-klawżoli rilevanti ma kinux applikati totalment.
- il-programm tal-ittestjar
- ir-reġistru tal-Infrastruttura u/jew il-Vettura Ferrovarja (subsistema), inkluża l-informazzjoni kollha kif speċifikata fit-TSI,
- id-dokumentazzjoni teknika rigward il-manifattura, l-armar tas-subsistema,
- lista tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà li għandhom ikunu inkorporati fis-subsistema,
- kopji tad-dikjarazzjonijiet ta' konformità tal-KE jew tal-adattabbiltà għall-użu li bihom il-kostitwenti għandhom ikunu pprovduti u l-elementi meħtieġa kollha definiti fl-Anness VI tad-direttivi,
- evidenza tal-konformità ma' regolamenti oħra li jirriżultaw mit-Trattat (inklużi ċertifikati)
- lista tal-manifatturi kollha, involuti fid-disinn, il-manifattura, l-armar u l-installazzjoni tas-subsistema,
- kundizzjonijiet għall-użu tas-subsistema (restrizzjonijiet ta' running time jew distanza, limiti tal-użu eċċ),
- kundizzjonijiet għall-manutenzjoni u dokumentazzjoni teknika rigward il-manutenzjoni tas-subsistema
- kwalunkwe ħtieġa teknika li għandha tkun ikkunsidrata matul il-produzzjoni, manutenzjoni jew tħaddim tas-subsistema
- l-ispejgazzjoni, ta' kif l-istadji kollha, kif imsemmi fil-punt 5.2, huma koperti minn sistemi tal-maniġment tal-kwalità tal-kuntrattur(i) ewlenin u/jew tal-entità kontraenti, jekk involuta, u l-evidenza tal-effettività tagħhom,
- indikazzjoni tal-entità (jiet) notifikata/i responsabbli għall-approvazzjoni u s-sorveljanza ta' dawn is-sistemi tal-maniġment tal-kwalità.

- 4.3 L-entità kontraenti għandha tippreżenta r-riżultati tal-eżamijiet, verifiki u testijiet ⁽¹⁾, inklużi t-testijiet tat-tip meta meħtieġa, imwettaq mil-laboratorju adatt tagħha jew fisimha.

- 4.4 Il-korp notifikat għandu jeżamina l-applikazzjoni li tikkonċerna l-eżami u jevalwa r-riżultati tat-testijiet. Meta d-disinn jilħaq id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u tat-TSI li japplikaw għalih din għandha toħroġ ċertifikat tal-eżami tad-disinn lill-applikant. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-konklużjonijiet tal-eżami tad-disinn, il-kundizzjonijiet għall-validità tiegħu, l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tad-disinn eżaminat u, jekk ikun rilevanti, deskrizzjoni tal-funzjoni tas-subsistema.

Jekk l-entità kontraenti tkun miċħuda rapport tal-eżami tad-disinn, il-korp notifikat għandu jipprovi raġunijiet dettaljati għal dan ir-rifjut.

Għandha ssir provvista għal proċedura tal-appelli.

⁽¹⁾ Il-preżentazzjoni tar-riżultati tat-testijiet tista' ssir fl-istess ħin tal-applikazzjoni jew wara.

5. Sistema ta' maniġment tal-kwalità

- 5.1 L-entità kontraenti, jekk involuta, u l-kuntratturi ewlenin, meta impjegati, għandhom jifgħu applikazzjoni għall-evalwazzjoni tas-sistemi tal-maniġment tal-kwalità tagħhom ma' korp notifikat li jagħżlu huma.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- l-informazzjoni rilevanti kollha għas-subsistema prevista,
- id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità.

Għal dawk involuti biss f'parti mill-proġett tas-subsistema, l-informazzjoni li għandha tkun provduta hija biss dik għall-parti rilevanti.

- 5.2 Għall-entità kontraenti jew il-kuntrattur ewleni responsabbli għall-proġett kollu tas-subsistema, is-sistema tal-maniġment ta' kwalità għandha tiżgura konformità ġenerali tas-subsistema mal-ħtiġijiet tat-TSI.

Is-sistema/i tal-maniġment tal-kwalità, għal kuntrattur(i) ewleni ieħor, għandu (għandhom) jiżguraw konformità tal-kontribuzzjoni rilevanti tagħhom lis-subsistema, mal-ħtiġijiet tat-TSI.

L-elementi, il-ħtiġijiet u d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-applikanti għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fil-forma ta' politiki bil-miktub, proċeduri u struzzjonijiet. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità għandha tiżgura ftehim komuni tal-politiki u l-proċeduri tal-kwalità bħal programmi, pjanijiet, manwali u reġistri tal-kwalità.

Is-sistema għandha tinkludi b'mod partikolari deskrizzjoni adatta tal-punti li ġejjin:

- għall-applikanti kollha:
 - il-miri ta' kwalità u l-istruttura organizzattiva,
 - it-tekniki, proċessi u azzjonijiet sistematiki korrispondenti tal-manifattura, il-kontroll tal-kwalità u l-maniġment tal-kwalità li għandhom ikunu użati,
 - l-eżamijiet, verifiki u testijiet li għandhom jitwettqu qabel, matul u wara d-disinn, il-manifattura, l-armar u l-installazzjoni u l-frekwenza li għandhom isiru biha,
 - ir-reġistri ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni tal-ittestjar, informazzjoni ta' kalibrizzjoni, rapporti ta' kwalifika tal-persunal ikkonċernat, eċċ.,
- għall-kuntratturi ewlenin, safejn ikun rilevanti għall-kontribuzzjoni tagħhom lejn id-disinn tas-subsistema:
 - l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-disinn, inklużi speċifikazzjonijiet Ewropej ⁽¹⁾, li għandhom ikunu applikati, u, meta l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej ma jkunux applikati kompletament, il-mezzi li għandhom jintużaw biex jiżguraw li l-ħtiġijiet tat-TSI li japplikaw għandhom jintlaħqu,
 - it-tekniki, il-proċeduri u l-azzjonijiet sistematiki tal-kontroll tad-disinn u tal-verifika tad-disinn li għandhom jintużaw fid-disinn tas-subsistema,
 - il-mezz ta' monitoraġġ tal-kisba tad-disinn meħtieġ u l-kwalità tas-subsistema u t-tħaddim effettiv tas-sistemi tal-maniġment tal-kwalità fil-fażijiet kollha inkluża l-produzzjoni.
 - u wkoll għall-entità kontraenti jew il-kuntrattur ewleni responsabbli għall-proġett kollu tas-subsistema:
 - responsabbiltajiet u poteri tal-maniġment fir-rigward tal-kwalità ġenerali tas-subsistema, inkluż b'mod partikolari l-maniġment tal-integrazzjoni tas-subsistema.

L-eżamijiet, testijiet u verifiki għandhom ikopru l-istadi kollha li ġejjin:

- disinn ġenerali,
- l-istruttura tas-subsistema, inklużi, b'mod partikolari, l-attivitajiet tal-inġinerija ċivili, l-armar tal-kostitwent, l-aġġustament finali,

⁽¹⁾ Id-definizzjoni tal-ispeċifikazzjoni Ewropea hija indikata fid-Direttivi 96/48/KE u 01/16/KE u fil-linji gwida tal-applikazzjoni ta' HS TSIs.

- l-ittestjar finali tas-subsistema,
 - u, fejn speċifikat fit-TSI, il-validazzjoni fil-kundizzjonijiet operattivi totali.
- 5.3 Il-korp notifikat magħżul mill-entità kontraenti għandu jeżamina, jekk l-istadji kollha tas-subsistema kif imsemmi fil-punt 5.2 humiex koperti biżżejjed u sew mill-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-sistema/i tal-maniġment tal-kwalità tal-applikant(i) ⁽¹⁾.
- Jekk il-konformità tas-subsistema mal-ħtiġijiet tat-TSI hija bbażata fuq iktar minn sistema waħda tal-maniġment tal-kwalità, il-korp notifikat għandu jeżamina b'mod partikolari,
- jekk ir-relazzjonijiet u l-interfejs bejn is-sistemi tal-maniġment tal-kwalità humiex dokumentati b'mod ċar
- u jekk ir-responsabbiltajiet u l-poteri ġenerali tal-maniġment għall-konformità tas-subsistema kollha fl-intier tagħha għall-kuntrattur ewlieni humiex definiti biżżejjed u sew.
- 5.4 Il-korp notifikat msemmi fil-punt 5.1. għandu jevalwa s-sistema tal-maniġment tal-kwalità biex jiddetermina jekk tis-sodisfax il-ħtiġijiet imsemmija fil-punt 5.2. Dan jassumi konformità ma' dawn il-ħtiġijiet jekk il-manifattur jimplimenta sistema ta' kwalità għad-disinn, il-produzzjoni, l-ispezzjoni tal-prodott finali u l-ittestjar fir-rigward tal-Istandard armonizzat EN/ISO 9001-2000, li jikkunsidra l-ispeċifità tal-kostitwent tal-interoperabbiltà li għalih hija implimentata.
- Meta applikant iħaddem sistema ta' maniġment ta' kwalità ċertifikata, il-korp notifikat għandu jikkunsidra dan fl-evalwazzjoni.
- Il-verifika għandha tkun speċifika għas-subsistema kkonċernata, b'kunsiderazzjoni tal-kontribut speċifiku tal-applikant lis-subsistema. It-tim ta' verifika għandu jkollu mill-inqas membru wieħed b'esperjenza ta' assessur fit-teknoloġija tas-subsistema ikkonċernata.
- Il-proċedura tal-evalwazzjoni għandha tinkludi żjara ta' spezzjoni fil-bini tal-applikant.
- Id-deċiżjoni għandha tkun notifikata lill-applikant. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-eżami u d-deċiżjoni tal-evalwazzjoni raġunata.
- 5.5 L-entità kontraenti, jekk involuta, u l-kuntratturi ewlenin għandhom jimpenjaw ruħhom li jwettqu l-obbligi li jirriżultaw mis-sistema tal-maniġment tal-kwalità kif approvat u li jżommuhom sabiex dan jibqa' adatt u effiċjenti.
- Dawn għandhom iżommu lill-korp notifikat li approva s-sistema tal-maniġment ta' kwalità, infurmat rigward kwalunkwe tibdil sinifikanti li jaffettwa t-tweġġ tal-ħtiġijiet mis-subsistema.
- Il-korp notifikat għandu jevalwa kwalunkwe modifika proposta u jiddeċiedi jekk is-sistema tal-maniġment tal-kwalità emendata tissodisfax il-ħtiġijiet tal-punt 5.2 jew jekk tkunx meħtieġa evalwazzjoni mill-ġdid.
- Dan għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-applikant. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-eżami u d-deċiżjoni tal-evalwazzjoni raġunata.
6. Sorveljanza tas-sistema/i tal-maniġment tal-kwalità fir-responsabbiltà tal-korp notifikat
- 6.1 L-iskop tas-sorveljanza hija li tiżgura li l-entità kontraenti, jekk involuta, u l-kuntratturi ewlenin jissodisfaw dovutement l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mis-sistema/i approvata tal-maniġment tal-kwalità.
- 6.2 L-entità kontraenti, jekk involuta, u l-kuntratturi ewlenin għandhom jibagħtu lill-korp notifikat msemmi fil-punt 5.1 (jew bagħtu diġà) id-dokumenti kollha meħtieġa għal dak l-iskop u b'mod parikolari l-pjanijiet ta' implimentazzjoni u r-reġistri tekniċi li jikkonċernaw is-subsistema (safejn ikun rilevanti għall-kontribuzzjoni speċifika tal-applikant lis-subsistema), inkluż:
- id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità, inklużi l-mezzi partikolari implimentati biex jiżguraw li
 - għall-entità kontraenti jew il-kuntrattur ewlieni, responsabbli għall-proġett kollu tas-subsistema, responsabbiltajiet u poteri ġenerali tal-maniġment għall-konformità tas-subsistema kollha fl-intier tagħha jkunu definiti biżżejjed u sew,

⁽¹⁾ Għat-TSIs tal-vetturi ferrovarji, il-korp notifikat jista' jipparteċipa sal-final fit-test tas-servizz tal-vetturi ferrovarji jew sett tal-ferroviji bil-kundizzjonijiet speċifikati fil-kapitolu rilevanti tat-TSIs.

- għal kull applikant, is-sistema tal-maniġment tal-kwalità hija amministrata korrettement għall-kisba tal-integrazzjoni fuq il-livell tas-subsistema,
 - ir-reġistri tal-kwalità kif previsti mill-parti tad-disinn tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità, bħal riżultati tal-analiżi, kalkoli, testijiet, eċċ.,
 - ir-reġistri ta' kwalità kif previsti mill-parti tal-manifattura (inkluż l-armar, l-installazzjoni u l-integrazzjoni) tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u dejta tal-ittestjar, dejta ta' kalibrazzjoni, rapporti ta' kwalifika tal-persunal ikkonċernat, eċċ.
- 6.3 Il-korp notifikat għandu perjodikament iwettaq verifiki biex jiżgura li l-entità kontraenti, jekk involuta, u l-kuntratturi ewlenin iżommu u japplikaw is-sistema tal-maniġment tal-kwalità u għandu jipprovdi rapport ta' verifika lilhom. Meta dawn iħaddmu sistema ta' maniġment ta' kwalità ċċertifikata, Il-korp notifikat għandu tikkunsidra dan fis-sorveljanza
- Il-frekwenza tal-verifiki għandha tkun mill-inqas darba fis-sena, b'mill inqas verifika waħda matul il-perjodu ta' żmien tat-tewtiq ta' attivitajiet rilevanti (disinn, manifattura, armar jew installazzjoni) għas-subsistema li hija s-suġġett tal-proċedura tal-verifika tal-KE msemmija fil-punt 7.
- 6.4 Addizzjonalment il-korp notifikat jista' jwettaq żjarat mhux mistennija lis-siti msemmija fil-punt 5.2 tal-applikant(i). Fil-ħin ta' dawn iż-żjarat, il-korp notifikat jista' jwettaq verifiki kompluti jew parzjali u jista' jwettaq jew jara li jkun mwettqa testijiet sabiex jivverifika l-funzjonament korretta tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità fejn meħtieġ. Dan għandu tipprovdi lill-applikant(i) b'rapport ta' spezzjoni u, rapporti ta' verifika u/jew tal-ittestjar, kif xieraq
- 6.5 Il-korp notifikat magħżul mill-entità kontraenti u responsabbli għall-verifika tal-KE, jekk ma jkunx qed iwettaq sorveljanza tas-sistema/i tal-maniġment ta' kwalità kollha kkonċernati skont il-punt 5, għandu jikkordina l-attivitajiet tas-sorveljanza ta' kwalunkwe korp notifikat ieħor responsabbli għal dak ir-rwol, sabiex:
- ikun żgurat li l-maniġment korrett tal-interfejs bejn is-sistemi tal-maniġment tal-kwalità differenti relatati mal-integrazzjoni tas-subsistema titwettaq.
 - biex jiġi abru, flimkien mal-entità kontraenti, l-elementi meħtieġa kollha għall-evalwazzjoni għall-garanzija tal-konsistenza u s-supervizzjoni ġenerali tas-sistemi tal-maniġment tal-kwalità differenti.
- Din il-koordinazzjoni tinkludi d-dritt tal-korp notifikat
- li jirċievi d-dokumentazzjoni kollha (approvazzjoni u sorveljanza), maħruġa mill-korp(i) notifikati l-oħra,
 - li jkun xhieda tal-verifiki tas-sorveljanza bħal fil-punt 5.4,
 - li jibda verifiki addizzjonali bħal fil-punt 5.5 fir-responsabbiltà tiegħu u flimkien mal-entità (jiet) notifikati l-oħra.
7. Il-korp notifikat kif imsemmi fil-punt 5.1 għandu jkollu entratura għal skopijiet ta' spezzjoni, verifika u sorveljanza għal-lokazzjonijiet tad-disinn, is-siti tal-konstruzzjoni, workshops ta' produzzjoni, lokazzjonijiet tal-armar u installazzjonijiet, żoni ta' ħażna u, fejn adattat, fabbrikazzjoni minn qabel u faċilitajiet tal-ittestjar u, iktar ġeneralment, għall-bini kollu li jikkunsidra meħtieġ biex iwettaq ir-rwol tiegħu, skont il-kontribuzzjoni speċifika tal-applikant għall-proġett tas-subsistema.
8. L-entità kontraenti, jekk involuta, u l-kuntratturi ewlenin għandhom, għal perjodu ta' 10 snin wara li l-aħħar subsistema kienet manifatturata, iżomm għad-dispożizzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali:
- id-dokumentazzjoni msemmija fit-tieni iċċiż tat-tieni subparagrafu tal-punt 5.1,
 - l-aġġornament imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-punt 5.5,
 - id-deċizzjonijiet u r-rapporti mill-korp notifikat li msemmi fil-punti 5.4, 5.5 u 6.4
9. Meta s-subsistema tilħaq il-ħtiġijiet tat-TSI, il-korp notifikat għandu mbaġħad, fuq il-bażi tal-eżami tad-disinn u l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-sistema/i tal-maniġment tal-kwalità, ifassal iċċ-ċertifikat tal-konformità maħsub għall-entità kontraenti, li għandha min-naħa tagħha tfassal dikjarazzjoni ta' verifika tal-KE maħsuba għall-awtorità superviżorja fl-Istat Membru li fih is-subsistema hija allokata u/jew topera.

Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE u d-dokumenti li jakkumpanjawha għandhom ikunu ddatati u ffirmati. Id-dikjarazzjoni għandha tkun miktuba bl-istess lingwa tal-fajl tekniku u għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni inkluża fl-Anness V tad-Direttiva.

10. Il-korp notifikat magħżul mill-entità kontraenti għandu jkun responsabbli għall-formulazzjoni tal-fajl tekniku li għandu jakkumpanja d-dikjarazzjoni tal-verifika tal-KE. Il-fajl tekniku għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni indikata fl-Artikolu 18(3) tad-Direttiva, u b'mod partikolari kif ġej:

- id-dokumenti kollha meħtieġa relatati mal-karatteristiċi tas-subsistema
- il-lista tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà inkorporati fis-subsistema,
- kopji tad-dikjarazzjonijiet tal-konformità tal-KE u, fejn adatt, tad-dikjarazzjonijiet tal-adattabbiltà għall-użu tal-KE, li l-kostitwenti għandhom ikunu pprovduti skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva, akkumpanjati, fejn adatt, mid-dokumenti korrispondenti (ċertifikati, approvazzjonijiet tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità u dokumenti ta' sorveljanza) maħruġa minn dawh notifikati,
- evidenza tal-konformità ma' regolamenti oħra li jirriżultaw mit-Trattat (inklużi ċertifikati)
- l-elementi kollha relatati mal-manutenzjoni, il-kundizzjonijiet u l-limiti għall-użu tas-subsistema,
- l-elementi kollha relatati mal-istruzzjonijiet li jikkonċernaw l-għoti tas-servizzi, monitoraġġ kostanti jew ta' rutina, aġġustament u manutenzjoni
- ċertifikat ta' konformità tal-korp notifikat kif imsemmi fil-punt 9, akkumpanjat min-noti korrispondenti tal-kalkolu u ffirmat minnu, li jiddikjara li l-proġett jikkonforma mad-Direttiva u t-TSI, u li jsemmi, fejn adatt, riservi rreġistrati matul it-tweqqif tal-attivitàjiet u mhux irtirat. Iċ-ċertifikat għandu wkoll ikun akkumpanjat, jekk rilevanti, mir-rapporti tal-ispezzjoni u l-verifika mfassla b'rabta mal-verifika, kif imsemmi fil-punti 6.4 u 6.5;
- ir-reġistru tal-Infrastruttura u/jew il-Vettura Ferrovarja (subsistema), inkluż l-informazzjoni kollha kif speċifikata fit-TSI.

11. Kull korp notifikat għandu jikkomunika lill-entitajiet l-oħra notifikati l-informazzjoni rilevanti li tikkonċerna l-approvazzjonijiet tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità u r-rapporti tal-eżami tad-disinn tal-KE, li ħareġ, irtira jew ċaħad.

Il-korpi notifikati l-oħra jistgħu jirċievu b'talba kopji ta':

- l-approvazzjonijiet tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità u approvazzjonijiet addizzjonali maħruġa u
- ir-rapporti tal-eżami tad-disinn tal-KE u addizzjonijiet maħruġa

12. Ir-reġistri li jakkumpanjaw iċ-ċertifikat tal-konformità għandhom jkunu mressqa għand l-entità kontraenti

L-entità kontraenti fil-Komunità għandha żżomm kopja tal-fajl tekniku matul il-perjodu tas-servizz tas-subsistema; dan għandu jintbagħat lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li jitlob dan.

Modulu SG: Verifika tal-Unità

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura tal-verifika tal-KE fejn korp notifikat jivverifika u jiċċertifika, fuq talba ta' entità kontraenti jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha stabbilit fil-Komunità, li Subsistema tal-Kontroll u Kmand

- tikkonforma ma' din it-TSI u kwalunkwe TSI rilevanti oħra, li turi li l-ħtiġijiet essenzjali ⁽¹⁾ tad-Direttiva 01/16/KE ⁽²⁾ kienu milħuqa
- tikkonforma mar-regolamenti l-oħra li jirriżultaw mit-Trattat,

u tistgħu titqiegħed fis-servizz.

⁽¹⁾ Il-ħtiġijiet essenzjali huma murija fil-parametri tekniċi, l-interfejs u l-ħtiġijiet tal-prestazzjoni, li huma stabbiliti fil-Kapitolu 4 tat-TSI.

⁽²⁾ Dan il-modulu jista' jintuża fil-futur meta t-TSIs tad-Direttiva HS 96/48/KE jiġu aġġornati.

2. L-entità kontraenti ⁽¹⁾ għandha titfa' applikazzjoni għall-verifika tal-KE (permezz ta' verifika tal-unità) tas-subsistema ma' korp notifikat li tagħżel hi.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- l-isem u l-indirizz tal-entità kontraenti jew tar-rappreżentant awtorizzat tagħha
- id-dokumentazzjoni teknika.

3. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tippermetti li d-disinn, il-manifattura, l-installazzjoni u t-tħaddim tas-subsistema jkunu mifhuma, u għandha tippermetti evalwazzjoni tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tat-TSI.

Id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi:

- deskrizzjoni ġenerali tas-subsistema, id-disinn ġenerali u l-istruttura tagħha,
- ir-reġistru tal-Infrastruttura u/jew il-Vettura Ferrovarja (subsistema), inkluża l-informazzjoni kollha kif speċifikata fit-TSI,
- informazzjoni tad-disinn konċettwali u ta' manifattura, pereżempju disinni, skemi tal-komponenti, sub-assemblaġġ, armar, ċirkwiti, eċċ.,
- deskrizzjonijiet u spjegazzjonijiet meħteġa għall-ftehim tal-informazzjoni tad-disinn u l-manifattura u t-tħaddim tas-subsistema,
- l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż speċifikazzjonijiet Ewropej ⁽²⁾, li kienu applikati,
- kwalunkwe evidenza meħteġa ta' appoġġ għall-użu tal-ispeċifikazzjonijiet ta' hawn fuq, b'mod partikolari fejn l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej u l-klawżoli rilevanti ma kinux applikati kompletament,
- lista tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà li għandhom ikunu inkorporati fis-subsistema,
- kopji tad-dikjarazzjonijiet ta' konformità tal-KE jew tal-adattabbiltà għall-użu li l-kostitwenti msemmija għandhom ikunu pprovduti bihom u l-elementi meħteġa kollha definiti fl-Anness VI tad-direttivi,
- evidenza tal-konformità ma' regolamenti oħra li jirriżultaw mit-Trattat (inklużi ċertifikati)
- dokumentazzjoni teknika rigward il-manifattura u l-armar tas-subsistema,
- lista tal-manifatturi involuti fid-disinn, il-manifattura, l-armar u l-installazzjoni tas-subsistema,
- kundizzjonijiet għall-użu tas-subsistema (restrizzjonijiet tar-running time jew distanza, limiti tal-użu eċċ),
- kundizzjonijiet għall-manutenzjoni u dokumentazzjoni teknika rigward il-manutenzjoni tas-subsistema
- kwalunkwe ħtieġa teknika li għandha tkun ikkunsidrata matul il-produzzjoni, manutenzjoni jew tħaddim tas-subsistema
- riżultati tal-kalkoli tad-disinn magħmula, eżamijiet imwettqa, eċċ.,
- l-evidenzi tekniċi adatti l-oħra kollha, li jistgħu juru li verifiki u testijiet preċedenti twettqu b'suċċess, f'kundizzjonijiet paragunabbli, minn entitajiet indipendenti u kompetenti
- l-evidenzi tekniċi adatti l-oħra kollha, li jistgħu juru li verifiki u testijiet preċedenti twettqu b'suċċess, f'kundizzjonijiet paragunabbli, minn entitajiet indipendenti u kompetenti

Jekk it-TSI tehteġ informazzjoni ulterjuri għad-dokumentazzjoni teknika, dan għandu jkun inkluż.

⁽¹⁾ Fil-modulu, "l-entità kontraenti" tfisser "l-entità kontraenti tas-sistema, kif definita fid-direttiva, jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha stabbilit fil-Komunità".

⁽²⁾ Id-definizzjoni ta' speċifikazzjoni Ewropea hija indikata fid-Direttivi 96/48/KE u 01/16/KE u fil-linji gwida tal-applikazzjoni ta' HS TSIs.

4. Il-korp notifikat għandu jeżamina l-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni teknika, u jidentifika l-elementi li kienu ddisinjati skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TSI u l-Ispesifikazzjonijiet Ewropej, kif ukoll l-elementi li kienu ddisinjati min-għajr l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' daww l-ispesifikazzjonijiet Ewropej.

Il-korp notifikat għandu teżamina s-subsistema u jwettagħ (jew tipparteċipa fi) it-testijiet adatti u meħtieġa biex jistabbilixxi jekk, fejn l-ispesifikazzjonijiet Ewropej rilevanti kienu magħżula, dawn kienu attwalment applikati jew jekk is-soluzzjonijiet adottati jilhqax il-ħtiġijiet tat-TSI meta l-ispesifikazzjonijiet adatti Ewropej ma kinux applikati;

L-eżamijiet, it-testijiet u l-verifiki għandhom ikunu estiżi għall-istadji li ġejjin kif pprovdut fit-TSI:

- id-disinn ġenerali
- l-istruttura tas-subsistema, inklużi, b'mod partikolari u fejn rilevanti, l-attivitajiet tal-inġinerija ċivili, l-armar tal-kostitwent, l-aġġustament finali
- l-ittestjar finali tas-subsistema
- u, fejn speċifikat fit-TSI, il-validazzjoni fil-kundizzjonijiet operattivi totali.

Il-korp notifikat għandu jikkunsidra verifiki u testijiet preċedenti li twettqu b'suċċess, f'kundizzjonijiet paragonabbli minn entitajiet oħra indipendenti u kompetenti ⁽¹⁾. Il-korp notifikat għandu mbagħad jiddeċiedi dwar jekk jużax ir-riżultati ta' dawn il-verifiki jew testijiet. Jekk jaċċetta, il-korp notifikat għandu tinvestiga l-evidenzi ta' dawn il-verifiki jew testijiet preċedenti u għandu jistabbilixxi l-konformità tar-riżultati tagħhom mal-ħtieġa tat-TSI. F'kull każ il-korp notifikat iżomm ir-responsabbiltà finali tagħhom.

5. Il-korp notifikat jista' jaqbel mal-entità kontraenti rigward il-lokazzjonijiet fejn it-testijiet għandhom jitwettqu u jista' jaqbel li t-testijiet tas-subsistema finali u, fejn meħtieġ fit-TSI, testijiet fil-kundizzjonijiet operattivi totali, jitwettqu mill-entità kontraenti taħt superviżjoni diretta u attendenza tall-korp notifikat.
6. Il-korp notifikat għandu jkollu entratura għal skopijiet tal-ittestjar u l-verifika għall-lokazzjonijiet ta' disinn, siti ta' kostruzzjoni, workshops ta' produzzjoni, lokazzjonijiet tal-armar u installazzjonijiet, u fejn adatt, fabbrikazzjoni minn qabel u faċilitajiet tal-ittestjar sabiex jitwettqu x-xogħlijiet tiegħu kif stabbilit fit-TSI.
7. Meta s-subsistema tilħaq il-ħtiġijiet tat-TSI, il-korp notifikat għandu mbagħad, fuq bażi tat-testijiet u l-verifiki mwettqa kif meħtieġ fit-TSI u/jew fl-ispesifikazzjonijiet rilevanti Ewropej, ifassal iċ-ċertifikat tal-konformità maħsub għall-entità kontraenti, li għandha min-naħa tagħha tfassal dikjarazzjoni ta' verifika tal-KE maħsuba għall-awtorità superviżorja fl-Istat Membru li fiha is-subsistema hija allokata u/jew topera.

Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE u d-dokumenti li jakkumpanjawha għandhom ikunu bid-dati u ffirmati. Id-dikjarazzjoni għandha tkun miktuba bl-istess lingwa tal-fajl tekniku u għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni inkluża fl-Anness V tad-Direttiva.

8. Il-korp notifikat għandu jkun responsabbli għall-formulazzjoni tal-fajl tekniku li għandu jakkumpanja d-dikjarazzjoni tal-verifika tal-KE. Il-fajl tekniku għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni indikata fl-Art. 18(3) tad-Direttiva, u b'mod partikolari kif ġej:

- id-dokumenti kollha meħtieġa relatati mal-karatteristiċi tas-subsistema
- il-lista tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà inkorporati fis-subsistema,
- kopji tad-dikjarazzjonijiet tal-konformità tal-KE u, fejn adatt, tad-dikjarazzjonijiet tal-adattabbiltà għall-użu tal-KE, li l-kostitwenti msemmija għandhom ikunu pprovduti skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva, akkumpanjati, fejn adatt, mid-dokumenti korrispondenti (ċertifikati, approvazzjonijiet tas-sistema tal-maniġment tal-kwalità u dokumenti ta' sorveljanza) maħruġa mill-entitajiet notifikati,
- l-elementi kollha relatati mal-manutenzjoni, il-kundizzjonijiet u l-limiti għall-użu tas-subsistema,
- l-elementi kollha relatati mal-istruzzjonijiet li jikkonċernaw l-ġoti tas-servizzi, monitoraġġ kostanti jew ta' rutina, aġġustamnet u manutenzjoni,

⁽¹⁾ Il-kundizzjonijiet għall-affidament tal-verifiki u testijiet preċedenti għandhom ikunu simili mill-kundizzjonijiet, rispettati minn korp notifikat għal attivitajiet ta' subkuntratt (ara § 6.5 tal-Gwida Blu dwar l-Approċċ il-Ġdid); b'mod partikolari, il-korp notifikat huwa awtorizzat iqs dawn l-evidenzi adatta biss jekk l-entitajiet jirrispettaw l-istess kriterji ta' indipendenza u kompetenza mill-entitajiet notifikati.

- iċ-ċertifikat ta' konformità tal-korp notifikat kif imsemmi fil-punt 7, akkumpanjat min-noti korrispondenti tal-kalkolu u ffirmit minnu, li jiddikjara li l-proġett jikkonforma mad-Direttiva u t-TSI, u li jsemmi, fejn adatt, riservi rreġistrati matul it-tweqqif tal-attivitajiet u mhux irtirat; iċ-ċertifikat għandu wkoll ikun akkumpanjat, jekk rilevanti, mir-rapporti tal-ispezzjoni u verifika mfassla b'rabta mal-verifika,
 - evidenza tal-konformità ma' regolamenti oħra li jirriżultaw mit-Trattat (inklużi ċertifikati)
 - ir-reġistru tal-Infrastruttura u/jew il-Vettura Ferrovjarja (subsistema), inkluża l-informazzjoni kollha kif speċifikata fit-TSI.
9. Ir-reġistri li jakkumpanjaw iċ-ċertifikat tal-konformità għandhom jkunu ppreżentati għand l-entità kontraenti. L-entità kontraenti fil-Komunità għandha żżomm kopja tal-fajl tekniku matul il-perjodu tas-servizz tas-subsistema; dan għandu jintbagħat lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li jitlob dan.
-

ANNEX F

IL-PROĊEDURA TAL-EVALWAZZJONI TAL-KONFORMITÀ**Evalwazzjoni tal-Arranġamenti tal-manutenzjoni**

1. Din il-proċedura tal-evalwazzjoni tal-konformità tiddeskrivi dik il-parti tal-proċedura li biha Entità awtorizzata mill-Istat Membru tivverifika u tikkonferma li l-arranġamenti tal-manutenzjoni, li jirrappreżentaw il-manutenzjoni prevista, jissodisfa id-dispożizzjonijiet tat-TSI rilevanti u jiżguraw ir-rispett tal-parametri bażiċi u l-ħtiġijiet essenzjali matul il-ħajja tas-subsistema.
2. L-applikazzjoni għall-evalwazzjoni tal-arranġamenti ta' manutenzjoni għandha tkun imressqa mill-entità kontraenti (jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha stabbilit fil-Komunità), li tipproponi l-arranġamenti tal-manutenzjoni, bl-entità awtorizzata mill-Istat membru.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- l-isem u l-indirizz tal-entità kontraenti u jekk l-applikazzjoni hi ppreżentata mir-rappreżentant awtorizzat, ismu u l-indirizz tiegħu wkoll;
- dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma kinitx mitfugħa ma' kwalunkwe Entità oħra;
- kwalunkwe ħtieġa teknika, li tirriżulta mill-fażi tad-disinn, li għandha tkun ikkunsidrata matul il-manutenzjoni
- id-dokumentazzjoni tal-arranġamenti ta' manutenzjoni, kif deskritt fil-punt 3;
- id-dokumentazzjoni teknika kif deskritt fil-punt 4.

Il-kopja tad-dokumentazzjoni tal-arranġament tal-manutenzjoni sottomessa għandha tkun il-verżjoni finali approvata mill-applikant.

L-entità awtorizzata mill-Istat Membru tista' titlob iktar kopji jekk dan ikun meħtieġ għat-twettiq tal-evalwazzjoni.

3. Id-dokumentazzjoni tal-arranġamenti tal-manutenzjoni għandha tinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:
 - deskrizzjoni ta' kif l-arranġamenti tal-manutenzjoni għandhom ikunu implimentati, użati u kkontrollati;
 - id-dettalji tal-manutenzjoni kollha meħtieġa li titwettagħ, inkluż il-frekwenza tagħha;
 - ix-xenarji operattivi li juru kif informazzjoni ta' feedback meħtieġa (u l-informazzjoni l-oħra kollha relatata mal-manutenzjoni) iddur madwar is-subsistema u prodotti/subsistemi oħra biex tappoġġja l-proċess tal-manutenzjoni;
 - il-proċeduri (jew referenza għal proċeduri) għal proċessi speċifiċi skont l-operazzjonijiet tal-manutenzjoni tal-prodott/subsistema;
 - proċedura għall-maniġment tal-modifiki u l-aġġornament tal-arranġamenti tal-manutenzjoni;
 - deskrizzjoni ta' kwalunwke hardwer u softwer meħtieġa biex jinqraw l-arranġamenti tal-manutenzjoni;
 - deskrizzjoni tal-elementi kollha meħtieġa biex l-arranġamenti tal-manutenzjoni jsiru operattivi ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Għal dan, huwa meħtieġ li l-arranġamenti tal-manutenzjoni jiddefinixxu pereżempju:

- il-proċeduri u l-istruzzjonijiet għall-implimentazzjoni;
- il-ħtiġijiet ta' taħriġ jew kwalifikazzjoni;
- verifiki, validazzjoni, sorveljanza, spezzjonijiet, testijiet, reġistri u l-kriterji tal-aċċettazzjoni tas-subsistema meta l-istadji differenti tal-operazzjonijiet tal-manutenzjoni għandhom jitwettqu;
- kundizzjonijiet għall-użu ta' għodda jew utilitajiet speċifiċi għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni jew testijiet.

4. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tippermetti l-evalwazzjoni tal-konformità tal-arranġamenti tal-manutenzjoni mad-dispożizzjonijiet tat-TSI. Dan għandu, sa fejn ikun rilevanti għal din l-evalwazzjoni, ikopri l-fażijiet differenti tal-iżvilupp tal-arranġamenti tal-manutenzjoni.

Id-dokumentazzjoni teknika, li tiġġustifika l-arranġamenti tal-manutenzjoni, għandha tinkludi:

- deskrizzjoni ġenerali tat-tip, (ħarsa ġenerali ta' kif taħdem is-subsistema u deskrizzjoni tal-funzjonalità teknika);
- speċifikazzjoni li tiddikjara l-kundizzjonijiet u l-kuntest li fih is-subsistema għandha tintuża u miżmuma;
- dimostrazzjoni tal-konsistenza bejn il-ħtiġijiet tat-TSI l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni, il-funzjonalità teknika u l-arranġamenti tal-manutenzjoni;
- id-deskrizzjonijiet, spjegazzjonijiet u r-reġistri kollha meħtieġa għall-ftehim tal-iżvilupp tal-arranġamenti tal-manutenzjoni;
- reġistri tax-xogħol imwettaq biex jivvalida l-arranġamenti tal-manutenzjoni;
- reġistri tal-analiżi ta' tagħmir użat u nies affettwati mill-arranġamenti tal-manutenzjoni;
- kundizzjonijiet għall-użu u l-manutenzjoni tal-kostitwent tal-interoperabbiltà (restrizzjonijiet ta' running time jew distanza, limiti tal-użu eċċ);
- lista tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, li l-arranġamenti tal-manutenzjoni tas-subsistema kienu validati meta mqabbla magħhom.

5. L-entità awtorizzata mill-Istat Membru għandha:

- tidentifika d-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TSI li magħha għandu jikkonforma l-arranġament tal-manutenzjoni;
- tivverifika li d-dokumentazzjoni tal-arranġamenti tal-manutenzjoni u d-dokumentazzjoni teknika huma kompluti u skont il-punti 3 u 4;
- twettaq eżami ta' kull fażi ta' żvilupp tal-arranġamenti tal-manutenzjoni u r-risultati tagħhom sabiex ikun evalwat:
 - jekk kull fażi kinitx amministrata b'mod ikkontrollat;
 - il-kapaċità li jkunu milħuqa l-ħtiġijiet għall-konformità tal-arranġamenti ta' manutenzjoni;
- tiddokumenta s-sejbiet tiegħu fir-rigward tal-konformità tal-arranġament tal-ftehim mad-dispożizzjonijiet tat-TSI.

6. Meta l-arranġamenti tal-manutenzjoni jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tat-TSI, l-entità awtorizzata mill-Istat Membru għandha toħroġ rapport ta' eżami tal-arranġamenti tal-manutenzjoni lill-applikant. Ir-rapport għandu jinkludi l-isem u l-indirizz tal-entità kontraenti, il-konklużjonijiet tal-eżami, il-kundizzjonijiet għall-validità tiegħu, referenza għas-subsistema miżmuma u l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-arranġamenti tal-manutenzjoni.

Il-partijiet rilevanti tad-dokumentazzjoni teknika, inkluż id-deskrizzjoni tal-arranġamenti tal-manutenzjoni u l-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tagħhom, għandhom ikunu annessi mar-rapport u tinżamm kopja mill-entità awtorizzata mill-Istat Membru.

Jekk l-entità kontraenti tiġi miċħuda rapport tal-arranġamenti tal-manutenzjoni, l-entità awtorizzata mill-Istat membru għandha ttipprovdi raġunijiet dettaljati għal dan ir-rifjut.

Għandha ssir dispożizzjoni għal proċedura tal-appelli.

ANNEX G

PUNTI MIFTUĦA

PRIJORITÀ TA' PUNT MIFTUĦ

Għandu jkun hemm distinzjoni bejn 2 prijoritajiet

Prijorità 1 (P1): L-iktar parti urġenti

Prijorità 2 (P2): L-inqas parti urġenti

Interfejsis

It-Taqsim 4, 3

Funzjonalità ta' intersezzjoni fuq l-istess livell (P1) (baseline 3.0.0). Interfejsis b'OPE TSI, marġni ta' sigurtà tal-ibbrejjar (P1) Interfejsis ma' Unitajiet u kowċis ta' Trazzjoni ta' Vetturi Ferrovjarji tat-TSI (P1) Interfejs bejn l-apparat tal-viġilanza tal-Vetturi Ferrovjarji u l-armar abbord tal-GSM-R (P1)

Anness A

Indiċi 1	FRS (għas-suġġett tal-Intersezzjonijiet fuq l-istess Livell) (P1 marbut ma' LX)
Indiċi 16	Dokument approvat bir-rimarka tal-approvazzjoni CEPT pendenti
Indiċi 28	Kredibbiltà — Ħtiġijiet ta' Disponibbiltà (P1)
Indiċi B32	Linja gwida għal referenzi (P1)
Indiċi 38	Bords Indikaturi (P1) Disinn miftiehem, dokument li għandu jkun prodott
Indiċi 41	JRU Speċifikazzjoni tal-Ittestjar (P1) marbuta mal-Indiċi 55
Indiċi 44	Odometrija FIS (P2)
Indiċi 47	Ħtiġijiet ta' Sigurtà u Ħtiġijiet għall-Analiżi ta' Sigurtà għall-Interoperabbiltà għas-Subsistema tal-Kontroll u Kmand u s-Sinjalazzjoni (P1)
Indiċi 48	Speċifikazzjoni tal-ittestjar għal tagħmir mobbli GSM-R (P1)
Indiċi 50	Speċifikazzjoni tal-ittestjar għal EUROLOOP (P1)
Indiċi 51	Aspetti ergonomiċi tad-DMI (P1)
Indiċi 53	ETCS valuri tal-varjabbli kkontrollati barra l-UNISIG — Manwal — (P1)
Indiċi 55	Ħtiġijiet tal-linja bażi ta' reġistratur ġuridiku (P1 għal ġenerali)
Indiċi 56	KM Ħtiġijiet ta' Konformità (P1)
Indiċi 57	Ħtiġijiet tat-twaħħil minn qabel tat-tagħmir tal-ERTMS abbord (P1)
Indiċi 58	Ħtiġijiet għal Interfejs ta' Komunikazzjoni Sikura RBC-RBC (P1)
Indiċi 59	Ħtiġijiet dwar it-twaħħil minn qabel tat-tagħmir ERTMS ta' maġenb il-binarij (P1)
Indiċi 60	ETCS maniġment tal-verżjoni (P1)
Indiċi 61	GSM-R maniġment tal-verżjoni (P1)
Indiċi 62	RBC-RBC Speċifikazzjoni tal-ittestjar għal Interfejs ta' Komunikazzjoni Sikura (P1)
Indiċi 63	RBC-RBC Interfejs ta' Komunikazzjoni Sikura (P1)

GSM-R:

Interkonnessjoni u roaming bejn networks tal-GSM-R (P1)

Intersezzjoni tal-fruntieri (P1)

GPRS u ASCI (P2)

Anness A Appendiċi 1: (P1)

- 2.1.5 Relazzjoni bejn id-distanza tal-fus u d-dijametru tar-rotta
- 3.2.1 Spazju mingħajr metall madwar ir-rotta
- 3.3.1 Massa tal-metall ta' vettura
- 3.5.4 Ħtiġijiet addizzjonali dwar lokomotivi u unitajiet multipli
- 4.1 Użu ta' tagħmir tat-trammil
- 4.2.1 Użu ta' blokk tal-brejkijiet komposti

- 5.1.1 Interferenzi elettromanjetiċi (Kurrent ta' trazzjoni)
- 5.3.1 Interferenzi elettromanjetiċi (Kampi elettriċi, manjetiċi, elettromanjetiċi)

Anness A Appendiċi 2: (P1)

HABD

Anness B, parti 4.

ETCS Klassi 1 CCM punti miftuħa relatati

Speċifikazzjoni ta' wħud mill-varjabbli tal-ETCS (P1)

Interfejsis addizzjonali

Funzjonalità u interfejsis tas-sistemi tal-protezzjoni tal-persunal lis-sistema tas-sinjalazzjoni (P2)

Interfejs mal-brejk tas-servizz. Dan għandu jkun eżaminat matul l-elaborazzjoni tat-TSI għall-vetturi ferrovjarji.

ANNEX H

SINTESI TAL-KURITURI TAL-ETCS-NET

ETCS-Net taqsimiet ferrovjarji konvenzjonali fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u l-PE 884/2004/KE ⁽¹⁾

Assi ferrovjarja Berlin-Verona/Milano-Bologna-Napoli-Messina-Palermo

- Halle/Leipzig-Nürnberg
- Nürnberg-München
- München-Kufstein
- Kufstein-Innsbruck
- Brenner tunnel, taqsima trans-konfinali;
- Verona-Napli
- Milan-Bologna

Linja ta' Betuwe

Assi ferrovjarja Lyon-Trieste-Divaèa/Koper-Divaèa-Ljubljana-Budapest-fruntiera tal-Ukrajna

- Lyon-St Jean de Maurienne
- Mont-Cenis tunnel, taqsima trans-konfinali;
- Bussoleno-Turin
- Turin-Venezja
- Venezja-Ronchi Sud-Trieste Divaèa
- Koper- Divaèa -Ljubljana
- Ljubljana-Budapest

Assi multimodali Portugall/Spanja-il-bqija tal-Ewropa

- La Coruña — Porto
- Porto -Valladolid

Assi tat-triangoli nordiku ferrovjarju/fit-triq

Proġetti ferrovjarji fl-Isvezja li jinkludu Stokkolma-Malmö, Stokkolma-Charlottenberg (fruntiera Norveġiża) u Kornsjö (fruntiera Norveġiża)-Göteborg-Malmö.

- Kerava-Lahti
- Helsinki-Vainikkala (Fruentiera Russa)

⁽¹⁾ L-implimentazzjoni tal-ERTMS/ETCS fit-taqsimiet ferrovjarji ta' veloċità għolja tal-proġetti inklużi f'din il-lista hija koperta mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/731/KE.

Assi ferrovjarja tal-merkanzija Sines-Madrid-Pariġi

- Assi ferrovjarja ġdida ta' kapaċità għolja fil-Pirinej;
- Sines-Badajoz
- Algeciras-Bobadilla

Assi ferrovjarja Pariġi-Strasburgu-Stuttgart-Vjenna-Bratislava

- Baudrecourt-Strasburgu-Stuttgart mal-pont ta' Kehl bħala taqsima trans-konfinali
- Stuttgart-Ulm
- München-Salzburg, taqsima trans-konfinali;
- Salzburg-Vjenna
- Vjenna-Bratislava, taqsima trans-konfinali

Assi ferrovjarja Fehmarn Belt

- Fehmarn Belt link fissa ferrovjarja/fit-triq
- Linja ferrovjarja għal aċċess fid-Danimarka minn Öresund
- Linja ferrovjarja għal aċċess fil-Ġermanja minn Hamburg
- Linja ferrovjarja Hannover-Hamburg/Bremen

Assi ferrovjarja Ateni-Sofija-Budapest-Vjenna-Praga-Nürnberg/Dresden

- Fruntiera Griega/Bulgara-Kulata-Sofija-Vidin/Calafat
- Curtici-Brasov (lejn Bukarest u Constanta)
- Budapest-Vjenna, taqsima trans-konfinali;
- Bøeclav-Praga-Nürnberg, ma' Nürnberg-Praga bħala taqsima trans-konfinali.
- Assi ferrovjarja Praga-Linz

Assi ferrovjarja Gdansk-Varsavja-Brno/Bratislava-Vjenna

- Linja ferrovjarja Gdansk-Varsavja-Katowice
- Linja ferrovjarja Katowice-Bøeclav
- Linja ferrovjarja Katowice-Zilina-Nove Mesto n.V.

Assi ferrovjarja Lyon/Genova-Basel-Duisburg-Rotterdam/Antwerpen

- Lyon-Mulhouse-Mülheim ⁽¹⁾, ma' Mulhouse-Mülheim bħala taqsima trans-konfinali
- Genova-Milan/Novara-fruntiera Svizzera
- Basel-Karlsruhe
- Frankfurt (jew Mainz)-Mannheim;

⁽¹⁾ Inkluż il-TGV Rhin-Rhône, mingħajr il-fergħa tal-punent.

- Duisburg-Emmerich
- “Iron Rhine” Rheidt-Antwerp, taqsima trans-konfinali

Assi ferrovjarja/bit-triq l-Irlanda/ir-Renju Unit/l-Ewropa kontinentali

- Felixstowe-Nuneaton
- Crewe-Holyhead

Assi “Rail Baltica” Varsavja-Kaunas-Riga-Tallinn-Helsinki

- Varsavja-Kaunas
- Kaunas-Riga
- Riga-Tallinn

“Eurocaprail” fuq l-assi ferrovjarja Brussell-Lussemburgu-Strasburgu

- Brussell-Lussemburgu-Strasburgu (2012).

ETCS-Net taqsimiet ferrovjarji konvenzjonali mhux koperti mill-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u l-PE 884/2004/KE Set I ⁽¹⁾

TEN Kuritur II — E20 fl-assi Berlin-Varsavja, il-Polonja

TEN Kuritur III — E30 bejn il-fruntiera tal-Punent (Zgorzelec) u Krakovja, il-Polonja

TINA/AGTC double track line CE-59 — traffiku mit-tramuntana għal nofsinhar mill-Iskandinavja sal-Balkani, il-Polonja.

Budapest — Bukarest — Constanta (parti mill-Kuritur Pan-Ewropew IV).

Ljubljana — Zagreb/Belgrad/Bar/Skoppie — Salonika (parti mill-kuritur Pan-Ewropew X).

ETCS-Net taqsimiet ferrovjarji konvenzjonali mhux koperti mill-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u l-PE 884/2004/KE Set II

Antwerp-Athus/Bettembourg-Basel-Milan

Hallsberg/Mjölby, l-Isvezja

ETCS fuq il-konnessjoni Oresund minn ġod-Danimarka fuq Storebelt link

Aachen – Horka/Frankfurt (O), il-Ġermanja

Il-Ġermanja

Kehl-Salzburg

Flensburg – Kufstein

Emmerich – Basel xi partijiet mill-Ġermanja

⁽¹⁾ Proġetti allokati totalment jew parzjalment fi Stati Membri fejn ir-Regolament tal-KE 1260/1999 u r-Regolament tal-KE 1264/1999 (Fondi ta' Koeżjoni) japplikaw.

Hambourg – Bad Schandau

Darmstadt – Passau

Franza

Metz – Dijon – Lyon – Avignon – Perpignan (il-fruntiera Spanjola)

Le Havre — Rouen — Amien — Arras

Pariġi — Tours — Bordeaux — Dax

Pariġi — Reims — Metz (TGV EST)

Pariġi — Mâcon — Lyon (TGV Sud-Est)

Calais — Metz

Stokkolma-Nyland-Umea

ETCS-Net taqsimiet ferrovjarji ta' veloċità għolja ⁽¹⁾

Assi ferrovjarja ta' veloċità għolja Pariġi-Brussell/Brussell-Köln-Amsterdam-Londra

- Channel tunnel-Londra
- Bruxelles/Brussel-Liège-Köln
- Bruxelles/Brussel-Rotterdam-Amsterdam

Assi ferrovjarja ta' veloċità għolja tal-Ewropea tal-Lbiċ

- Lisbona/Porto-Madrid
- Madrid-Barcellona

Cordoba — Sevilla

- Barcellona-Figueras-Perpignan
- Perpignan-Montpellier
- Montpellier-Nîmes
- Madrid-Vitoria-Irún/Hendaye
- Irún/Hendaye-Dax, taqsima trans-konfinali
- Dax-Bordeaux
- Bordeaux-Tours

Assi ferrovjarja ta' veloċità għolja fil-lvant

- Pariġi-Baudrecourt
- Metz-Lussemburgu
- Saarbrücken-Mannheim

⁽¹⁾ Implimentazzjoni koperta mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/731/KE.

Linja ewlenija tal-kosta tal-Punent

Interoperabbiltà tal-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja fuq il-peninżula Iberika

- Madrid-Andalucía
 - Grigal
 - Madrid-Levante u l-Mediterran
 - Kuritur tat-Tramuntana/Majjistral, inkluż Vigo-Porto
 - Extremadura
-